

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 309

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

19 ta' Diċembru 2007

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti ta' l-Awdituri

2007/C 309/01	Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	1
2007/C 309/02	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (li qabel kien iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija) għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	6
2007/C 309/03	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	13
2007/C 309/04	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	18
2007/C 309/05	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	24
2007/C 309/06	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	29
2007/C 309/07	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	34
2007/C 309/08	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	40



Prezz: 26 EUR

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

<u>Avviż Nru</u>	<u>Werrej (ikompli)</u>	<u>Pàġna</u>
2007/C 309/09	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	47
2007/C 309/10	Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	55
2007/C 309/11	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	62
2007/C 309/12	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija	67
2007/C 309/13	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità	72
2007/C 309/14	Rapport dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità	80
2007/C 309/15	Rapport fuq il-kontijiet annwali taç-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Profjessjonali għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taç-Ċentru	86
2007/C 309/16	Rapport fuq il-kontijiet annwali taç-Ċentru ta' Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taç-Ċentru	94
2007/C 309/17	Rapport fuq il-kontijiet annwali taç-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taç-Ċentru	99
2007/C 309/18	Rapport fuq il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ	105
2007/C 309/19	Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Eurojust	111
2007/C 309/20	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni	116
2007/C 309/21	Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni	122
2007/C 309/22	Rapport fuq il-kontijiet annwali taç-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taç-Ċentru	128
2007/C 309/23	Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju	135
2007/C 309/24	Rapport fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju	141

Rettifika

2007/C 309/25	Rettifika għar-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006, flimkien mar-risposti ta' l-istituzzjonijiet (ĠU C 273, 15.11.2007)	147
---------------	---	-----



IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET
U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TA' L-AWDITURI

RAPPORT

**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà
tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 flimkien
mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/01)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	2
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	2
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	2
Tabella 1 sa 4		3
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		5

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 ⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali ta' l-Aġenzija huwa li ssaħħa il-kapaċità tal-Komunità li tipprevjeni u tirrispondi għall-problemi ta' sigurtà tan-netwerks u l-infurmazzjoni billi tibni fuq l-isforzi nazzjonali u tal-Komunità.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 hija ppreżentata fit- *Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' infurmazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ kienu magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 460/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. L-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 turi rata ta' utilizzazzjoni ta' 90 % ta' approprijazzjonijiet ta' impenn u 76 % ta' approprijazzjonijiet ta' pagament. Kien hemm konċentrazzjoni ta' tranżazzjonijiet fl-aħħar erba' xhur tas-sena. Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fil-proċeduri sabiex jiġi stabbilit il-baġit, wasslu għal numru għoli ta' trasferimenti ⁽⁴⁾. B'hekk, il-prinċipji baġitarji ta' annwalità u speċifikazzjoni ma kinux osservati b'mod rigoruż.

8. Il-*software* ġenerali tal-kontabilità wżat mill-Aġenzija jippermetti li jiġu emendati r-reġistrazzjonijiet mingħajr ma jitħalla rekord tat-tranżazzjonijiet. Barra minn hekk, sistema sabiex jiġu rreġistartati l-fatturi li tassigura l-eżattezza ta' l-infurmazzjoni finanzjarja fil-kontijiet finali, ma ġiet imwaqqfa.

9. Il-proċeduri ta' kontroll intern meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju sabiex jassiguraw trasparenza u ġestjoni finanzjarja tajba għadhom ma ġewx iddokumentati kollha. Il-Bord Amministrattiv ma adottax formalment standards għall-kontroll intern u l-kodiċi ta' etika professjonali. Istruzzjonijiet bil-miktub sabiex tiġi arkivjata dokumentazzjoni ta' sostenn kienu mitlufa. Sezzjoni għall-irregolaritajiet finanzjarji ma kinitx stabbilita.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fl-1 ta' Lulju 2007 u rċevuti mill-Qorti fil-5 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Matul l-2006, saru aktar minn 45 trasferiment.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (Heraklion)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja	Kompetenzi ta' l-Aġenzija (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 460/2004 ta' l-10 ta' Marzu 2004)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija	Prodotti u servizzi provduti	
<p>Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri, bi ftehim komuni, adottaw dikjarazzjoni dwar it-twaqqif ta' Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni. L-Aġenzija għandha topera bħala punt ta' referenza u toħloq kunfidenza permezz ta' l-indipendenza, il-kwalità tal-parir li hija tagħti u l-infommazzjoni li tqassam, it-trasparenza tal-proċeduri tagħha u tal-metodi li bihom topera, u d-diliġenza tagħha fit-tweqqif tal-kompiti assenjati lilha.</p> <p>(Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Frar 2004 meħuda fuq bażi ta' l-Artikolu 251 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>1. L-Aġenzija ssaħħa il-kapaċità tal-Komunità, ta' l-Istati Membri u tan-negozji tal-Komunità sabiex jipprevjenu, jindirizzaw u jrispondu għall-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni.</p> <p>2. L-Aġenzija tipprovdi assistenza u pariri lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħhom.</p> <p>3. L-Aġenzija tiżviluppa livell għoli ta' kompetenza u tuża din il-kompetenza biex tistimula koperazzjoni wiesgħa bejn l-atturi mis-setturi pubbliċi u privati.</p> <p>4. L-Aġenzija tassisti l-Kummissjoni, meta tkun mitluba, biex tiżviluppa l-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni.</p>	<p>Kompiti</p> <p>L-Aġenzija:</p> <p>(a) tiġbor l-infommazzjoni fuq riskji kurrenti u emerġenti li jstgħu jipproduċu impatt fuq in-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi;</p> <p>(b) tipprovdi lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u korpi Ewropej jew korpi nazzjonali kompetenti b'pariri u assistenza.</p> <p>(c) issaħħa il-koperazzjoni bejn l-atturi f'dan il-qasam;</p> <p>(d) tiffaċilita l-koperazzjoni fuq metodoloġiji komuni sabiex jindirizzaw kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni.</p> <p>(e) tikkontribwixxi sabiex tqajjem kuxjenza fuq kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni;</p> <p>(f) tassisti l-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-relazzjonijiet ma' l-industrija;</p> <p>(g) tfittex standards;</p> <p>(h) tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar ir-riċerka fil-qasam tan-netwerk u l-infommazzjoni;</p> <p>(i) tippromwovi l-attivitajiet fuq l-istima tar-riskju, dwar soluzzjonijiet ta' prevenzjoni;</p> <p>(j) tikkontribwixxi għall-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi.</p>	<p>1 Bord Amministrattiv</p> <p>1. Huwa kompost minn rappreżentant minn kull Stat Membru, tlett rappreżentanti maħturin mill-Kummissjoni u tlett rappreżentanti, mingħajr id-dritt tal-vot, kull wieħed minnhom jirrappreżenta l-gruppi li ġejjin:</p> <p>(a) l-industrija tat-teknoloġiji ta' l-infommazzjoni u tal-komunikazzjoni;</p> <p>(b) il-gruppi tal-konsumaturi;</p> <p>(c) esperti akkademiċi.</p> <p>2. Il-membri tal-Bord jstgħu jkunu sostitwiti b'alterni.</p> <p>2 Direttur Eżekuttiv</p> <p>1. L-Aġenzija hija mmexxija mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li huwa indipendenti fit-tweqqif tad-dmirijiet tiegħu.</p> <p>2. Id-Direttur Eżekuttiv huma maħtur għal kariga ta' ħames snin.</p> <p>3 Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>4 Verifika interna</p> <p>L-Awditur Intern tal-Kummissjoni</p> <p>5 Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali għall-2006:</p> <p>6.9 (6.3) miljun euro (100 % sussidju tal-Komunità)</p> <p>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>44 (38) kariga skond il-pjan ta' twaqqif,</p> <p>karigi okkupati: 38 (35)</p> <p>8 (15) persunal ieħor</p> <p>Total tal-persunal: 46 (50)</p> <p>assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>operattivi: 24 (22)</p> <p>amministrattivi: 22 (28)</p>	<p>Gruppi ta' xogħol:</p> <p>Tlett Gruppi ta' Xogħol fuq (a) Tmexxija tar-Riskju/Stima tar-Riskju, (b) CERTS u (c) Aspetti regolatorji tas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (RANIS).</p> <p>Pubblikazzjonijiet</p> <p>Rapport annwali,</p> <p>ENISA Quarterly (erba' ħarġiet)</p> <ul style="list-style-type: none"> — Who's Who on NIS database. — CD-ROM 1 "ENISA inventory of CERT activities in Europe" — CD-ROM 1 "Raising Awareness in Information Security, Insight and Guidance for Member States" — Sitt Fact Sheets dwar l-ENISA u l-attivitajiet tagħha — 30 dikjarazzjoni ta' l-istampa — Il-Grupp Permanenti tal-Partijiet Interessati (PSG) "Vision for ENISA" -dokument — L-Abbozz ta' l-Istrateġija ta' l-ENISA 2008-2011 ipproċessat mill-PSG u l-Bord Amministrattiv — Gwida dwar kif twaqqaf ĊERTA — Rapport dwar il-koperazzjoni CERT — Gwida għall-Utenti: Kif tqajjem kuxjenza fuq is-Sigurtà ta' l-Infommazzjoni — Pakkett — Programmi dwar Kuxjenza fuq is-Sigurtà ta' l-Infommazzjoni fl-UE — Esperjenzi u Gwida għall-Istati Membri — Kollezzjoni ta' l-Aħjar Prattiċi — l-"ENISA Knowledgebase" — Studju fuq miżuri tas-sigurtà u anti-spam għall-fornituri <p>Koperazzjoni ma' stati membri u istituzzjonijiet oħra</p> <ul style="list-style-type: none"> — 15-il avveniment konġunt ma' l-Istati — tmien tweġibiet għal talbiet mill-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet

Sors: Infommazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (Heraklion) — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa									
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	impenjati	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	6 940	6 600	Titolu I Persunal	4 249	3 989	3 728	253	268	257	257	178	79
Dħul ieħor	12	12	Titolu II Amministrazzjoni	859	779	653	126	80	1 065	1 065	863	202
			Titolu III Attivitajiet operattivi	1 844	1 542	989	538	317	790	790	271	519
Total	6 952	6 612	Total	6 952	6 310	5 370	917	665	2 112	2 112	1 312	800

Sors: Id-dejta ta' l-Aġenzija — Dawn it-tabelli jgħbruh fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul irċevut u pagamenti huma stmati fuq bażi ta' flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (Heraklion) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2005 u 2006

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul Operattiv		
Sussidji komunitarji	5 476	4 251
Dħul ieħor	12	—
Total (a)	5 488	4 251
Nefqa Operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	3 100	1 040
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	103	31
Nefqa amministrattiva oħra	1 515	1 563
Operazzjonijiet ta' nfiq	1 236	518
Total (b)	5 954	3 152
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operazzjonali (c = a - b)	- 466	1 099
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	—	—
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	- 2	- 1
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operazzjonali (g = e - f)	- 2	- 1
Eżitu ekonomiku għas-sena (h = c + g)	- 468	1 098

Sors: Id-dejta ta' l-Aġenzija — dawn it-tabelli jgħbruh fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (Heraklion) — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fissi mhux taṅgibbli	33	12
Attiv fissi taṅgibbli	312	332
Attiv kurrenti		
Riċevibbli ta' skadenza qasira	56	13
Likwidità u ekwivalenti likwidi	2 519	2 510
Total ta' l-attiv	2 920	2 867
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	66	45
Kontijiet pagabbli	2 224	1 724
Total tal-passiv	2 290	1 769
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra kumulattivi	1 098	—
Eżitu ekonomiku għas-sena	- 468	1 098
Total ta' l-attiv nett	630	1 098
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	2 920	2 867

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Minħabba l-fatt li l-aġenzija kienet fl-ewwel sena sħiħa tagħha ta' xogħol, l-attivitajiet tagħha intensifikaw fit-tieni nofs tas-sena u dan irriżulta f'ħafna transazzjonijiet għall-aħħar kwart tas-sena. Barra minn hekk, fl-2006, il-pożizzjoni ta' uffiċjal tal-baġit baqgħet vojta għal aktar minn ħames xhur u din is-sitwazzjoni affettwat il-kapaċità ta' l-aġenzija sabiex tkun tista' tagħmel l-aħjar użu mill-ippjanar u tnaqqas it-trasferimenti għas-sena.

8. L-ENISA kienet diġà applikat għal ABAC, is-softwer tal-kontabilità tal-Kummissjoni sa mill-2005. Skond il-programm

tal-Kummissjoni, il-proġett se jiġi mniedi kmieni fl-2008. Is-sistema għar-reġistrazzjoni tal-fatturi ġiet riveduta qabel it-tħejjija tal-kontijiet annwali u qed tiġi applikata sa minn dak iż-żmien.

9. L-ENISA għandha l-ħsieb li tippreżenta standards għall-kontroll intern kif ukoll kodiċi ta' etika professjonali sabiex dawn jiġu adottati mill-Bord Amministrattiv. Id-direttur eżekuttiv għandu jwarrqaf l-istruttura organizzattiva u l-proċeduri u l-kontrolli kollha neċessarji sabiex dawn jiġu implimentati.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea
għad-Drittijiet Fundamentali (li qabel kien iċ-Ċentru Ewropew ta'
Monitoraġġ dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija) għas-sena finanzjarja
2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/02)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	7
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	7
OSSERVAZZJONIJIET	7-10	7
Tabelli 1 sa 4		9
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		12

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (li qabel kienet iċ-Ċentru ta' Sorveljanza Ewropew għall-Ħarsien mir-Razzizzmu u l-Ksenofobija minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997 ⁽¹⁾ u modifikata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 ⁽²⁾, li estenda l-kompetenzi tagħha. Il-kompiti primarji ta' l-Aġenzija huma li ttiprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni ta' min joqgħod fuqha dwar ir-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-semitizzmu fl-Unjoni u li tikkopera mal-Kunsill ta' l-Ewropa f'dawn l-oqsma.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-Tabelli 2, 3 u 4 għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 ⁽³⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽⁴⁾ ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1035/97, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 151, 10.6.1997, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fil-11 ta' Mejju 2007 u rċevuti mill-Qorti fl-1 ta' Lulju 2007.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. L-Aġenzija ttrasferixxiet 235 000 euro mir-riżerva operattiva (it-Titolu III) għat-Titolu I (nefqa fuq il-persunal) biex tkopri l-ispejjeż miżjuda għall-persunal temporanju. Il-ġustifikazzjoni għal dan it-trasferiment ma kinitx dokumentata kif meħtieġ mill-artikolu 23(3) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

8. Fl-2006, l-Aġenzija ddeċidiet li tassumi għal kollox l-ispejjeż tal-provvediment ta' l-edukazzjoni għat-tfal tal-persunal mingħajr ma applikat l-Artikolu 3 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Il-pagamenti saru fl-2006 għalkemm id-deċiżjoni ma kinitx ġiet adottata mill-Bord Maniġerjali u l-ebda ftehim formali ma kien ġie ffirmat ma' skejjel lokali xierqa ⁽⁵⁾.

9. F'Mejju 2006, id-Direttur approva proċeduri għat-tmexxija tar-reklutaġġ tal-persunal għall-Aġenzija. Fuq bosta punti, dawn il-proċeduri ma kinux konformi mar-regoli u l-obbjettivi tar-Regolamenti tal-Persunal: nuqqas ta' rispett tal-prinċipju ta' parità fil-kompożizzjoni tal-bord ta' l-għażla; twaqqif ta' lista ta' riżerva f'ordni alfabetika; l-ebda possibbiltà effettiva għal appell mogħtija lill-kandidati rroffati matul il-fażi ta' evalwazzjoni preliminarja.

⁽⁵⁾ Ammont ta' onorarji ta' l-iskola (sena skolastika 2006/2007) aċċettat għar-rimborż fl-2006 31 340 euro.

10. F'proċedura waħda ta' akkwist għal kuntratt qafas ⁽¹⁾, l-Aġenzija rċeviet żewġ offerti. Waħda minnhom kienet irroftata mill-kumitat ta' ftuħ fuq il-bażi li din kienet waslet tard filwaqt li

dan ma kienx minnu. Il-kuntratt ingħata lit-tieni offerta rċevuta, għalkemm kisbet marka baxxa ħafna għall-ewalwazzjoni tal-kwalità.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Valur stmat għal 4 snin: 400 000 euro.

Tabella 1

L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna)

Oqsma ta' kompetenza komunitarja stipulata fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1035/97 tat-2 ta' Ġunju 1997	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi fornuti matul is-sena finanzjarja 2006	
<p>Ġbir ta' l-informazzjoni</p> <p>Biex twettaq il-kompiti fdati lilha, il-Kummissjoni tista' tiġbor kull tagħrif u tagħmel il-verifiki kollha meħtieġa fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Trattat.</p> <p>(l-Artikolu 284)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri tagħha b'dejta oġġettiva, ta' min joqgħod fuqha u komparabbli fuq livell Ewropew dwar il-fenomeni tar-razziżmu, il-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu. — Koperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill ta' l-Ewropa biex ma tħallix li jkun hemm duplikazzjoni u biex jinkiseb valur miżjud. 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tistudja kemm huma kbar u kif żviluppaw il-fenomeni ta' razziżmu u ksenofobija; — Tiġbor u tanalizza tagħrif, permezz tan-Netwerk Ewropew ta' Tagħrif dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (RAXEN); — Tagħmel stħarriġ xjentifiċi; — Tinkoraġġixxi t-tqassim ta' l-informazzjoni fuq firxa wiesgħa; — Tifformula opinjonijiet għall-Komunità u għall-Istati Membri tagħha; — Tiżviluppa indikaturi u kriterji biex tittejjeb il-komparabilità tad-dejta; — Tippubblika rapport annwali fuq is-sitwazzjoni ir-razziżmu u l-ksenofobija. 	<p>1. Bord tat-Tmexxija</p> <p>Kompożizzjoni</p> <p>Persuna indipendenti maħtura minn kull Stat Membru, persuna indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew, persuna indipendenti maħtura mill-Kunsill ta' l-Ewropa u minn rappreżentant tal-Kummissjoni.</p> <p>Dmirijiet</p> <p>Jadotta l-programm tal-ħidma u r-rapport annwali ġenerali. Jadotta l-baġit finali u l-pjan organiku. Jagħti opinjoni fuq il-kontijiet finali.</p> <p>2. Bord Eżekuttiv</p> <p>Kompożizzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — President tal-Bord tat-Tmexxija — Rappreżentant tal-Kunsill ta' l-Ewropa — Rappreżentant tal-Kummissjoni — Żewġ membri oħra tal-Bord tat-Tmexxija <p>3. Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tat-Tmexxija wara proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>4. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>5. Verifika interna</p> <p>Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni</p> <p>6. Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>9,5 miljun euro (8,3 miljun euro); inkluża kontribuzzjoni Komunitarja: 100 % (100 %):</p> <p>Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>37 (37) kariga mniżżla fil-pjan organiku,</p> <p>karigi okkupati: 35 (35)</p> <p>+ 10 (4) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali u ta' l-aġenzija ta' l-impjieġ)</p> <p>Total tal-persunal: 47 (41)</p> <p>assenjati fil-kompiti segwenti</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi: 28 (24) — amministrativi: 15 (13) — imħallta: 4 (4) 	<p>Raxen:</p> <p>Numru ta' kontribuzzjonijiet fil-25 punt fokali nazzjonali: 375</p> <p>Numru ta' laqgħat: 2</p> <p>Rapporti ta' riċerka:</p> <p>Numru ta' rapporti: 9</p> <p>Numru ta' laqgħat: 5</p> <p>Rapporti annwali: 2</p> <p>Bullettin ta' l-EUMC: 6</p> <p>Equal Voices: 3</p> <p>Koperazzjoni ma' l-istati membri u l-istituzzjonijiet l-oħra</p> <p>(numru ta' avvenimenti organizzati b'mod konġunt):</p> <ul style="list-style-type: none"> — Stati Membri: 15 — Kummissjoni: 29 — Il-Parlament Ewropew: 7 — COR: 2 — KESE: 1 — Il-Kunsill ta' l-Ewropa: 10 — OSCE: 4 — UN: 1 — Bejn l-aġenziji: 4 — NRT: 4 — ERT: 1

Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa										
Sors taddħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti missena/snin finanzjarja/i preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	impenjati	imħallsa	li għandhom ikunu trasferiti	annullati
Dħul proprju	0	0	Titolu I Persunal	3 923	3 743	3 693	50	180	70	70	53	0	17
Sussidji komunitarji	8 800	8 800	Titolu II Amministrazzjoni	969	923	640	283	46	581	581	570	0	11
Dħul allokati (Phare) ⁽¹⁾	484	484	Titolu III Attivitajiet operattivi	3 908	3 695	2 753	942	213	667	667	647	0	20
Dħul ieħor	0	132	Dħul allokati (Phare u oħrajn) ⁽¹⁾	484	325	239	245	0	90	90	90	0	0
Total	9 284	9 416	Total	9 284	8 686	7 325	1 520	439	1 408	1 408	1 360	0	48

⁽¹⁾ L-ammont imdaħħal fil-bidu fil-baġit kien ta' 648 000 euro, li minnu l-Kummissjoni ma ħallsitx 164 000 euro. Għal raġunijiet ta' ċarezza u preċiżjoni, l-ammont ikkorreġut ta' 484 000 euro huwa muri.

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma smati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna)
— Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	8 609	7 466
Dħul ieħor	8	14
Total (a)	8 618	7 480
Spejjeż operattivi		
Spejjeż relatati mal-persunal	3 051	2 729
Infiq relatat ma' l-attiv fiss	52	52
Spejjeż amministrattivi oħra	1 403	977
Spejjeż operattivi	3 556	3 304
Total (b)	8 061	7 062
Riżultat ekonomiku għas-sena (c = a – b)	556	418

Tabella 4

L-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (Vjenna)
— Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	84	25
Attiv fiss tanġibbli	388	128
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	70	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	453	360
Likwidità u ekwivalenti likwidi	2 288	2 832
Total ta' l-attiv	3 282	3 345
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	48	56
Kontijiet pagabbli	1 535	2 146
Total tal-passiv	1 582	2 202
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	1 143	725
Riżultat ekonomiku għas-sena	556	418
Total ta' l-attiv nett	1 700	1 143
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	3 282	3 345

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Ir-riżerva ġiet inkluża fit-Titolu III u intiża li jkollha għan ġenerali. L-Aġenzija speċifikat l-allokkazzjoni tar-riżerva bejn id-diversi Titoli tal-baġit fil-baġit tagħha ta' l-2007. L-Aġenzija minkejja dan ser tagħmel sforzi partikolari sabiex ttipprovdi justifikazzjoni aktar sħiħa u dokumentazzjoni ta' trasferimenti magħmula.

8. L-Aġenzija ser ttipproċedi bil-firma tal-ftehim ma' skejjel lokali xierqa. Id-deċiżjoni għandha tiġi sottomessa lill-Bord ta' Tmexxija għall-adozzjoni f'Ottubru 2007.

9. Minkejja li l-Anness III tar-Regolamenti tal-Personal ma japplikax għal uffiċjali oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej, l-Aġenzija ser tipproponi, jekk il-konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni tiġi mitmuma fi żmien xieraq, il-Bord ta' Tmexxija jadotta matul il-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2007, regoli ta' implimentazzjoni ġodda tar-Regolamenti tal-Personal li ser jieħdu in konsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-Qorti safejn huwa l-aktar possibbli.

10. L-Aġenzija ser tieħu miżuri sabiex tevita r-repetizzjoni tas-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni,
Awdjoviżwali u l-Kultura għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti
ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/03)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Lappuse</i>
INTRODUZZJONI	1-2	14
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	14
OSSERVAZZJONIJIET	7	14
Tabelli 1 sa 4		15
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		17

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (minn hawn 'l quddiem imsejħa l-"Aġenzija") għet imwaqfa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE ta' l-14 ta' Jannar 2005 ⁽¹⁾. L-Aġenzija kienet imwaqfa għal perijodu li beda fl-1 ta' Jannar 2005 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2008. L-għan ta' l-Aġenzija huwa li tmexxi l-programmi li jiġu deċiżi mill-Kummissjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, l-awdjoviżwali u l-kultura, li jinvolvu l-implimentazzjoni ta' proġetti tekniċi. L-Aġenzija saret kompletament awtonoma fl-2006.

2. It-**Tabella 1** tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u l-attivitàjiet ta' l-Aġenzija. Għal skopijiet t'informazzjoni, informazzjoni prinċipali mill-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija hija preżentata fit-**Tabelli 2, 3 u 4**.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58 tad-19 ta' Diċembru 2002 ⁽²⁾; hija għet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika IFAC u INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika għet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-karatteristika prinċipali ta' l-implimentazzjoni baġitarja kienet l-annullament ta' madwar 10 % ta' l-approprijazzjonijiet għas-sena. It-trasferimenti għan-nefqa amministrattiva eċċedew il-50 %.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU L 24, 27.1.2005, p. 35.

⁽²⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 5.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-29 ta' Ġunju u rċevuti mill-Qorti fis-17 ta' Lulju 2007.

Tabella 1

L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, Awdjoviżwali u l-Kultura (EACEA), Brussell

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li jhorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2005/56/KE) ta' l-14 ta' Jannar 2005 (*)	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006	Prodotti u servizzi mogħtija fl-2006	
<p>Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità.</p> <p>[L-Artikolu 149(1)]</p> <p>Il-Komunità għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali.</p> <p>[L-Artikolu 150(1)]</p> <p>Il-Komunità għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi ta' l-Istati Membri.</p> <p>[L-Artikolu 151(1)]</p> <p>Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jassiguraw li jeżistu l-kundizzjonijiet neċessarji għall-kompetittività ta' l-industrija tal-Komunità</p> <p>[L-Artikolu 157(1)]</p>	<p>Objettivi</p> <p>Fil-qafas tal-politika edukattiva, kulturali u industrijali, ittieħdu diversi miżuri sabiex jippromwov l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, l-awdjoviżwali, il-kultura, iż-żgħażaġh u ċittadinanza attiva fl-Unjoni Ewropea. L-objettivi prinċipali ta' dawn il-miżuri huma sabiex jirrinforzaw il-koeżjoni soċjali u sabiex jikkontribwixxu lejn il-kompetittività, it-tkabbir ekonomiku u unjoni akbar bejn il-popli ta' l-Ewropa.</p> <p>Dawn il-miżuri jinkludu varjetà ta' programmi Komunitarji.</p> <p>L-Aġenzija hija responsabli sabiex tmexxi ċerti linji ta' dawn il-programmi ("Socrates", "e-Learning", "Leonardo da Vinci", "Jean Monnet, Study and research centres", "Erasmus Mundus", "Culture", "Youth", "Citizenship", "Media Training" u "Media Plus").</p>	<p>Kompiti</p> <p>Sabiex tmexxi l-proġetti speċifiċi fdati lill-Aġenzija;</p> <p>Sabiex tadotta l-istrumenti ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għad-dħul u għan-nefqa u sabiex twettaq fejn il-Kummissjoni tkun tagħtha l-poter li tagħmel hekk, l-operazzjonijiet neċessarji għat-tmexxija tal-programmi Komunitarji u, b'mod partikolari, daww marbuta ma' l-assenjazzjoni ta' għotjiet u kuntratti;</p> <p>Sabiex, tiġbor, tanalizza u tgħaddi lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiggwida l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji.</p>	<p>1 Kunitat Direttiv</p> <p>Jikkonsisti f'fames membri appuntati mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Huwa jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija wara approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, huwa jadotta l-baġit amministrattiv ta' l-Aġenzija u r-rapport ta' l-attività annwali tagħha.</p> <p>2 Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>3 Verifika Esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>4 Awtorità ta' kwintanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali:</p> <p>1) 310,2 miljun euro għat-tmexxija tal-programmi Komunitarji u l-proġetti delegati lill-Aġenzija u implimentati mill-Kummissjoni (iffinanzjati totalment mill-Baġit Ġenerali ta' l-UE).</p> <p>2) 29,2 miljun euro sabiex l-Aġenzija topera bħala korp indipendenti (sussidju ta' 100 % imdaħħal fil-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej).</p> <p>Numru tal-Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>75 kariga għal persunal temporanju fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Karigi okkupati: 64</p> <p>Karigi oħra:</p> <p>(persunal b'kuntratt u awżiljarju): 221 persunal b'kuntratt</p> <p>Karigi okkupati: 214</p> <p>Totali tal-persunal 31.12.2006: 278</p> <p>assenjati għall-kompiti l-ġejjin:</p> <p>— operattivi: 227</p> <p>— amministrattivi: 49</p> <p>— varji: 2</p>	<p>Fl-1 ta' Jannar 2006, l-Aġenzija assuniet it-tmexxija ta' ċerti linji ta' programmi Komunitarji fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, il-kultura, l-awdjoviżwali, iċ-ċittadinanza u iż-żgħażaġh skond l-objettivi stabbiliti fid-Deċiżjoni li waqqfet l-Aġenzija, l-att ta' delegazzjoni u l-pjan tal-ġestjoni tagħha għall-2006.</p> <p>Għal dak li jikkonċerna proġetti ta' qabel l-2006, l-Aġenzija assuniet il-ġestjoni ta' 10 655 proġett b'kolloxx li ma kinux għadhom ingħalqu u li kienu ġew trasferiti mid-DĠ li kienu oriġinarjament responsabli għalihom (DĠ EAC u DĠ INFOS) u li l-parti l kbira minnhom kienu mis-snin 2002 sa 2005, ħlief għall-programm MEDIA (2001) u l-Proġett Jean Monnet (1999 sa 2001). Sal-31 ta' Diċembru 2006, l-Aġenzija kienet għalqet 3 155 (iddizimpenjat) proġetti li kienu jmorru lura għal qabel l-2006, jiġifieri 30 % tal-proġetti trasferiti kollha.</p> <p>Waqt l-2006, l-Aġenzija wettqet 114-il żjara ta' monitoraġġ lil proġetti li kienu għandhom għaddejja.</p> <p>L-Aġenzija assuniet ukoll 183 verifika mhux mitmuma li kienu ġew mibdija mid-DĠ EAC, u għalqet 46 minnhom fl-2006 (25 %).</p> <p>Għal dak li jirrigwarda l-proġetti għall-2006, l-Aġenzija organizzat ix-xogħol ta' selezzjoni, li wasal għall-għażla ta' 4 813 proġett, li virtwalment kollha rriżultaw f'kuntratt sa tmien l-2006.</p> <p>L-Aġenzija wettqet pian ta' verifika fl-2006 u skedat 99 verifika, għal liema 84 żjara tal-verifika fuq il-post ġew imwettqa fl-2006.</p> <p>L-Aġenzija fasslet u ppubblikat 20 sejħa għall-proposti fl-2006.</p> <p>Waqt l-aħħar kwart ta' l-2006, l-Aġenzija għenet sabiex jiġu mfassla u ffinalizzati sejħiet għall-proposti li jirrigwardaw il-ġenerazzjoni l-għdida tal-programmi għall-2007-2013.</p>

(*) Din id-Deċiżjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/114/KE tat-8 ta' Frar 2007.

Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (Brussell) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa					
Sors ta' dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Sussidji Komunitarji ⁽¹⁾	29 199	27 749	Titolu I Persunal	17 498	16 311	14 806	1 220	1 472
			Titolu II Amministrazzjoni	11 701	10 371	4 903	5 468	1 330
Total	29 199	27 749	Total	29 199	26 682	19 709	6 688	2 802

⁽¹⁾ Inklużi sussidji taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tipprovdi sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati fuq bażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (Brussell)
— Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

	2006
Dħul operattiv	
Sussidji komunitarji	26 397
Total (a)	26 397
Spejjeż operattivi	
Spejjeż tal-persunal ⁽¹⁾	13 071
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	57
Spejjeż amministrattivi oħra	9 724
Total (b)	22 852
Riżultat ekonomiku għas-sena (c = a - b)	3 545

⁽¹⁾ L-ispejjeż tal-persunal kienu inqas milli kien mistenni.

Tabella 4

L-Aġenzija Eżekuttiva ta' l-Edukazzjoni, l-Awdjoviżwali u l-Kultura (Brussell)
— Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006

(1 000 euro)

	2006
Attiv mhux kurrenti	
Attiv fiss mhux tanġibbli	159
Attiv fiss tanġibbli	243
Attiv kurrenti	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	1 253
Likwidità u ekwivalenti likwidi	7 886
Attiv Totali	9 541
Passiv kurrenti	
Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti	310
Kontijiet pagabbli	5 686
Passiv Totali	5 996
Attiv nett	
Riżultat ekonomiku għas-sena	3 545
Attiv nett totali	3 545
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	9 541

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tipprovdi sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma magħmula fuq bażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Meħuda in konsiderazzjoni l-appropriazzjonijiet magħmula mill-Aġenzija matul is-sena, l-annullament ta' appropriazzjonijiet fil-31 ta' Diċembru 2006 ġie limitat. Dan huwa spjegat permezz tan-numru konsiderevoli tal-Ftehim tas-Servizz (*Service Level Agreements*) u l-kuntratti li ma setgħux jiġu konklużi ħlief

fl-aħħar ta' l-2006, li għandhom bħala konsegwenza rapport ta' appropriazzjonijiet konsiderevoli sabiex ikun assigurat il-ħlas ta' riċevuti mhux riċevuti skond l-Artikolu 9 (4) tar-Regolament Finanzjarju li jawtorizza l-ħlas ta' l-infiq amministrattiv sa l-aħħar tas-sena n + 1.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija
Intelliġenti għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/04)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	19
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	19
OSSERVAZZJONIJIET	7	19
Tabelli 1 sa 4		20
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		23

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") twaqqfet mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 ⁽¹⁾. L-Aġenzija twaqqfet għal perijodu li beda fl-1 ta' Jannar 2004 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2008 biex timmaniġġja l-azzjonijiet tal-Komunità fis-settur ta' l-enerġija. L-Aġenzija kisbet l-indipendenza finanzjarja tagħha fl-1 ta' Jannar 2006.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Informazzjoni prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 hija preżentata fit-*Tabelli 2, 3 u 4*.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-INTOSAI, sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

L-affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONI

7. Ir-rata ta' utilizzazzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2006 kienet ta' 97 %. Madankollu, ir-rata ta' annullament kienet ta' 8 % u aktar minn 20 % ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenn fl-2006 ġew trasferiti 'l quddiem. Aktar minn 48 % ta' l-approprijazzjonijiet għal attivitajiet operattivi (it-*Titolu III*) kienu impenjati f'Diċembru, għalhekk 43 % ta' l-impenji kellhom jiġu trasferiti 'l quddiem għall-2007, u 32 % tat-trasferimenti mill-2005 kienu annullati fl-2006. Bosta linji tal-baġit għas-sostenn amministrattiv ma ntużawx matul l-2006 u madwar 94 000 euro kienu trasferiti mingħajr ġustifikazzjoni adegwata ⁽⁴⁾. Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' l-annwalità ma kienx osservat b'mod rigoruż.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.

⁽²⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 5.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-21 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fil-5 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ L-Artikolu 9 tar-Regolament Finanzjarju.

Tabella 1

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (Brussell)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006 (2005 n/a)	Attivitajiet u servizzi providuti fl-2006	
<p>Il-politika tal-Komunità dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi għas-salvagwardja, għall-ħarsien u għat-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent; għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem; għall-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali; u għall-promozzjoni ta' miżuri fuq livell internazzjonali li jitrattaw problemi ambjentali reġionali kif ukoll globali.</p> <p>(l-Artikolu 174(1))</p>	<p>Objettivi</p> <p>Fil-qafas ta' l-istrateġija ta' żvilupp sostenibbli, l-Unjoni Ewropea ħadet miżuri sabiex tippromwovi u tiżviluppa l-enerġija li tista' tiġġedded u l-effiċjenza fl-enerġija. L-objettiv huwa sabiex tikkontribwixxi b'mod ibbilanċjat għas-sigurtà fil-provvista ta' l-enerġija, il-kompetittività u l-ħarsien ta' l-ambjent. L-oqsma ta' l-azzjoni huma l-iżvilupp ta' l-enerġija li tista' tiġġedded u l-effiċjenza ta' l-enerġija, inkluż is-settur tat-trasport, u l-promozzjoni tagħhom fil-pajjiżi li jkunu qegħdin jiżviluppaw.</p> <p>Dawn il-miżuri jinkludu programm ta' ħafna snin għall-azzjoni fis-settur ta' l-enerġija: "Enerġija Intelliġenti-Ewropa" 2003-2006 — IEE 1 (id-Deċiżjoni Nru 1230/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003).</p> <p>Taħt dan il-programm tal-Komunità, l-Aġenzija hija responsabbli għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet li jikkonċernaw l-għajjnuna tal-Komunità, ħlief għall-evalwazzjoni tal-programm, il-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni u l-istudji strateġiċi, jew kull azzjoni oħra li taqa' b'mod esklussiv taħt il-kompetenza esklussiva tal-Kummissjoni Ewropea.</p>	<p>Kompiti</p> <p>Fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju IEE 1:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li timmaniġġja l-istadi kollha matul iċ-ċiklu ta' proġetti speċifiċi; — Li tadotta l-istrumenti għall-implimentazzjoni tal-baġit u li twettaq, meta l-Kummissjoni tkun tatha l-poter li tagħmel dan, l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex timmaniġġja l-programm tal-Komunità u, b'mod partikolari, daww marbuta ma' l-għoti ta' kuntratti u għotjiet ta' flus; — Il-ġbir, l-analiżi u t-trasmissjoni lill-Kummissjoni ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa biex titmexxa l-implimentazzjoni tal-programm. 	<p>1 Kumitat Direttiv</p> <p>Magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija wara l-approvazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Minbarra dan, jadotta l-baġit amministrattiv ta' l-Aġenzija u r-rapport ta' attivitajiet annwali tiegħu.</p> <p>2 Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>3 Kontroll tal-Verifika Esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>4 Awtorità ta' Approvazzjoni</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill</p>	<p>Baġit finali</p> <p>A) 53,2 miljun euro (100 % mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea) għall-baġit tal-programm IEE 1 li l-Aġenzija timplimenta taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni;</p> <p>B) 5,2 miljun euro (100 % sussidju Komunitarju) għall-baġit amministrattiv li għalih l-Aġenzija hija awtonoma.</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>16-il kariga ta' aġent temporanju mniżżla fil-pjan ta' twaqqif.</p> <p>Karigi ta' aġent temporanju okkupati: 16</p> <p>Karigi oħra:</p> <p>Persunal fuq kuntratt: 30 kariga ppjanata, li minnhom 25 kienu okkupati.</p> <p>Total tal-Persunal fil-31/12/2006: 41</p> <p>Responsabbli għal</p> <ul style="list-style-type: none"> — Kompiti operattivi: 31 — Kompiti amministrattivi: 10 	<ul style="list-style-type: none"> — Immonitorjat 218-il proġett kontinwu li għalihom ingħataw għotjiet taħt is-Sejħa għall-proposti 2003 u 2004. B'kollox, 168 rapport tal-progress u 36 rapport interim u 20 rapport finali ġew approvati u skond dawn twettqu l-pagamenti lill-benefiċjarji. Minbarra dan, l-Aġenzija ħadet sehem faktar minn 100 laqgħa dwar il-proġetti. Organizzat ukoll 14-il grupp ta' ħidma tal-ko-ordinaturi tal-proġetti bil-parteċipazzjoni tad-DG ġenitur u programmi oħra relevanti tal-Kummissjoni. — Mexxiet is-Sejħa għall-proposti 2005 għall-programm IEE (ippubblikata fl-2005 bi skadenza għall-preżentazzjoni fil-bidu ta' l-2006): b'kollox, l-IEEA rċeviet 265 proposta minn 29 pajjiż u madwar 2000 organizzazzjoni. Bħal fis-sena ta' qabel, esperti esterni assistew l-IEEA matul l-evalwazzjoni. B'kollox kienu konklużi 125 ftehim ta' għotjiet. — Mexxiet is-Sejħa għall-proposti 2006 għall-programm IEE: is-Sejħa kienet ippubblikata lejn l-aħħar ta' Mejju 2006 bi skadenza għall-preżentazzjoni fil-31 ta' Ottubru 2006. Saru sforzi sostanzjali għall-promozzjoni tas-sejħa lil gruppi mmirati relevanti madwar l-Ewropa, inkluża l-organizzazzjoni tal-Jum ta' Informazzjoni Ewropea (Brussell, il-31 ta' Mejju 2006, 450 parteċipant, xandira diretta bl-internet), sostenn ta' aktar minn 40 ġurnata ta' informazzjoni nazzjonali, ċirkulazzjoni ta' avviżi bl-email, u aġġornamenti regolari fuq l-internet. B'kollox, l-IEEA rċeviet 351 proposta bħala tweġiba għas-Sejħa ta' l-2006. Evalwazzjonijiet ma' l-esperti esterni sehew fil-bidu ta' l-2007.

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006 (2005 n/a)	Attivitajiet u servizzi provduti fl-2006
				<ul style="list-style-type: none"> <li data-bbox="1639 180 2036 686">— Ippubblikat u kkomunikat informazzjoni dwar il-programm IEE u l-Aġenzija: fl-2006, il-websajt tal-programm irreġisttra aktar minn 500 000 download u miljun żjara tal-paġna. Avvizi Regolari ta' l-Aħbarijiet intbagħtu lid-database ta' kuntatt IEE, li kien jinkludi aktar minn 5 000 kuntatt sa tmiem l-2006. Informazzjoni u aġġornamenti dwar proġetti IEE ingħataw permezz ta' tliet haġġiet tan-newsletter "Intelligent Energy News" (44 000 download matul l-2006) u fact sheets ta' proġetti individwali (100 000 download). <li data-bbox="1639 686 2036 845">— Tat bidu għal feedback mir-riżultati tal-proġetti f'oqsma ta' politika prinċipali tad-DĠ ġenitur fl-ġhamla ta' assembleji u tal-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-proġetti f'konferenzi prinċipali <li data-bbox="1639 845 2036 1348">— Għamlet rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni biex tmexxi l-implimentazzjoni tal-programm IEE u t-tħejjija tal-programm ta' segwitu IEE II (2007-2013); fuq stedina tad-DĠ ġenitur, l-Aġenzija ħadet sehem f'task force inkarigat bit-tħejjija ta' abbozz ta' programm ta' xogħol għall-IEE II. L-attivitajiet kienu jinkludu analiżi ta' esperjenzi u dejta statistiċi relatati mar-regoli ta' parteċipazzjoni, proposti għal temi tematiċi futuri, u l-organizzazzjoni u l-analiżi ta' stħarriġ pubbliku. Bl-istess mod, u fuq stedina tad-DĠ ġenitur, l-Aġenzija użat it-tagħlim li kienet kisbet mit-tmexxija tal-linja ta' żvilupp esterna IEE (COOPENER) u applikatu fil-fażi tad-disinn tal-Faċilità ta' l-Enerġija DEV/AIDCO u tal-programm suċċessur COOPENER II.

Tabella 2

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (Brussell) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet skond il-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena/snin finanzjarja/i preċedenti ⁽¹⁾		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	5 168	5 168	Titolu I Persunal	2 959	2 944	2 561	118	280	66	2	64
Sussidji oħra ⁽²⁾		461	Titolu II Amministrazzjoni	784	718	651	67	66	324	309	15
			Titolu III Aktivitajiet operattivi ⁽³⁾	1 425	1 346	549	797	79	70	1	69
Total	5 168	5 629	Total	5 168	5 008	3 762	982	425	461	313	148

⁽¹⁾ Appropriazzjonijiet li jifdal mill-2005 trasferiti mill-Kummissjoni għall-Aġenzija.⁽²⁾ Sussidju rċevut mill-Kummissjoni Ewropea biex ikopri l-impenji trasferiti mill-2005 għall-2006.⁽³⁾ Nefqa fuq laqgħat ta' l-esperti konnessi ma' l-implimentazzjoni ta' proġetti.

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (Brussell) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

	2006
Dħul operattiv	
Sussidji komunitarji	5 057
Dħul ieħor	105
Total (a)	5 162
Spejjeż operattivi	
Spejjeż relatati mal-persunal	2 616
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	38
Spejjeż amministrattivi oħra	1 305
Total (b)	3 959
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	1 203
Spejjeż 2005 (d)	273
Riżultat ekonomiku għas-sena (e = c - d)	930

Tabella 4

L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti (Brussell) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006

(1 000 euro)

	2006
Attiv mhux kurrenti	
Attiv fiss intanġibbli	13
Attiv fiss tanġibbli	88
Attiv kurrenti	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	95
Likwidità u ekwivalenti likwidi	1 509
Total ta' l-attiv	1 705
Passiv kurrenti	
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	48
Kontijiet pagabbli	727
Total tal-passiv	775
Attiv nett	
Riżultat ekonomiku għas-sena	930
Total ta' l-attiv nett	930
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	1 705

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. L-Aġenzija ser timplimenta proċedura fl-aħħar tas-sena li tassigura li approprijazzjonijiet ġustifikati biss jiġu miġjuba 'l quddiem.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent għas-sena
finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/05)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	25
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	25
OSSERVAZZJONIJIET	7-8	25
Tabelli 1 sa 4		26
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		28

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") g'iet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 ⁽¹⁾. Hija responsabbli li twaqqaf netwerk ta' osservazzjoni li jipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u, b'mod aktar ġenerali, lill-pubbliku b'informazzjoni ta' min joġġhod fuqha dwar l-istat ta' l-ambjent. Din l-informazzjoni għandha, b'mod partikolari, tagħmilha possibbli għall-Unjoni Ewropea u għall-Istati Membri biex jieħdu azzjoni ħalli jissalvagwardjaw l-ambjent u jevalwaw l-effettività ta' tali azzjoni.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1210/90, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurarazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Aktar minn 30 % ta' l-impenji għas-sena kellhom ikunu trasferiti. Dan il-proporzjon laħaq aktar minn 50 % għan-nefqa operattiva (*It-Titolu III* u dħul assenjat). Uħud mit-trasferimenti ma kinux ġustifikati: matul l-aħħar xahrejn ta' l-2006, l-Aġenzija għamlet impenji ta' 1,3 miljun euro li għalihom l-approprijazzjonijiet ta' pagament korrispondenti kienu trasferiti għall-2007. Verifika ta' kampjun ⁽⁴⁾ ta' dawn it-trasferimenti wrew li kollha kemm huma kienu relatati ma' attivitajiet li kellhom jitwettqu fl-2007. B'hekk, il-prinċipju baġitarju ta' annwalità ma kienx applikat b'mod rigoruż.

8. Bi ksur tal-prinċipju ta' segregazzjoni tad-dmirijiet, l-istess uffiċjal li jawtorizza permezz ta' sotto-delega mhux biss wettaq kontrolli *ex-ante* imma wkoll kien iġesti d-drittijiet ta' aċċess għas-sistema IT għall-kontabilità baġitarja.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU L 120, 11.5.1990.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fid-29 ta' Mejju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Valur tal-kampjun: madwar 500 000 euro.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (Kopenhagen)

Oqsma ta' kompetenza komunitarja stipulata fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (2005)	Prodotti u servizzi ewlenin provduti fl-2006
<p>Politika dwar l-ambjent</p> <p>Il-Politika Komunitarja dwar l-ambjent għandu jkollha l-mira ta' protezzjoni ta' livell għoli li tieħu kont tad-diversità tas-sitwazzjonijiet fid-diversi reġjuni tal-Komunità. Għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li azzjoni preventiva għandha tittieħed, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità tisewwa fras il-għajn u li min iniġġeż għandu jħallas. (...) Fil-preparazzjoni tagħha tal-politika (...), il-Komunità għandha tieħu in konsiderazzjoni dati xjentifiċi u tekniċi eżistenti (...).</p> <p>(l-Artikolu 174 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Li twaqqaf netwerk ta' l-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent Ewropew biex tipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, ta min joqgħod fuqha u kumparabbli fil-livell Ewropew li tippermetti li:</p> <p>(a) jittieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' l-ambjent;</p> <p>(b) jiġu smati r-riżultati ta' daww il-miżuri;</p> <p>(c) jiżguraw li l-pubbliku ikun infurmat tajjeb bl-istat ta' l-ambjent.</p>	<p>Kompiti</p> <p>— Li tipprovdi lill-Komunità u lill-Istati Membri bl-informazzjoni oġġettiva meħtieġa għat-tħejjija u l-implementazzjoni soda u effettiva tal-politika ambjentali;</p> <p>— li tirreġistra, tiġbor u tistma l-informazzjoni dwar il-qagħda ta' l-ambjent u tirrapporta dwar il-kwalità ta' u l-perssonijiet fuq l-ambjent fi ħdan it-territorju tal-Komunità;</p> <p>— li tgħin biex tiżgura li d-dejta dwar l-ambjent fil-livell Ewropew tkun kumparabbli u, jekk meħtieġ, biex tinkorraġġixxi b'mezzi xierqa, armonizzazzjoni mtejba ta' metodi ta' kejl;</p> <p>— li tippromwovi l-inkorporazzjoni tad-dejta Ewropea ambjentali fil-programmi internazzjonali;</p> <p>— li tippubblika rapport kull ħames snin fuq l-istat, il-bidliet u l-prospetti fl-ambjent;</p> <p>— li tistimula l-iżvilupp ta' tekniki ta' tbassir ambjentali, metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-iskambju ta' informazzjoni it-teknoloġija disponibbli għall-prevenzjoni tal-ħsara għall-ambjent;</p> <p>— li tistimula l-iżvilupp tal-metodi ta' stima ta' l-ispejjeż tal-ħsara għall-ambjent u l-ispejjeż tal-politika għall-prevenzjoni, protezzjoni u restawr ambjentali.</p>	<p>1. Bord ta' Tmexxija</p> <p>Kompożizzjoni:</p> <p>— rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru,</p> <p>— żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni,</p> <p>— żewġ xjentisti maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p>Kompiti</p> <p>Li jadotta l-programm tax-xogħol u jiżgura li qed jiġi implimentat.</p> <p>2. Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>3. Forum Konsultattiv</p> <p>Magħmul minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru; li jagħti parir lid-Direttur Eżekuttiv.</p> <p>4. Kumitat Xjentifiku</p> <p>Magħmul minn persuni kwalifikati fil-qasam ta' l-ambjent.</p> <p>5. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>6. Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>37,1 miljun euro (32,1 miljun euro)</p> <p>Sussidju komunitarju: 75 % (84 %).</p> <p>Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 115 (115)</p> <p>Karigi okkupati: 110 (107)</p> <p>+ 47 (34) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali u persunal mill-aġenzija ta' l-impjeggi)</p> <p>Total tal-persunal: 115 (115)</p> <p>assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <p>— operattivi 72 (72)</p> <p>— amministrativi: 42 (42)</p> <p>— imħallta: 1 (1)</p>	<p>Tnedija ta' Prelude (Analiżi Ambjentali Prospettiva dwar l-Iżvilupp ta' l-Użu ta' l-Art fl-Ewropa).</p> <p>Aġġornament tar-Reġistru Ewropew ta' Emissjoni ta' Tniġġis (EPER).</p> <p>Pubblikazzjoni ta' rapporti dwar, <i>inter alia</i>, it-trasport u l-ambjent, l-agrikoltura u l-ambjent, l-enerġija u l-ambjent, il-bijoenerġija, il-kwalità ta' l-arja, ħruġ ta' gassijiet serra, l-istat tax-tut ta' l-Ewropa, il-firxa urbana u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali.</p> <p>Seminars organizzati taħt il-Prezidenza tal-Kunsill.</p> <p>Assistenza fl-armonizzazzjoni tad-dejta.</p> <p>Tmexxija tan-netwerk Eionet (Netwerk ta' l-Infommazzjoni dwar u l-Osservazzjoni ta' l-Ambjent Ewropew).</p>

Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (Kopenhagen) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet skond il-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	27 650	27 650	Titolu I Persunal	16 013	16 013	15 692	308	13	508	386	122
Sussidji oħrajn	5 264	5 115	Titolu II Amministrazzjoni	2 926	2 912	2 623	283	19	895	836	59
Dħul ieħor	4 200	1 798	Titolu III Attivitajiet operattivi	13 975	13 971	8 681	5 290	4	4 069	3 671	398
			Dħul assenjat	4 200	781	356	3 844	—	2 167	931	115
Total	37 114	34 563	Total	37 114	33 677	27 352	9 725	36	7 639	5 824	694

Sors: dejta mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (Kopenhagen) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	27 650	26 900
Sussidji oħrajn	5 673	5 633
Dħul ieħor ⁽¹⁾	2 277	0
Total (a)	35 601	32 533
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	14 500	13 423
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	795	621
Nefqa amministrattiva oħra	4 843	4 700
Nefqa operattiva	15 000	15 618
Total (b)	35 138	34 363
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	462	- 1 830
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	72	29
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	7	7
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	66	22
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	528	- 1 808

⁽¹⁾ Rkupru tat-taxxi fuq il-bini 2000-2004 (905 000 euro).

Tabella 4

Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent (Kopenhagen) — Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss intanġibbli	330	456
Attiv fiss tanġibbli	1 866	1 649
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira ⁽¹⁾	1 151	598
Riċevibbli ta' skadenza qasira	2 611	1 581
Riċevibbli għal żmien twil	494	482
Likwidità u ekwivalenti likwidi ⁽²⁾	6 097	4 491
Total ta' l-attiv	12 548	9 258
Passiv kurrenti		
Kontijiet pagabbli	7 779	5 016
Total tal-passiv	7 779	5 016
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	4 242	6 050
Riżultat ekonomiku għas-sena	528	- 1 808
Total ta' l-attiv nett	4 770	4 242
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	12 548	9 258

⁽¹⁾ Primarjament pre-finanzjament mogħti liċ-Ċentri Tematiċi Ewropej.

⁽²⁾ Rkupru tat-taxxi fuq il-bini 2000-2004 (905 000 euro).

Sors: dejta mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

Ir-rata ta' ammonti miġjuba 'l quddiem fl-2007 ġiet ikkawwzata prinċiparjament minn avvenimenti straordinarji fl-2006 li rrikjedew li ndewwmu l-ħlasijiet interim sakemm ikunu sodisfatti bir-riżultati. L-impenji tardivi imsemmija kienu dovuti għal obbligazzjoni li l-ftehim ta' liċenzji jseħħ sa l-1 ta' Jannar kull sena sabiex tinżamm kontinwità u għaż-żmien meħtieġ sabiex jiġu stabbiliti l-ispejjeż tan-negozjar u skedi ta' żmien għal ħidma kumlessa u ġdida. L-Aġenzija ser tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tnaqqas ir-rata ta' *carryover* f'dan il-kuntest.

Ir-riskji marbuta mas-sitwazzjoni deskritta ġew evalwati mill-ġestjoni u kontrolli ta' taffija ġew imposti. Il-livell ta' riskju ġestjonarju huwa kkunsidrat bħala aċċettabbli. Din is-sitwazzjoni ser tiġi evalwata mill-ġdid fir-reviżjoni ta' postijiet sensitivi li ser isiru minn nofs l-2007.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni
tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/06)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	30
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	30
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	30
Tabelli 1 sa 4		31
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		33

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") inħolqot mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 ⁽¹⁾. Hija saret kompletament awtonoma fl-1 ta' Jannar 2006 ⁽²⁾. Il-kompitu prinċipali ta' l-Aġenzija huwa li tikkoordina l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni (sostenn għall-koperazzjoni operattiva, assistenza teknika u operattiva, analiżi tar-riskju).

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ⁽³⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽⁴⁾ kienu ppreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-INTOSAI, sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni t'hawn taħt.

L-affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Għas-sena finanzjarja 2006, ir-rata ta' l-impenji kienet ta' 85 %. Ir-rata ta' impenji miġjuba 'l quddiem b'mod ġenerali kienet ta' aktar minn 70 % u kważi 85 % għal infaq operattiv. Trasferimenti ta' approprijazzjonijiet bejn il-kapitoli jew it-titoli matul is-sena kienu jeċċedu t-total massimu ta' 10 % stabbilit mir-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, il-prinċipji tal-baġit ta' l-annwalità u ta' l-ispeċifikazzjoni ma kinux osservati strettament.

8. Ittieħdu impenji legali ⁽⁵⁾ qabel l-impenji tal-baġit, li jmur kontra r-regolament finanzjarju ta' l-Aġenzija.

9. Il-kriterji u l-proċeduri użati biex ikun reklutat il-persunal ma kinux skond id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal: il-ksur kien jikkonċerna prinċipalment l-esperjenza minima meħtieġa għal ċertu grad, ir-rwol limitat tal-Kumitat ta' Selezzjoni u d-dokumentazzjoni tal-proċess ta' pre-selezzjoni.

Dan ir-rapport għe adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1

⁽²⁾ Sa l-1 ta' Settembru 2006, is-salarji kienu mħallsa mill-Kummissjoni.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-25 ta' Mejju 2007 u rċevuti mill-Qorti fil-11 ta' Lulju 2007.

⁽⁵⁾ Sitt każijiet b'valur totali ta' madwar 30 000 euro.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri — Frontex (Varsavja)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija	Prodotti u servizzi provduti fl-2006	
<p>Il-politika tal-Komunità f'dan il-qasam timmira li tiżviluppa standards u proċeduri komuni dwar it-tweġġ ta' kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri; barra dan ser jittieħdu miżuri biex jassiguraw koperazzjoni bejn id-dipartimenti rilevanti u l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-oqsma koperti minn dan it-Titolu, kif ukoll bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.</p> <p>(L-Artikoli 62(2)(a) u 66 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Frontex għet stabbilita bl-intenzjoni li ttejjeb il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-UE.</p> <p>Frontex ser:</p> <p>(a) Tiffaċilita u tagħmel aktar effettiva l-applikazzjoni ta' miżuri Komunitarji eżistenti u futuri relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni.</p> <p>(b) Tassigura l-koordinazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, għalhekk tikkontribwixxi għal livell effiċjenti, għoli u uniformi ta' kontroll fuq persuni u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri.</p> <p>(c) Tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-għajnuna teknika u l-abbiltà neċessarja fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u tippromwovi s-solidarjetà bejn l-Istati Membri.</p>	<p>Kompiti prinċipali</p> <p>1) tikkoordina l-koperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni;</p> <p>2) tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-gwardjani tal-fruntieri nazzjonali u tistabbilixxi standards ta' taħriġ komuni;</p> <p>3) twettaq analiżi tar-riskju;</p> <p>4) ssegwi l-iżvilupp tar-riċerka fil-kontroll u s-sorveljanza;</p> <p>5) tassisti lill-Istati Membri f'ċirkostanzi li jehliegu aktar assistenza teknika u operattiva;</p> <p>6) tipprovdi lill-Istati Membri bis-sostenn neċessarju fl-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti.</p>	<p>1. Bord ta' l-Amministrazzjoni</p> <p>Magħmul minn:</p> <p>— rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru;</p> <p>— żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni;</p> <p>— rappreżentant wieħed għal kull pajjiż assoċjat fix-Schengen (in-Norveġja, l-Islanda) bi dritt limitat għal vot.</p> <p>2. Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur, fuq proposta tal-Kummissjoni, mill-Bord ta' l-Amministrazzjoni.</p> <p>3. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>4. Awtorità ta' Approvazzjoni</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit Finali għall-2006</p> <p>Baġit totali:</p> <p>19,2 miljun euro</p> <p>Kontribuzzjoni Komunitarja:</p> <p>18,9 miljun euro (98,8 %)</p> <p>Kontribuzzjoni mir-Renju Unit:</p> <p>0,2 miljun euro (1,2 %)</p> <p>Total tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>Numru ta' karigi fil-Pjan ta' Stabbiliment għall-2006: 28</p> <p>Numru totali tal-persunal: 72</p> <p>25 Aġent Temporanju</p> <p>+ 47 aġent ieħor (esperti nazzjonali sekondati, persunal bil-kuntratt, awżiljarji)</p> <p>Assenjati fil-karigi li ġejjin:</p> <p>— operattivi: 43</p> <p>— amministrattivi: 29</p>	<p>Koperazzjoni operattiva:</p> <p>Implimentazzjoni ta' 15-il operazzjoni konġunta kkoordinati mill-Frontex, seba' proġetti pilota mnedija.</p> <p>Taħriġ:</p> <p>reviżjoni u żvilupp tal-Kurrikulu Prinċipali Komuni; it-twaqqif ta' netwerk ta' akademji msieħba u koordinaturi tat-taħriġ; programm ta' taħriġ għall-pajjiżi terzi u żvilupp ta' l-għodda tad-"dokumenti ffalsifikati"; standards ta' taħriġ għal operazzjonijiet ta' ritorn konġunt u żvilupp ta' taħriġ tattiku għall-piloti tal-ħelikopter, ko-organizzazzjoni tal-Ġurnata Ewropea tat-Taħriġ.</p> <p>Analiżi tar-riskju:</p> <p>pporti ta' analiżi tar-riskju; ippubblikat bulletin wieħed ta' l-infurzar tal-liġi pubblika, aġġornat il-mudell komuni integrat ta' analiżi tar-riskju; stabbilit in-Netwerk Frontex għall-analiżi tar-riskju (esperti mill-Istati Membri).</p> <p>Riċerka u żvilupp:</p> <p>ippubblikati żewġ rapporti, maħruġa erba' bullettini, <i>Workshop</i> wieħed konġunt maċ-Ċentru tar-Riċerka Komuni.</p> <p>Assistenza lill-Istati Membri:</p> <p>koordinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet ta' assistenza.</p> <p>Operazzjonijiet ta' assistenza għar-ritorn:</p> <p>tliet operazzjonijiet konġunti ta' ritorn.</p>

Sors: informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

Tabella 2

**Frontex — L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri (Varsavja)
— implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006**

(1 000 euro)

Dħul			Infiq ⁽¹⁾					
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infiq	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali				
				imdahlha	impenjati	imħallsa	miġjuba 'il quddiem	annullati
Sussidji komunitarji	18 940	19 504	Titolu I Persunal	2 685	2 173	1 017	1 065	603
Sussidji oħrajn	226	226	Titolu II Amministrazzjoni	1 275	363	69	931	275
			Titolu III Attivitajiet operattivi	13 135	11 687	1 856	9 936	831
Total	19 166	19 730	Total	17 095	14 223	2 942	11 932	1 709

⁽¹⁾ Il-figuri ta' l-infiq jikkonċernaw biss dik li hija responsabbli għaliha l-Aġenzija (Ottubru — Diċembru 2006 għat-*Titoli I u II*, is-sena kollha għat-*Titolu III*), il-Kummissjoni kienet responsabbli għall-kumpliment ta' l-infiq. Sors: dejta mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma smati abbażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri (Varsavja) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

	2006
Dħul operattiv	
Sussidji komunitarji	15 129
Dħul ieħor	253
Total (a)	15 382
Spejjeż operattivi	
Spejjeż tal-persunal	860
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	7
Spejjeż amministrattivi oħra	615
Spejjeż operattivi	4 348
Total (b)	5 830
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet operattivi (c = a - b)	9 552
Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (d)	5
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet mhux operattivi (e = - d)	- 5
Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)	9 547
XXXXXXXXXX	

Sors: dejta mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri (Varsavja) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006

(1 000 euro)

	2006
Attiv mhux kurrenti	
Attiv fiss tanġibbli	31
Attiv kurrenti	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	75
Flus likwidi u ekwivalenti	14 236
Total ta' l-attiv	14 342
Passiv kurrenti	
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	84
Kontijiet pagabbli	4 711
Total tal-passiv	4 795
Attiv nett	
Riżultat ekonomiku għas-sena	9 547
Total ta' l-attiv nett	9 547
Total tal-passiv u attiv nett	14 342

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

Punt 7 Ir-rata għolja ta' somom miġjuba 'l quddiem fl-2007 hija dovuta għad-diffikultajiet inerenti tal-perijodu tal-bidu ta' l-Aġenzija u għal fatt li r-riżorsi finanzjari importanti saru disponibbli biss tard matul is-sena 2006. Rigward it-trasferimenti, l-Aġenzija ħadet nota tar-rimarka tal-Qorti u implimentat interpretazzjoni stretta tar-regoli li jikkunċernaw it-trasferimenti minn April 2007.

Punt 8 L-Aġenzija kienet konxja minn din is-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti u kienet diġa' ħadet miżuri korrettivi. L-Aġenzija nediet diversi azzjonijiet sabiex tfakkar lill-atturi

finanzjarji tagħha bil-ħtieġa li jirrispettaw b'mod strett il-proċeduri; ġie introdott reġistru ta' eċċezzjonijiet u l-kontenut tiegħu huwa ppreżenat fuq bażi mensili lid-Direttur Eżekuttiv.

Punt 9 Minħabba n-nuqqas ta' riżorsi fil-perijodu tal-bidu, minħabba problemi sabiex jiġu attirati nies għal personal potenzjali u minħabba l-ħtieġa sabiex l-Aġenzija tkun operazzjonali malajr kemm jista' jkun, ma kienitx kapaċi timplimenta bis-sħiħ proċeduri normali immedija matul is-sena 2006. Fl-2007, is-sitwazzjoni ġiet normalizzata bil-mod.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena
finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/07)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	35
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	35
OSSERVAZZJONIJIET	7-8	35
Tabelli 1 sa 4		37
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		39

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għet stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2309/93 tat-22 ta' Lulju 1993, li għe sostitwit mir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 726/2004 tal-31 ta' Marzu 2004⁽¹⁾. L-Aġenzija topera permezz ta' netwerk u tikkordina r-riżorsi xjentifiċi magħmula disponibbli mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiżgura l-evalwazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-Tabelli 2, 3 u 4 għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 726/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

(1) ĠU L 214, 24.8.1993, p. 18 u ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1. Skond ir-Regolament imsemmi l-aħħar l-isem oriġinali ta' l-Aġenzija, l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni tal-Prodotti Mediċinali, ġie mibdul għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

(2) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(3) Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fil-21 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fis-17 ta' Lulju 2007.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Rigward l-implimentazzjoni tal-baġit għan-nefqa amministrattiva (it-Titolu II), ir-rata ta' użu għall-approprijazzjonijiet ta' impenji kienet ta' anqas minn 60 %. Aktar minn 40 % ta' l-impenji, b'mod partikolari fil-qasam tat-Teknoloġija ta' l-Informatika, kienu trasferiti għas-sena finanzjarja 2007. B'hekk, il-prinċipju baġitarju ta' annwalità ma kienx osservat b'mod rigoruż.

8. L-Artikolu 12(4) tar-Regolament dwar il-Ħlasijiet⁽⁴⁾ jgħid "Kwalunkwe revizzjoni tal-ħlasijiet għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni ta' l-infiq ta' l-Aġenzija u abbażi ta' l-infiq relatat tas-servizzi pprovduti mill-Istati Membri. Dawk l-ispejjeż għandhom ikunu kkalkulati skond il-metodi ta' stima internazzjonali ġeneralmment aċċettati, li għandhom ikunu adottati skond l-Artikolu 11(2)." S'issa, il-klijenti ta' l-Aġenzija kienu jirċievu kont

(4) Kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1905/2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 297/95 (ĠU L 304, 23.11.2005, p. 1).

b'ammont li huwa maqsum f'żewġ partijiet: parti waħda tkopri l-ispejjeż ta' l-Aġenzija u l-oħra titħallas lura lir-relaturi ta' l-Istati Membri biex tkopri dawk tagħhom. Peress li r-relaturi ta' l-Istati Membri qatt ma taw provi jew dokumentazzjoni sħaħ ta' l-ispejjeż veri tagħhom, din is-sitwazzjoni kienet bi ksur tar-

Regolament dwar il-Flasijiet. L-Aġenzija ma kinitix f'pożizzjoni li tagħmel analiżi komprensiva ta' l-ispejjeż mġarrba mir-relaturi ta' l-Istati Membri sabiex tikseb bażi oġġettiva u dokumentata li fuqha tadatta l-pagamenti lilhom u, konsegwentament, l-onorarji mġarrba mill-klijenti tagħhom.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)

Oqsma ta' kompetenza komunitarja stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 726/2004 u r-Regolament (KE) Nru 141/2000		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija 2006 (2005)	Prodotti u Servizzi fl-2006 (2005)
<p>Livell għoli ta' ħarisen tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitatiet kollha Komunitarji.</p> <p>L-azzjoni tal-Komunità, li għandha tikkumplementa l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li tevita il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana (...)</p> <p>(l-Artikolu 152 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tikkordina r-riżorsi xjentifiċi li l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri jagħmlu disponibbli lill-Aġenzija għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju; — Tipprovdi lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea b'pariri xjentifiċi dwar prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju. 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tikkordina l-valutazzjoni xjentifika tal-prodotti mediċinali li huma soġġetti għall-proċeduri ta' l-awtorizzazzjoni għall-“marketing” tal-Komunità; — Tikkordina s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali li kienu awtorizzati fil-Komunità (farmakoviġilanza); — Tagħti pariri dwar il-limiti massimi għar-residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji li jistgħu jkunu aċċettati f'affarijiet ta' l-ikel li għandhom oriġini mill-annimali; — Tikkordina l-verifika ta' l-osservanza tal-prinċipji ta' prattika tajba tal-manifattura, prattika tajba tal-laboratorju u prattika tajba klinika; — Tirreġistra l-istat ta' l-awtorizzazzjoni għall-“marketing” mogħtija għall-prodotti mediċinali. 	<p>1 Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem, magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq xi mistoqsijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem.</p> <p>2 Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju, magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri fuq domandi li għandhom x'jaqsmu ma' l-evalwazzjoni tal-prodotti mediċinali għall-użu veterinarju.</p> <p>3 Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni, huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali orfni.</p> <p>4 Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Veġetali, huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, jagħti pariri dwar domandi relatati ma' l-evalwazzjoni ta' prodotti mediċinali li ġejjin mill-ħwawar.</p> <p>5 Il-Bord Amministrattiv huwa magħmul minn membru wieħed u altern wieħed minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni, żewġ rappreżentanti maħtura mill-Parlament Ewropew, żewġ rappreżentanti minn organizzazzjonijiet tal-pazjenti, rappreżentant mill-organizzazzjonijiet tat-tobba u rappreżentant mill-organizzazzjonijiet tal-veterinarji. Il-Bord jadotta l-programm ta' xogħol u r-rapport annwali.</p> <p>6 Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> <p>7 Verifika esterna: Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri</p> <p>8 Awtorità ta' kwittanza: Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali 2006: 138,7 (111,8) miljun euro</p> <p>Kontribuzzjoni Komunitarja (bl-esklużjoni tas-sussidju mill-mediċini orfni): 21,63 % (22,7 %)</p> <p>Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006: 424 (379) kariga stabbilita fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Karigi okkupati: 395 (337,5) + 77 (34) persunal ieħor (persunal fuq kuntratti awżil-jarji, persunal fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati, persunal ta' aġenzija li tħaddem)</p> <p>Total tal-persunal: 472 (371,5)</p> <p>Assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Operattivi: 406 (302,5) — Amministrazzjoni: 66 (69) 	<p>Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem</p> <ul style="list-style-type: none"> — Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet għall-promozzjoni: 79 (43) — Opinjonijiet favorevoli: 51 (24) — Żmien medju ta' evalwazzjoni: 171 ġurnata (203 ġranet) — Opinjonijiet wara l-awtorizzazzjoni: 1 380 (1 148) — Farma-kovigilanza: 94 081 rapport (91 565 rapport) — Rapporti perjodiċi ta' affidabilità: 273 (279) — Opinjonijiet xjentifiċi: 193 (135) — Proċeduri għar-rikonoxximent reċiproku: 9 241 (8 451) <p>Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju</p> <ul style="list-style-type: none"> — Applikazzjonijiet ġodda: 5 (11) — Applikazzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsm ma' varjanti: 56 (40) — Ispezzjonijiet: 128 (114) <p>Prodotti Mediċinali Orfni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Applikazzjonijiet: 104 (118) — Opinjonijiet favorevoli: 81 (88)

Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena/snin finanzjarja/i preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	imħallsa	annullati
Dħul proprju	92 580	94 556	Titolu I Persunal	44 921	43 709	42 941	768	1 212	700	563	136
Sussidji komunitarji	30 650	32 551									
Sussidji oħrajn	8 160	7 374	Titolu II Amministrazzjoni	34 454	34 007	18 946	15 061	447	10 041	8 535	1 505
Dħul ieħor	7 286	6 820	Titolu III Attivitajiet operattivi	59 301	58 431	44 846	13 585	870	8 092	7 603	490
Total	138 676	141 301	Total	138 676	136 147	106 733	29 414	2 529	18 833	16 701	2 131

NB: varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra)- Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005 (1)
Dħul operattiv		
Onorarji u dħul ieħor	119 039	72 979
Sussidji komunitarji	31 503	28 957
Total (a)	150 542	101 936
Spejjeż operattivi		
Spejjeż relatati mal-persunal	45 150	40 057
Spejjeż amministrattivi oħra	26 607	22 459
Spejjeż operattivi	63 437	37 849
Total (b)	135 194	100 365
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	15 348	1 571
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	1 433	2 257
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (f = e)	1 433	2 257
Riżultat ekonomiku għas-sena (g = c + f)	16 781	3 828

(1) Għall-kontijiet ippubblikati ta' l-2005, il-kontijiet ibbażati fuq id-dovuti ma kinux ġew implimentati għal kollox.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (Londra) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005 (1)
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	14 889	10 492
Attiv fiss tanġibbli	6 695	6 945
Attiv kurrenti		
Riċevibbli ta' skadenza qasira	26 045	14 490
Likwidità u ekwivalenti likwidi	37 508	29 934
Total ta' l-attiv	85 138	61 861
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	2 699	1 214
Kontijiet pagabbli	38 550	33 539
Total tal-passiv	41 249	34 753
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	27 108	23 280
Riżultat ekonomiku għas-sena	16 781	3 828
Total ta' l-attiv nett	43 889	27 108
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	85 138	61 861

(1) Għall-kontijiet ippubblikati ta' l-2005, il-kontijiet ibbażati fuq id-dovuti ma kinux ġew implimentati għal kollox.

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZJA

7. It-total miġjub il-quddiem b'mod awtomatiku għas-sena 2007 li jinsab fit-Titolu 2 jammonta għal 15-il miljun euro, li minnhom 8 miljun euro kienu għat-Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni (Kapitolu 21). L-Aġenzja qed tiżviluppa u timplimenta program multiannwali għat-Telematika ta' l-UE għar-regolazzjoni tal-prodotti mediċinali. Il-proċess ta' governanza u n-natura tal-proġetti jagħmluha diffiċli li jiġi osservat b'mod strett il-prinċipju ta' annwalità, minħabba il-fatt li bosta passi ta' governanza jinsabu barra mill-kontroll ta' l-EMEA. Qed isir kull sforz biex fil-ġejjieni jinġabu 'l quddiem l-ammonti fuq livell awtomatiku.

8. “L-Aġenzja għamlet sforzi kbar ma' l-awtoritajiet nazzjonali sabiex tivvaluta l-ispejjeż li saru mir-rapportaturi ta' l-Istati Membri. Peress li l-Bord tal-Tmexxija ta' l-aġenzja iltaqa f' Diċembru 2006 u iddeċieda li jirrevedi l-iskala tas-sistema tal-miżati, kien deċiż li l-Bord jstabbilixxi grupp ta' *costing* sabiex jiġi ppreparat u maqbul ftehim dwar metodi ta' *costing* internazzjonali li huma aċċettati kif imsemmi fl-Artikolu 12 dwar ir-regolament tal-miżata Rappreżentanti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha ser jiġu mistiedna biex jipparteċipaw f'dan ix-xogħol.”

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/08)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	41
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	41
OSSERVAZZJONIJIET	7-8	41
Tabelli 1 sa 4		42
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		46

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") ġiet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1628/96 ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 756/2006 tat-28 ta' Novembru 2006 ⁽²⁾. Meta twaqqfet fl-2000, l-Aġenzija kienet responsabbli mit-tmexxija tal-programmi ta' għajnuna ta' l-UE fil-Kosovo. Aktar tard, il-mandat tagħha ġie estiż għas-Serbja u Montenegro u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-kwartieri ġenerali ta' l-Aġenzija qegħdin f'Tessaloniki, imma għandha ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Podgorika, Pristina u Skopje. Hija timplimenta programmi bil-għan li jipromwovu l-bini ta' l-istituzzjonijiet u tmexxija tajba, isostnu l-iżvilupp ta' l-ekonomija tas-suq u l-infrastrutturi prinċipali u biex jikkonsolidaw is-soċjetà ċivili. Il-mandat tagħha huwa pjanat li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2008.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽³⁾. Hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽⁴⁾ ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 ⁽⁵⁾, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-

Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet sodisfaċenti. Madankollu, lill-Aġenzija qed tingibdilha l-attenzjoni rigward il-livell ta' approprijazzjonijiet li għad iridu jkunu impenjati, li se jeħtieġ monitoraġġ partikolari tal-programmi tagħha minħabba li l-mandat tagħha jiskadi fi tmiem l-2008.

8. Il-Qorti nnutat li s-sistema ta' kontabilità u s-sistema ta' kontroll intern kienu ttejbu meta mqabbla mas-snin preċedenti, b'mod partikolari rigward il-monitoraġġ tal-fondi ġestiti minn korpi esterni u l-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' l-akkwist pubbliku. Il-verifika tal-Qorti ma titlobx osservazzjonijiet ta' natura sinifikanti f'dawk l-oqsma.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU L 204, 14.8.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 332, 30.11.2006, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-13 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fis-6 ta' Lulju 2007.

⁽⁵⁾ ĠU L 306, 7.12.2000, p. 7.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki)

Oqsma ta' kompetenza komunitarja stipulati fit-Trattat	Setgħat ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000			Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (dejta għall-2005 fi brekts)	Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2006
<p>Il-Komunità għandha twettaq, fl-ambitu tal-kompetenza tagħha, miżuri ekonomiċi, finanzjarji u ta' koperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu komplimentari ma' dawk imwettqa minn Stati Membri u koerenti mal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunità.</p> <p>(l-Artikolu 181a)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Tipprovdi assistenza ta' l-UE:</p> <p>(i) Għar-rikostruzzjoni u r-ritorn tar-refuġjati u l-persuni mitlufa;</p> <p>(ii) Biex tippromwovi amministrazzjoni tajba, it-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u l-istat tad-dritt;</p> <p>(iii) Biex issostni l-iżvilupp ta' ekonomija tas-suq u investimenti fl-infrastrutturi fiżiċi essenzjali u miżuri ambjentali;</p> <p>(iv) Biex issostni l-iżvilupp soċjali u ssaħħaħ is-soċjetà ċivili.</p>	<p>Applikazzjoni</p> <p>L-aġenzija tmexxi programmi prinċipali ta' għajnuna fis-Serbja u Montenegro (Repubblika tas-Serbja, fil-Kosovo u r-Repubblika ta' Montenegro) u fl-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM). Benefiċjarji jistgħu jinkludu Stati, korpi taħt l-amministrazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, korpi federati reġjonali u lokali, korpi pubbliċi u parapubbliċi, iż-żewġ naħat ta' l-industrija, organizzazzjonijiet tas-sostenn tan-negozju, koperattivi, kumpaniji reċiproċi, assoċjazzjonijiet tal-karità, fondazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi.</p>	<p>Kompiti:</p> <p>— Tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar każijiet urġenti;</p> <p>— tfassal programmi għar-rikostruzzjoni u r-ritorn tar-refuġjati u persuni mitlufa;</p> <p>— tiegħu l-miżuri kollha neċessarji biex timplimenta l-assistenza Komunitarja.</p>	<p>Il-Bord ta' Gvernaturi:</p> <p>Jinkludi rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u osservatur tal-Bank Ewropew għall-Investment.</p> <p>Direttur:</p> <p>Maħtur mill-Kunsill Amministrattiv dwar proposta mill-Kummissjoni</p> <p>Ċentri ta' ħidma f'Belgrad, Pristina, Podgorika u Skopje bi grad għoli ta' awtonomija fit-tmexxija.</p> <p>Kontroll estern:</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>Awtorità ta' Kwintanza:</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali:</p> <p>268,8 miljun euro (318,9-il miljun euro) li jinkludu għotja mill-UE</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>108 (114) Karigi TA mniżżla fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Karigi TA okkupati: 90 (88)</p> <p>Karigi oħra:</p> <p>Persunal lokali: 164 (170) Karigi okkupati: 157 (162)</p> <p>Persunal fuq kuntratt: 29 (28) Karigi okkupati: 26 (26)</p> <p>Total tal-persunal: 273 (276)</p> <p>Responsabbli għal</p> <p>Kompiti operazzjonali: 171 (169)</p> <p>Kompiti amministrattivi: 102 (107)</p>	<p>Skond iċ-ċentri ta' ħidma (żvilupp prinċipali):</p> <p>KOSOVO: a) Għotjiet għall-bidu, self, taħriġ u pariri dwar in-negozju għall-intrapriżi żgħar ta' minoranzi u persuni li ġew ripatrijati; b) Sostenn għall-privatizzazzjoni; c) Reabilitazzjoni tat-tisħiħ tad-distrett (fit-tramuntana) u skart u bini għall-utilità ta' l-ilma (fin-nofsinhar ta') Mitrovika; d) Titjib tal-ġestjoni tal-fruntiera/limitu; e) Twaqqif ta' sistema ġdida għal-ipprogrammar ta' l-investment pubbliku, f) Pariri ta' esperti u taħriġ lill-Assemblea tal-Kosovo; g) Sostenn lill-ministeri tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u lill-Uffiċċju ta' l-Istatistika; h) Titjib ambjentali, inkluża l-kostruzzjoni tat-terraferma artifiċjali reġjonali Pristina; i) Sostenn għall-abbozzar ta' Pjan ta' Żvilupp Rurali tal-Kosovo.</p> <p>SERBIA: a) Abbozzi tal-liġijiet dwar ir-riforma ta' l-amministrazzjoni pubblika; b) Forniment ta' tagħmir lill-pulizija tal-fruntiera; c) Kompletazzjoni ta' laboratorju modern tad-DNA; d) Reabilitazzjoni u forniment ta' tagħmir lill-qrati; e) Programm ta' reabilitazzjoni ta' l-isptarijiet; f) Ħolqien ta' impjegi ġodda permezz tas-self mill-Fond ta' Kreditu li jdur; g) Sostenn għat-taħriġ ta' l-intrapriżi; h) Ċentri reġjonali ta' taħriġ għall-adulti; i) Programmi ta' żvilupp ekonomiku għall-ifqar municiplitalajiet; j) Trasferiment ta' punti ta' qsim tal-fruntiera ġodda ma' l-Ungerija u l-Kroazja; k) Rinovazzjoni ta' l-infrastrutturi municiplali; l) Riforma ta' l-uffiċċju ta' l-istatistika; m) Sostenn għall-ġestjoni ta' l-Investment Dirett Barrani; n) Sostenn għall-gruppi vulnerabbli inklużi r-refuġjati u l-persuni spostati; o) Kompletazzjoni ta' proġetti ta' reabilitazzjoni ta' impjant ta' enerġija; p) Filtru ta' l-arja installat fl-impjant ta' enerġija Kostolac.</p>

Oqsma ta' kompetenza komunitarja stipulati fit-Trattat	Setgħat ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000			Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija (dejta għall-2005 fi brekits)	Attivitajiet u servizzi pprovduti fl-2006
						<p>MONTENEGRO: a) Kostruzzjoni ta' l-ajruport internazzjonali Podgorica u arranġament mill-ġdid ta' l-ajruport Tivat; b) <i>Database</i> ta' l-IT ċentrali għall-Ministeru ta' l-Intern; c) Sostenn għall-Aġenzija għall-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani, d) Direttorat Ġdid tat-Toroq u l-Iġijiet tat-trasport; e) Tqassim/ristrutturazzjoni ta' l-intrapriżi pubbliċi ta' l-elettriku, strateġija ta' l-enerġija effiċjenti; f) Twaqqif ta' Aġenzija għall-Ħarsien Ambjentali; g) Proviżjoni ta' kompetenza tal-ġestjoni lill-kumpaniji; h) Sostenn għaċ-Ċentru ta' Taħriġ Ġudizzjarju; i) Riforma tal-Fabs; j) Sostenn għall-abbozzar ta' strateġija għall-agrikoltura u żvilupp rurali</p> <p>EKS-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MACĊEDONJA: a) Assistenza fit-tisħiħ u l-ħolqien ta' istituzzjonijiet ġodda ta' l-amministrazzjoni pubblika (e.ż. l-Uffiċċju ta' l-Istatistika Statali, l-Unità tas-Soċjetà Ċivili fis-Segretarjat Ġenerali, l-Uffiċċju ta' l-Akkwist Pubbliku); b) Sostenn għall-iżvilupp ta' suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; c) Sostenn għar-riforma tal-pulizija inkluż l-arranġament mill-ġdid ta' l-Akademija tal-Pulizija; d) Sostenn għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-arranġament mill-ġdid tal-Qorti Bażika ta' Skopje; e) Ftuħ ta' laboratorju ġdid fitosanitarju statali; f) Kostruzzjoni ta' Ċentru ta' Koordinazzjoni tal-Ġestjoni tal-Fruntieri Nazzjonali; g) Assistenza lill-muniċipalitajiet fid-deċentralizzazzjoni; h) Titjib ta' l-infrastruttura muniċipali; i) Taħriġ ta' l-uffiċjali ċivili minn komunitajiet li mhumiex maġġoranza; k) Taħriġ ta' ġestjoni għall-SMEs.</p>

Sors: informazzjoni ppreżentata mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa																
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-snin finanzjarji preċedenti					Approprijazzjonijiet disponibbli (mis-sena finanzjarja u mis-snin preċedenti)					
				imdaħħla	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annul- lati	dispo- nibbli	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annul- lati	imdaħħla	impen- jati	imħallsa	trasferiti	annul- lati	
Sussidji komunitarji	24 795	20 200	Titolu II Amministrazzjoni	18 540	17 304	17 117	187	1 236	495			385		109	19 035	17 304	17 502	187	1 345
Dħul ieħor	p.m.	877	Titolu II Amministrazzjoni	6 255	4 705	4 198	507	1 550	500			453		47	6 755	4 705	4 651	507	1 597
Dħul assen- jat	244 000	256 008	Titolu III Attivitajiet operattivi	244 000	32 760	4 007	239 992	0	701 681	153 923	249 952	438 814	12 915	945 681	186 683	253 959	678 806	12 915	
Total	268 795	277 085	Total	268 795	54 769	25 322	240 686	2 786	702 676	153 923	250 790	438 814	13 071	971 471	208 692	276 112	679 500	15 857	

Nota ta' qiegħ: L-ammont disponibbli għall-impenn fi tmiem is-sena jammonta għal 746 922 euro (li minnhom 211 240 euro mill-approprijazzjonijiet ta' l-2006 u 535 682 euro mis-snin preċedenti).

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki) — Kont tar-risultat ekonomiku għas-snin finanzjarji
2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	273 192	261 009
Dħul ieħor	239	1 832
Total (a)	273 432	262 841
Spejjeż operattivi		
Spejjeż relatati mal-persunal	16 164	15 727
Infiq relatat ma' l-attiv fiss	581	703
Spejjeż amministrattivi oħra	5 510	6 509
Spejjeż operattivi	247 509	243 442
Total (b)	269 764	266 381
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)	3 668	3 540
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	—	—
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	25	—
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)	– 25	—
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	3 643	– 3 540

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (Tessaloniki) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	70	84
Attiv fiss tanġibbli	743	1 192
Riċevibbli għal żmien twil	10 175	40 002
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	166 885	135 285
Riċevibbli ta' skadenza qasira	24 562	29 574
Likwidità u ekwivalenti likwidi	51 991	57 917
Total ta' l-attiv	254 425	264 055
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	1 986	2 100
Kontijiet pagabbli	85 496	98 655
Total tal-passiv	87 482	100 755
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	163 300	166 840
Riżultat ekonomiku għas-sena	3 643	– 3 540
Total ta' l-attiv nett	166 943	163 300
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	254 425	264 055

Sors: Dejta mogħtija mill-Aġenzija — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. L-Aġenzija għandha ritmu mgħaġġel fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' assistenza. L-aħħar allokkazzjoni ta' l-Aġenzija għall-assistenza ammontat għal €250 miljun fl-2006 li ser jiġu kuntrattati fuq 3 snin, għalhekk sa l-2009. Fl-ewwel 6 xhur ta' l-2007 l-Aġenzija kkuntrattat €185 miljun li jirrappreżentaw

74 % ta' l-allokkazzjoni annwali. Għalhekk, fl-aħħar tal-mandat tagħha l-ammont li fadal jiġi kkuntrattat għandu jkun żgħir.

8. L-Aġenzija tirrikonoxxi l-kummenti tal-Qorti.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà
fl-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta'
l-Aġenzija**

(2007/C 309/09)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġina</i>
INTRODUZZJONI	1-2	48
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	48
OSSERVAZZJONIJIET	7-10	48
Tabelli 1 sa 4		50
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		54

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 ⁽¹⁾. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma li iżomm livell għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, li tiggarantixxi l-iżvilupp korrett tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili u li tistabbilixxi protokoll ta' ċertifikazzjoni kif ukoll li ttiprovdi ċertifikati lill-prodotti awronawtiċi.

2. It-Tabella 1 tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Għal skopijiet t'informazzjoni, sommarju ta' informazzjoni prinċipali mill-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija huwa preżentat fit-Tabelli 2, 3 u 4.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾; hija għet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika IFAC u INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika għet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Fi tmiem l-2006, l-approprijazzjonijiet trasferiti għat-titolu II (nefqa amministrattiva) kienu madwar 40 % ta' l-impenji u għat-titolu III (nefqa operattiva mhux differenzjata) kienu madwar 50 %. Għall-istess titoli, aktar minn 15 % ta' l-approprijazzjonijiet kienu annullati. Kuntrarju għar-Regolament Finanzjarju tagħha, l-Aġenzija użat l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti differenzjati tagħha trasferiti mill-2005 minkejja l-fatt illi hija kellha biżżejjed approprijazzjonijiet ta' pagamenti għall-2006. Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' l-annwalità ma ġiex strettament osservat.

8. Għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha għall-2006, is-sistema ta' l-analiżi tal-prezz ta' l-Aġenzija wriet spejjeż ta' madwar 48 miljun euro kontra dħul ta' madwar 35 miljun euro. L-Aġenzija, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni ⁽⁴⁾, għandha tirrevedi l-iskema kurrenti ta' l-onorarji sabiex tassigura illi l-ispejjeż ta' l-Aġenzija għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni huma ġustifikati u koperti mill-onorarji tagħha.

9. Fil-karta tal-bilanċ ta' l-Aġenzija, ir-riċevibbli ta' skadenza qasira kienu jammontaw għal madwar 14-il miljun euro, minn liema 20 % kellhom aktar minn tlett xhur. L-Aġenzija għadha ma implimentatx sistema effettiva ta' ġestjoni tal-klejms, li possibbilment tinkludi l-interessi fuq il-pagament tardiv.

⁽¹⁾ ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-29 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fil-11 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Onorarji u imposti huma ffissati minn Regolament tal-Kummissjoni *ad-hoc*.

10. Għal kuntratt ma' konsulent estern (221 000 euro) u għat-tiġdid ta' ftehim għal servizzi ta' vjaġġar iffirmit fl-2004 (valur fis-suq annwali ta' madwar 1,5 miljun euro), l-Aġenzija

rrikorriet għall-proċedura negozjata għal raġunijiet ta' urġenza ⁽¹⁾ li ma kinux ġustifikati u pjuttost irriflettew iprogrammar insuffiċenti.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ L-Artikolu 126 (1) (c) tar-regoli implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (Cologne)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006 (2005)	Prodotti u Servizzi
<p>Politika komuni tat-trasport</p> <p>“Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura, dispożizzjonijiet opportuni jistgħux jiġu addottati għat-traffiku fil-baħar u bl-ajru.”</p> <p>(L-Artikolu 80 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi:</p> <p>Sabiex iżżomm livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fl-Ewropa u sabiex tassigura l-funzjoni u l-iżvilupp tajjeb tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili</p>	<p>Miżuri li jridu jiġu adottati mill-Aġenzija:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. sabiex toħroġ opinjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni; 2. sabiex toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, inklużi kodiċi ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u mezzi aċċettabbli ta' konformità, u kwalunkwe materjal ta' gwida għall-applikazzjoni tal-politika Komunitarja; 3. sabiex tieħu deċiżjonijiet rigward ċertifikazzjoni ta' sigurtà ta' l-avjazzjoni u ambjentali; 4. sabiex twettaq spezzjonijiet standardizzati fl-awtoritajiet kompetenti tal-Pajjiżi Membri; 5. sabiex twettaq l-investigazzjonijiet neċessarji f'impriżi. 	<ol style="list-style-type: none"> 1. Bord ta' Tmexxija, jikkonsisti f'rappreżentant ta' kull Stat Membru u rappreżentant tal-Kummissjoni, iwaqqaf Korp ta' Konsulenza ta' partijiet interessati. 2. Id-Direttur Eżekuttiv imexxi l-Aġenzija; huwa maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni. 3. Il-Bord ta' Appell jirregola fuq id-deċiżjonijiet ta' l-Aġenzija dwar ċertifikazzjoni, miżati u spejjeż u kontrolli mwettqa fuq impriżi. 4. Kontroll Estern: il-Qorti ta' l-Awdituri. 5. Awtorità t'Approvazzjoni: il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. 	<p>Baġit definitif 2006</p> <p>Baġit totali: 66,8 (31,5) miljun euro, inklużi:</p> <p>Dħul minn onorarji u imposti: 33,2 (8,6) miljun euro (50 %)</p> <p>Sussidju tal-Komunità: 31,4 (18,9) miljun euro (47 %)</p> <p>Kontribuzzjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Ministeru tat-Trasport): 1,2 miljun euro (2 %)</p> <p>Persunal fil-31.12.2006</p> <p>328 (200) persunal temporanju fil-pjan ta' twaqqif postijiet okkupati: 276 (132)</p> <p>Persunal ieħor: 33 (21) persunal bil-kuntratt u awżiljarji</p> <p>Total ta' persunal:</p> <p>309 (153) assenjati għall-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi: 227 (86) — amministrattivi: 57(38) — imħalla: 25 (29) 	<p>Opinjonijiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 5 opinjonijiet rigward l-emendi għar-Regolamenti Nri. 1592/2002, 1702/2003 u 2042/2003; <p>Deċiżjonijiet ta' regolamentazzjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 3 emendi ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-CS 25, CS-P u CS-ETSO; — 6 emendi tal-Mezzi Aċċettabbli ta' Materjal għall-Konformità u l-Gwida għar-Regolamenti (KE) Nru 1702/2003 u 2042/2003; — deċiżjoni 1 dwar l-organizzazzjoni tan-numri t'approvazzjoni. <p>Koperazzjoni internazzjonali:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ftehim protokoll 1 konkluż maċ-Ċina dwar il-linja ta' produzzjoni finali ta' l-Airbus A320 fiċ-Ċina u ftehim ta' kooperazzjoni 1 iffirmat maċ-Ċina dwar il-prodotti Airbus b'mod ġenerali; — ftehim 1 ta' kooperazzjoni konkluż mal-Ġappun għall-esportazzjoni ta' prodotti Ewropej; — 13-il ftehim ta' kooperazzjoni konklużi ma' kull pajjiż li mhux ta' l-UE ECAC fil-kuntest tal-kontinwazzjoni tal-programm SAFA; — Estenzjoni tal-ftehim ta' koperazzjoni mal-Kumitat Awronawtiku tal-Commonweath ta' l-Istati Indipendenti. <p>Deċiżjonijiet ta' ċertifikazzjoni:</p> <p>Ċertifikati ta' tip: 70</p> <p>Ċertifikati ta' tip supplimentari: 803</p> <p>Direttivi dwar dak li hu tajjeb għat-titjir: 382</p> <p>Speċifikazzjonijiet Tekniċi Ewropej: 178</p>

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006 (2005)	Prodotti u Servizzi
					<p>Mezzi aċċettabbli għall-konformità: 97</p> <p>Modifikazzjonijiet maġġuri: 1 125</p> <p>Modifikazzjonijiet minuri: 1 830</p> <p>Tiswijiet maġġuri: 1 009</p> <p>Tiswijiet Minuri: 372</p> <p>AFM/RFM (= <i>Flight Manual Revisions</i>): 430</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' l-iddisinjar ⁽¹⁾: 377</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (bilaterali) ⁽¹⁾: 1 293</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (barranin) ⁽¹⁾: 201</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' taħriġ dwar il-manutenzjoni ⁽¹⁾: 16</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manifat-tura ⁽¹⁾: 6</p> <p>Ispezzjonijiet dwar l-istandardizzazzjoni (numru ta' pajjiżi skond it-tip):</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manifat-tura: 12-il pajjiż</p> <p>Approvazzjoni t'organizzazzjonijiet ta' manuten-zjoni: 26 pajjiż</p>

⁽¹⁾ Approvazzjonijiet inizjali u ta' sorveljanza totali fil-31.12.2006.
Sors: informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (Cologne) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors ta' dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Dħul proprju	30 700	33 236	Titolu I Persunal (NDA)	25 211	23 881	23 595	286	1 330	214	160	54
Sussidju Komunitarju	32 899	31 454	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	6 812	6 222	3 637	2 585	590	782	690	92
Sussidji oħra	635	453	Titolu III Attivitajiet operattivi (NDA)	7 380	5 625	2 763	2 862	1 756	1 276	1 130	146
			Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)								
Dħul ieħor	156	308	— CA	25 680	23 219			2 461			
			— PA	24 880		11 362	13 518	0	4 334	4 334	0
Dħul assenjat	1 273	1 380	Dħul assenjat	1 380	1 365	1 357	0	22	0	0	0
Total	65 663	66 831	Total CA	66 463	60 312		5 733	6 159	2 272		292
			Total PA	65 663		42 714	19 251	3 698	6 606	6 314	292

NDA: appropriazzjonijiet mhux differenzjati (appropriazzjonijiet ta' l-impenji huma ndaqs għall-appropriazzjonijiet ta' pagamenti).

DA: appropriazzjonijiet differenzjati (appropriazzjonijiet ta' l-impenji jistgħu ikunu differenti mill-appropriazzjonijiet ta' pagamenti).

CA: appropriazzjonijiet ta' l-impenji fil-kuntest ta' appropriazzjonijiet differenzjati.

PA: appropriazzjonijiet ta' pagamenti fil-kuntest ta' appropriazzjonijiet differenzjati.

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati fuq bażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (Cologne) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin
finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	Nota	2006	2005
Dħul operattiv			
Onorarji u imposti	(¹)	35 173	10 888
Sussidji komunitarji		26 401	17 417
Sussidji oħra		2 021	2 138
Dħul ieħor		340	26
Total (a)		63 935	30 469
Nefqa operattiva			
Nefqa tal-persunal	(²)	23 778	13 636
Nefqa relatata ma' l-assi fissi		573	341
Nefqa amministrattiva oħra	(³)	6 436	3 675
Nefqa operattiva		27 798	11 660
Total (b)		58 586	29 312
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet operattivi (c = a – b)			
		5 349	1 157
Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e)		263	41
Nefqa mill-operazzjonijiet finanzjarji (f)		19	14
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)		243	27
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)			
		5 593	1 184

(¹) Iż-żieda qawwija fid-dħul tirrifletti l-ewwel sena sħiħa ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 488/2005 dwar l-onorarji u imposti fuq attivitajiet ta' ċertifikazzjoni.

(²) 126 persuna ġew ingaġġati fl-2006.

(³) Prezz tal-bini ta' l-ispazju l-ġdid li huwa b'żonjuż.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (Cologne) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006
u 2005

(1 000 euro)

	Nota	2006	2005
Attiv mhux kurrenti			
Attiv mhux tanġibbli		268	182
Attiv fiss tanġibbli		1 719	1 348
Attiv kurrenti			
Riċevibbli ta' skadenza qasir	(¹)	13 881	8 816
Likwidità u l-ekwivalenti likwidi	(²)	24 056	11 746
Assi totali		39 924	22 094
Passiv kurrenti			
Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti	(³)	639	—
Kontijiet pagabbli	(⁴)	30 663	19 065
Passiv totali		31 302	19 065
Attiv net			
Bilanċ favur/(kontra) akkumulat		3 029	1 845
Riżultat ekonomiku għas-sena		5 593	1 184
Attiv net totali		8 622	3 029
Total passiv u attiv netti			
		39 924	22 094

(¹) Ir-riċevibbli ta' skadenza qasira jirriflettu t-tkabbir fid-dħul mill-onorarji u mill-imposti.

(²) Iż-żieda fil-likwidità tirrifletti kemm il-ġbir imtejjeb tad-dħul kif ukoll amont għoli mhux imħallas ta' imposti dovuti b'riżultat ta' fatturi tard minn fornituri prinċipali.

(³) Dispożizzjonijiet ta' l-2006 għal riskji u imposti jirrapreżentaw nefqa tal-persunal marbuta ma' leave annwali dovut. L-ispejjeż korrispondenti fl-2005, ammont ta' 237 180 euro, ġew rappurtati taħt kontijiet pagabbli.

(⁴) Iż-żieda f'kontijiet pagabbli hija relatata mad-dovut fuq ċertifikazzjoni tal-fornituri, li jirrifletti kemm attività akbar kif ukoll fattur tard minn fornituri esterni.

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dawn il-kontijiet huma preparati fuq bażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZJA

7. L-approprijazzjonijiet ta' ħlas miġjuba 'l quddiem u differenzjati kienu jirrigwardaw attivitajiet li kellhom jitħallsu mill-miżata tad-dħul.

L-Aġenzja kellha tuża approprijazzjonijiet ta' ħlas miġjuba 'l quddiem u differenzjati miġjuba 'l quddiem mill-2005 minħabba l-miżata fuq id-dħul ta' l-2006 ma kienitx biżżejjed sabiex tkopri l-ispejjeż ta' l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha u t-tpaċija ta' l-impatt tal-bidla minn approprijazzjonijiet differenzjati għal dawk mhux differenzjati mill-1 ta' Jannar 2007 (Ir-Regolament Finanzjarju ma jipprovdix għal proċedura sabiex isir dan it-tali tibdil).

8. Ir-Regolament dwar il-miżati u l-ħlasijiet (KE) Nru. 593/2007 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007 għandu jiġġenera dħul biżżejjed sabiex ikopri l-ispejjeż ta' ċertifikazzjoni ta' l-attivitajiet. L-Aġenzja ddeċidiet li timplimenta sistema ta' ġestjoni integrata matul l-2007 u l-2008 li ser tkabbar il-livell ta' dettall fil-monitoraġġ ta' l-infiq fuq spejjeż ta' l-attivitajiet tagħha.

9. Matul l-2006, il-follow-up ta' dak li kellu jidħol akkont ġie affettwat mill-piż ta' l-ammonti li kellhom jidħlu ta' l-2005 li dwarhom ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni. L-Aġenzja tkompli bl-isforzi tagħha sabiex l-informazzjoni tagħha tkun aktar kredibbli u jitnaqqsu d-dewmien fil-ġbir ta' dak li jkollu jidħol akkont. Barra minn hekk, minn Diċembru 2006, l-Aġenzja ilha tibgħat noti ta' tfakkir sistematikament u qed tiċċarġja interess fil-każ ta' ħlas tardiv.

10. L-Aġenzja tieħu nota ta' l-osservazzjoni tal-Qorti. Fl-ewwel każ, ġie ordnat li jsir studju minn qabel b'urġenza, kif deher fl-aħħar semestru ta' l-2005 li reviżjoni tar-Regolament tal-Miżati u l-Ħlasijiet kienet kruċjali sabiex jiġi ggarantit dħul biżżejjed għall-Aġenzja. Fit-tieni każ, il-kuntratt ġie mtawwal, fl-istennija tar-riżultati ta' analiżi esterna ordnata sabiex issir deċiżjoni fuq l-internalizzazzjoni jew l-esternalizzazzjoni tas-servizzi relatati ma' l-ivvjaġġar. L-Aġenzja qed tabbozza bħalissa t-Termini ta' Referenza in vista tat-tnedija ta' sejħa komprehensiva għal offerti.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/10)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	56
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	56
OSSERVAZZJONIJIET	7-10	56
Tabella 1 sa 4		58
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		61

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 ⁽¹⁾. Il-kompiti ta' l-Aġenzija huma li tassigura livell għoli ta' sigurtà marittima u prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri, tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'assistenza teknika, timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u tevalwa l-effettività tagħha.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185 ⁽²⁾ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Kulleġġ, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ kienu magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika IFAC u INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-13 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fis-27 ta' Ġunju 2007.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Aktar minn 43 % ta' l-appropriazzjonijiet ta' pagament kellhom jiġu kkanċellati fl-aħħar tas-sena 2006. Ma' dan, kien hemm konċentrazzjoni ta' tranżazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena. B'hekk, il-prinċipju baġitarju ta' l-eżattezza ma kienx osservat b'mod rigoruż.

8. Il-proċeduri biex jiġi stabbilit il-baġit u l-pjan ta' twaqqif ma kinux suffiċjentment rigorużi. Dan wassal għal numru għoli ta' trasferimenti baġitarji ⁽⁴⁾, ipplanar tar-reklutaġġ tal-persunal mhux adegwat ⁽⁵⁾ u preżentazzjoni tal-baġit inkorretta ⁽⁶⁾.

9. Impenji legali kienu meħudin qabel l-impenji baġitarji korrispondenti ⁽⁷⁾. Ċerti kuntratti jagħtu possibiltà għal 100 % finanzjament minn qabel: din il-prattika mhix konformi mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba ⁽⁸⁾.

⁽⁴⁾ Aktar minn 35 trasferimenti ta' appropriazzjonijiet fl-2006.

⁽⁵⁾ Nuqqas li jintlaħqu l-oġġettivi ta' reklutaġġ irriżulta fi trasferiment li naqqas il-punt tal-baġit 1 100 (salarij) b'1,2 miljun euro.

⁽⁶⁾ Suppost il-baġit għandu juri rendikont fil-qosor ta' l-iskeda ta' pagamenti dovuti fis-snin finanzjarji sussegwenti biex jiġu osservati l-impenji tal-baġit imdaħħla fis-snin finanzjarji ta' qabel l-Artikolu 31, 2(c) tar-Regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

⁽⁷⁾ Erba' każijiet ta' valur totali ta' madwar 345 000 euro.

⁽⁸⁾ L-Artikolu 67 tar-Regolament Finanzjarju, (Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002).

10. Is-sistema ta' inventarju hija dgħajfa. Ir-reġistri ma jippermettux li l-merkanzija kollha tiġi traċċata fiżikament. It-tagħmir tal-kompjuter mhuwiex irreġistrat fis-sistema.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

Tabella 1

L-Aġenzija Marittima Ewropea għas-Sigurtà (Liżbona)

Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1644/2003 u Nru 724/2004		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija 2006 (Dejta għall-2005)	Prodotti u servizzi provduti 2006
<p>Politika komuni tat-trasport</p> <p>"Il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata, jista, billi jaġixxi, jiddeċiedi jekk safejn u b'liema proċedura, dispożizzjonijiet jistgħux jiġu adottati għat-traffiku bil-baħar u bl-ajru".</p> <p>(L-Artikolu 80 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex tassigura livell uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u prevenzjoni tat-tniġġiż mill-vapuri. — Biex ttipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika. — Biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-leġislażzjoni Komunitarja f'dan il-qasam u tevalwa l-effettività tal-miżuri stabiliti. — Biex tintroduċi metodi operattivi għall-ġlieda kontra t-tniġġiż fl-ibħra Ewropej. 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex tassisti lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni ta' leġiżlażzjoni Komunitarja u fl-implimentazzjoni tagħha; — Biex timmonitorja l-ħidma ġenerali tar-reġim ta' kontroll ta' l-Istat tal-port Komunitarju, li jista' jinkludi żjarat lill-Istati Membri; — Biex ttipprovdi assistenza teknika lill-Kummissjoni għall-port ta' kontroll ta' l-Istat tal-vapuri; — Biex taħdem ma' l-Istati Membri fuq l-iżviluppar ta' soluzzjonijiet tekniċi u biex ttipprovdi assistenza teknika relatati ma' l-implimentazzjoni ta' leġiżlażzjoni Komunitarja; — Biex tippromwovi koperazzjoni bejn Stati riparatorji fiż-żoni kkonċernati tal-vapuri; — Biex tiżviluppa u topera kull sistema neċessarja; — Biex tiffaċilita l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-investigazzjoni ta' inċidenti marittimi; — Biex ttipprovdi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri b'informazzjoni affidabbli dwar is-sigurtà marittima u dwar it-tniġġiż mill-vapuri; — Biex tassisti lill-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-identifikazzjoni u fl-insewiment ta' vapuri li jarmu skart b'mod illegali; — Biex timmonitorja s-soċjetajiet ta' klassifikazzjoni rikonoxxuti mill-UE u biex toħroġ rapporti korrispondenti lill-Kummissjoni; — Biex tassisti lill-Kummissjoni bil-kontribut għal u l-implimentazzjoni tal-kompiti relatati mad-Direttiva dwar it-tagħmir tal-baħar; — Biex ttipprovdi lill-Kummissjoni b'dejta dwar l-introduzzjoni tad-Direttiva dwar faċilitajiet ta' ġbir ta' l-iskart tal-vapuri fil-portijiet Ewropej. 	<p>1. Il-Bord Amministrattiv</p> <p>Kompożizzjoni</p> <p>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni, mingħajr id-dritt li jivvutaw, mis-setturi professjonali kkonċernati.</p> <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex jadotta l-baġit u l-programm ta' xogħol. — Biex jeżamina t-talbiet mill-Istati Membri għall-assistenza. <p>2. Id-Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>3. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>4. Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill</p>	<p>Baġit finali għall-2006:</p> <p>44,7 miljun euro (35,3 miljun euro) Kontribuzzjoni komunitarja: 100 % (100 %)</p> <p>Persunal totali fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>132 (95) kariga fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>Numru ta' karigi okkupati:</p> <p>111 (80)</p> <p>20 (20) kariga oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal mill-aġenzija ta' l-impjiegi)</p> <p>Total tal-persunal: 131 (100)</p> <p>assenjati għad-doveri segwenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operattivi: 83 (65) — kompiti amministrattivi u ta' appoġġ: 41 (27) — kompiti varji: 7 (8) 	<p>Numru ta' speċifikazzjonijiet u dokumenti ta' linji gwida: 49 (jinkludi rapporti u/jew studji)</p> <p>Spezzjonijiet/Verifiki: 47 ('il fuq minn 600 ġurnata ta' missjonijiet għal persuna)</p> <p>Eżerċizji fuq il-baħar (Attivitajiet operattivi): 7</p> <p>Seminarji, taħriġ u workshops: 59 (102 ġurnata u 1 440 parteċipant)</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija

Tabella 2

L-Aġenzija Marittima Ewropea għas-Sigurtà (Liżbona) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-Dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	44 738	32 030	Titolu I Persunal (NDA)	13 459	12 705	10 387	664	2 408	161	62	99
			Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	2 972	2 550	1 944	606	422	333	248	85
Dħul ieħor	0	362	Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)								
			— CA	28 308	19 033	0	0	9 275	0	0	0
			— PA	28 308	0,00	11 638	0	16 669	0	0	0
Total	44 738	32 392	Total CA	44 738	34 287	0	1 270	12 105	0	0	0
			Total PA	44 738	0	23 969	1 270	19 499	494	310	184

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenn ugwali għal approprijazzjonijiet ta' pagament).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjoni ta' impenn u ta' pagament jistgħu jkunu differenti).

CA: approprijazzjonijiet ta' impenn f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

CP: approprijazzjonijiet ta' pagament f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Sors: dejta mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi ta' flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Marittima Ewropea għas-Sigurtà (Liżbona) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006-2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	24 716	15 666
Sussidji oħrajn	678	0
Total (a)	25 394	15 666
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-persunal	9 616	6 099
Attiv fiss relatat man-nefqa	236	151
Nefqa amministrattiva oħra	3 548	2 042
Nefqa operattiva ⁽¹⁾	14 151	2 925
Total (b)	27 551	11 217
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)	– 2 157	4 439
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	0	0
Nefqa minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	0	3
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)	0	– 3
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	– 2 157	4 435

⁽¹⁾ L-iffirmar ta' kuntratti ġoddi għal tankers.

Tabell 4

L-Aġenzija Marittima Ewropea għas-Sigurtà (Liżbona) — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fissi mhux tanġibbli	55	69
Attiv fissi tanġibbli	523	455
Attiv kurrenti		
Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira	4 849	5 351
Riċevibbli ta' skadenza qasira	270	105
Likwidità u ekwivalenti likwidi	11 633	8 866
Total ta' l-attiv	17 330	14 847
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	191	107
Kontijiet pagabbli	12 111	7 555
Total tal-passiv	12 301	7 661
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	7 185	2 750
Riżultat ekonomiku għas-sena	– 2 157	4 435
Total ta' l-attiv fissi	5 028	7 185
Total tal-passiv u ta' l-attiv fissi	17 330	14 847

Sors: Deġta mogħtija mill-Aġenzija. Din it-tabella tiġbor fil-qosor it-tabella mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. Il-Baġit ta' l-Aġenzija kien ta' 1 fuq minn 50 % dedikat għal "miżuri kontra l-kontaminazzjoni". L-Aġenzija nediet sejħiet għal offerti f'dan il-qasam sabiex jiġu konklużi 4 kuntratti għal vapuri li jintużaw f'rispons kontra l-kontaminazzjoni. Lejn l-aħħar ta' dan il-proċess żewġ kumpanniji ddeċidew fl-aħħar mument li jirtiraw l-offerti tagħhom biex b'hekk inġhataw żewġ kuntratti biss. Dan irriżulta fil-kanċellazzjoni ta' apprijazzjonijiet ta' ħlas sostanzjali fl-aħħar tas-sena.

8. Ir-rilokazzjoni ta' l-Aġenzija fl-2006 minn Brussell għal Liżbona kellha implikazzjonijiet tal-baġit li setgħu jiġu previsti, inklużi t-tluq ta' madwar 20 % tal-personal b'kuntratt.

9. Il-proċeduri sabiex jiġu evitati impennji a posteriori qed jiġu msaħħa. Il-kondizzjonijiet ta' l-iffinanzjar minn qabel qed jiġu riveduti wara l-kumment tal-Qorti.

10. It-tibdil minn Ġunju 2007 tas-sistema ta' inventarju l-antika għal ABAC Assets ser telimina l-problemi msemmija mill-Qorti.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa
fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta'
l-Aġenzija**

(2007/C 309/11)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	63
DIKJARAZZJONI T'ASSIGURAZZJONI	3-6	63
OSSERVAZZJONI	7	63
Tabelli 1 sa 4		64
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		66

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 ⁽¹⁾. Il-kompitu ta' l-Aġenzija huwa li tiġbor u tqassam informazzjoni dwar il-prijoritajiet nazzjonali u Komunitarji fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol, li ssostni organizzazzjonijiet nazzjonali u Komunitarji involuti fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u li tipprovdi informazzjoni dwar miżuri preventivi.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2062/94, u mib-għuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kontest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ippjanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONI

7. Fl-2006, id-Direttur iffirma 19-il deċiżjoni għal madwar 880 000 euro u b'hekk awtorizza t-trasferimenti baġitarji minn artikolu għal artikolu fil-kapitoli. Kuntrarju għar-Regolament Finanzjarju, il-Bord Governattiv ma rċevix l-informazzjoni meħtieġa ⁽⁴⁾. Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' annwalità ma kienx osservat b'mod rigoruż.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1. Ir-Regolament kien emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 184, 15.7.2005, p. 5).

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fl-4 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ L-Artikolu 23 tar-Regolament Finanzjarju.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)

Oqsma ta' kompetenza stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1112/2005	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2006 (Dejta għall-2005)	Prodotti u servizzi provduti matul l-2006	
<p>Dispożizzjonijiet Soċjali</p> <p>Il-Komunità u l-Istati Membri(...) għandhom ikollhom bħala mira (...) titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, sabiex jagħmlu possibbli l-armonizzazzjoni tagħhom waqt li jitkompla t-titjib (...).</p> <p>Bl-iskop li jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-Artikolu 136, il-Komunità għandha ssostni u tikkomplimenta l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma li ġejjin: (a) titjib partikolarment fl-ambjent tax-xogħol biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema; (b) il-kundizzjonijiet tax-xogħol; (...)</p> <p>(Siltiet mill-Artikoli 136 u 137 tal-Trattat)</p>	<p>Oġġettivi</p> <p>— Sabiex ikun imtejjeb l-ambjent tax-xogħol, f'dak li jirrigwardja l-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema skond ittrattat u strateġiji Komunitarji suċċessivi u programmi ta' azzjoni li jikkonċernaw issaħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-għan ta' l-Aġenzija għandu jkun biex ttiprovdi lill-korpi tal-Komunità, lill-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u dawk involuti f'dan il-qasam bl-informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika fil-qasam tas-sigurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol.</p>	<p>Kompiti</p> <p>— Tiġbor, tanalizza u tqassam informazzjoni dwar prijoritajiet nazzjonali u Komunitarji u dwar ir-riċerka.</p> <p>— Tippromwovi l-koooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni dwar il-programmi ta' taħriġ.</p> <p>— Tforni lill-entitajiet Komunitarji u l-Istati Membri b' informazzjoni li jeħtieġu biex jifformulaw u jimplementaw politika, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-impatt fuq intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.</p> <p>— Tagħmel disponibbli informazzjoni dwar attivitajiet ta' prevenzjoni.</p> <p>— Tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' strateġiji u programmi ta' azzjoni tal-Komunità</p> <p>— Twaqqaf netwerk li jkun fih punti fokali nazzjonali u ċentri tematiċi.</p>	<p>1. Bord Governattiv</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— rappreżentant wieħed tal-Gvern ta' kull Stat Membru.</p> <p>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem ta' kull Stat Membru.</p> <p>— rappreżentant wieħed ta' l-organizzazzjonijiet ta' l-impjegati ta' kull Stat Membru.</p> <p>— 3 rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p><i>Kompitu</i></p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol annwali ta' l-Aġenzija, il-baġit u r-rapport ġenerali annwali tagħha.</p> <p>2. Uffiċċju</p> <p><i>Kompożizzjoni</i></p> <p>— <i>Chairman</i> u 3 viċi-<i>chairmen</i> tal-Bord</p> <p>— Koordinaturi minn kull wieħed mit-tliet gruppi interessati</p> <p>— membru wieħed addizzjonali minn kull wieħed minn dawn il-gruppi u mill-Kummissjoni</p> <p><i>Kompitu:</i></p> <p>Sorveljanza tat-tħejija u s-segwitu tad-deċiżjonijiet tal-Bord</p> <p>3. Id-Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord Governattiv fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>4. Kumitati</p> <p>Konsultazzjoni obbligatorja tal-Kummissjoni u tal-Kumitat tal-Pariri dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol fir-rigward tal-programm ta' xogħol u l-baġit.</p> <p>5. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>6. Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali:</p> <p>— 14,1 miljun euro (13,7 miljun euro)</p> <p><i>Inklużi:</i></p> <p>— Sussidju komunitarju, DĠ għall-Impjegati: 93,5 % (96 %)</p> <p>— Sussidju komunitarju, DĠ għat-Tkabbir: 4,5 % (3 %)</p> <p>— Dħul varju: 2 % (1 %)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>40 (40) kariga mniżżla fil-pjan ta' twaqif,</p> <p>li minnhom imtlew il-karigi: 33 (32)</p> <p>karigi battala: 7 (8)</p> <p>26 (20) kariga oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati u persunal lokali).</p> <p>Total tal-persunal: 59 (52)</p> <p>assenjati għal</p> <p>— kompiti operattivi: 42 (35)</p> <p>— kompiti amministrattivi: 9 (9)</p> <p>— kompiti mħallta: 8 (8)</p>	<p>Il-Bini tar-rabti — Networking</p> <p>— Tishit tat-tri-partiżmu fin-netwerks ta' l-Aġenzija</p> <p>— Bini tal-kapaċità istituzzjonali fil-Pajjiżi ta' Adeżjoni u dawk Kandidati (programmi PHARE)</p> <p>Komunikazzjoni ta' l-informazzjoni:</p> <p>— Safe Start! — Kampanja tal-Ġimgħa Ewropea 2006 fuq ħaddiema żgħażgħ.</p> <p>— <i>Healthy Workplace Initiative</i> — kampanja mmirata lejn l-SMEs fl-10 ta' l-UE, fir-Rumanija u fil-Bulgarija.</p> <p>— Servizzi ta' informazzjoni f'isla differenti <i>web-based</i> u stampata dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.</p> <p>L-iżvilupp tat-tagħrif:</p> <p>— prodotti ta' informazzjoni għall-Kampanji ta' Ġimgħa Ewropea 2006 (dwar iż-Żgħażgħ) u 2007 (MSDs).</p> <p>— Prodotti ta' informazzjoni dwar Ħaddiema li qegħdin Jixjieħu, SSX u l-Prestazzjoni Ekonomika, u s-Settur HORECA</p> <p>— Prodotti ta' informazzjoni mill-Osservatorju tar-Riskji li jinkludu rapporti dwar il-prijoritajiet ta' riċerka SSX, aġenti bijoloġiċi u radjazzjoni ultravjola, ġbir ta' dejta dwar l-istress, il-vibrazzjoni u l-problemi tal-ġilda, u dwar ħaddiema żgħażgħ u d-disturbi muskoloskeletalni għall-Ġimgħat Ewropej 2006 u 2007, studju ta' fattibbiltà għal stħarriġ tal-kumpanja</p>

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Sors tad-dħul	Dħul		Allokazzjoni tan-nefqa	Nefqa					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur		Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					disponibbli	imħallsa	annullati
				finali	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati			
Sussidji komunitarji	13 200	11 900	Titolu I Persunal	4 556	4 080	3 831	125	600	75	28	47
Dħul ieħor	247	248	Titolu II Amministrazzjoni	1 524	1 481	1 083	381	61	331	313	17
			Titolu III Attivitajiet operattivi	7 367	7 025	5 060	1 963	344	2 213	1 814	400
Dħul assenjat ⁽¹⁾	518	312	Dħul assenjat ⁽¹⁾	518	407	324	194	0	206	0	206
Total	13 965	12 460	Total	13 965	12 993	10 298	2 663	1 005	2 825	2 155	670

⁽¹⁾ L-ammont imdaħħal fil-baġit għad-dħul assenjat huwa 661 000 euro, li minnu 518 000 euro ġew irċevuti.

Sabiex tkun ippreżentata informazzjoni korretta, l-ammont korrett ta' 518 000 euro huwa mogħti hawnhekk.

Sors: Deġta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-deġta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma smati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao)- Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	11 730	11 021
Sussidji oħrajn	238	284
Dħul ieħor	1 580	2 460
Total (a)	13 548	13 765
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	3 640	3 312
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss ⁽¹⁾	139	- 14
Nefqa amministrattiva oħra	1 825	1 692
Nefqa oħra operattiva	8 028	8 584
Total (b)	13 632	13 575
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	- 84	190
Nefqa finanzjarja (d)	6	7
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (e = d)	- 6	- 7
Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)	- 90	183

⁽¹⁾ L-ammont negattiv ippreżentat għall-2005 huwa riżultat ta' korrezzjonijiet.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (Bilbao) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv mhux tanġibbli	71	88
Attiv tanġibbli	247	247
Riċevibbli għal żmien twil	4	4
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	435	454
Riċevibbli ta' skadenza qasira	27	142
Likwidità u ekwivalenti likwidi	2 990	3 392
Total ta' l-attiv	3 774	4 327
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	63	58
Kontijiet pagabbli	1 981	2 448
Total tal-passiv	2 044	2 507
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	1 820	1 637
Riżultat ekonomiku għas-sena	- 90	183
Total ta' l-attiv nett	1 730	1 820
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	3 774	4 327

Sors: Deġta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-deġta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

1. L-Aġenzija taċċetta l-osservazzjoni. Minn Lulju 2007, il-Bord ġie notifikat b'kull deċiżjoni ta' trasferiment magħmul mid-Direttur via l-extranet ta' l-Aġenzija.
-

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena
finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Aġenzija**

(2007/C 309/12)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	68
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	68
OSSERVAZZJONIJIET	7-10	68
Tabelli 1 sa 4		69
Ir-risposti ta' l-Aġenzija		71

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") kienet imwaqqfa mir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 ⁽¹⁾. Il-missjonijiet ta' l-Aġenzija huma li ttejjeb il-livell ta' interoperabilità tas-sistemi tal-ferroviji u li tiżviluppa approċċ komuni lejn is-sigurtà sabiex tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' settur Ewropew tal-ferroviji aktar kompetittiv b'livell ogħla ta' sigurtà.

2. It-Tabella 1 tippreżenta sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitàjiet ta' l-Aġenzija. Għal skopijiet t'informazzjoni, informazzjoni prinċipali mill-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2006 hija preżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 ⁽²⁾; hija ġiet magħmula wara eżami tal-kontijiet ta' l-Aġenzija, kif mitlub mill-Artikolu 248 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni t'assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

B'eċċezzjoni għall-każijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 10, it-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Aġenzija, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Fl-ewwel sena tagħha t'awtonomija finanzjarja l-Aġenzija implimentat 72 % ta' l-approprijazzjonijiet ta' l-impenji tagħha. Il-livelli ta' trasferimenti għan-nefqa amministrattiva (Titolu II) u n-nefqa operattiva (Titolu III) kienu ta' 37,5 % u 85 % rispettivament. Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' l-annwalità ma kienx strettament osservat.

8. L-Aġenzija hija lokalizzata f'żewġ t'ibliet: is-sit amministrattiv tagħha jinsab f'Valenciennes filwaqt li l-laqgħat tagħha huma miżmuma f'Lille. L-Aġenzija s'issa għadha ma sabitx mezzi kif tibbilanċja l-ispejjeż li joħorġu mill-obligazzjoni li għandha li tkun lokalizzata f'żewġ postijiet.

9. Is-sistema tal-kontroll intern uriet nuqqasijiet. Sottodelegazzjonijiet ma ġewx mogħtija skond ir-regoli. Kien hemm inkonsistenzi bejn deċizzjonijiet tad-delegazzjonijiet u d-drittijiet t'aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-baġit SI2. L-Aġenzija m'adottatx regoli implimentattivi għar-regolament finanzjarju tagħha.

10. Eżami tal-proċeduri t'akkwist pubbliku wera' diversi anomaliji: użu ta' kuntratti skaduti ⁽⁴⁾ u estensjonijiet irregolari ta' kuntratti ineżistenti ⁽⁵⁾. Għalhekk l-Aġenzija għandha tneħdi proċeduri t'akkwist pubbliku għal daww l-oqsma li huma preżentement koperti minn kuntratti li ma kinux għaddew minn proċeduri regolari.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 220, 21.6.2004, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew magħmula fid-19 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Każ wieħed identifikat: 49 000 euro.

⁽⁵⁾ Żewġ każijiet identifikati: 630 000 euro.

Tabella 1

L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Lille/Valenciennes)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja li joħorġu mit-Trattat	Kompiti ta' l-Aġenzija kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 881/2004	Tmexxija	Riżorsi disponibbli lill-Aġenzija fl-2006	Prodotti u servizzi provduti fl-2006	
<p>Politika Komuni tat-Trasport</p> <p>Bl-iskop li jwettaq l-Artikolu 70, u filwaqt illi jqis il-fatturi partikolari tat-trasport, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skond il-proċedura msem-mija fl-Artikolu 251 u wara li jikkonsulta mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jistabbilixxi:</p> <p>a) regoli komuni li japplikaw għat-trasport internazzjonali lejn jew mit-territorju ta' Stat Membru jew li jaqsam it-territorju ta' Stat Membru wieħed jew aktar;</p> <p>b) il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-mod li bih trasportaturi mhux residenti jistgħu joperaw servizzi ta' trasport fxi Stat Membru;</p> <p>ċ) miżuri li jtejbu s-sigurtà fit-trasport;</p> <p>d) provvedimenti oħra xierqa. (L-Artikolu 71)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Li tikkontribwixxi, f'materji tekniċi, lejn l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja mmirata lejn:</p> <p>1. it-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tas-settur tal-ferroviji</p> <p>2. l-iżvilupp ta' approċċ komuni lejn is-sigurtà fis-sistema Ewropea tal-ferroviji, sabiex tikkontribwixxi lejn il-ħolqien ta' żona Ewropea tal-ferroviji mingħajr fruntieri u tigarantixxi livell għoli ta' sigurtà.</p>	<p>Kompiti:</p> <p>1. Tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-metodi komuni tas-sigurtà (CSMs) u l-miri komuni tas-sigurtà (CSTs) li hemm provvedimenti għalihom fid-Direttiva fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (2004/49/KE); — ċertifikati ta' sigurtà u miżuri fil-qasam tas-sigurtà; — l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' l-interoperabilità tal-linji tal-ferroviji; — il-monitoraġġ ta' l-interoperabilità; — iċ-ċertifikazzjoni tal-postijiet fejn issir il-manutenzjoni; — kompetenzi professjonali; — ir-reġistrazzjoni ta' materjali mobbli. <p>2. Toħroġ opinjonijiet dwar:</p> <ul style="list-style-type: none"> — regoli ta' sigurtà nazzjonali; — monitoraġġ tal-kwalità tax-xogħol ta' korpi notifikati; — l-interoperabilità tan-netwerk trans-Ewropew. <p>3. Koordinament ta' korpi nazzjonali:</p> <ul style="list-style-type: none"> — koordinazzjoni ta' awtoritajiet ta' sigurtà nazzjonali u l-entitajiet investigattivi nazzjonali (kif deskritti fid-Direttiva 2004/49/EC, l-Artikoli 17 u 21). <p>4. Pubblikazzjonijiet u databases:</p> <ul style="list-style-type: none"> — rapport dwar il-prestazzjoni tas-sigurtà (kull sentejn); — rapport dwar il-progress ta' l-interoperabilità (kull sentejn); — database pubblika ta' dokumenti ta' sigurtà; — regjistru pubbliku ta' dokumenti dwar l-interoperabilità. 	<p>Tmexxija</p> <p>1. Bord ta' Tmexxija</p> <p>Jikkonsisti frapprezentant ta' kull Stat Membru, erba' rappreżentanti tal-Kummissjoni, u sitt rappreżentanti, mingħajr id-dritt tal-vot, mis-setturi professjonali kkonċernati.</p> <p>2. Id-Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord ta' Tmexxija fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>3. Kontroll Estern:</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p>4. Awtorità ta' Kwittanza:</p> <p>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Riżorsi disponibbli lill-Aġenzija fl-2006</p> <p>Baġit finali:</p> <p>14,4-il miljun euro</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>karigi imniżżla fil-pjan ta' twaqqif: 95</p> <p>karigi okkupati: 80</p> <p>Persunal ieħor: 5 p.</p> <p>Total tal-persunal: 85</p> <p>Responsabbli għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kompiti operattivi: 58,5 — kompiti amministrattivi: 26,5 	<p>Prodotti u servizzi provduti fl-2006</p> <p>Sigurtà:</p> <p>Rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar formati armonizzati għaċ-ċertifikati tas-sigurtà u formoli t'applikazzjoni armonizzati sabiex jintużaw minn kumpaniji tal-ferroviji u awtoritajiet tas-sigurtà nazzjonali.</p> <p>Rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni dwar in-notifikazzjoni ta' regoli tas-sigurtà nazzjonali wara talba mill-Kummissjoni relatata ma' miżuri oħra fil-qasam tas-sigurtà.</p> <p>Rapporti dwar il-progress annwali lill-Kummissjoni dwar:</p> <p><i>L-interoperabilità:</i></p> <p>Rakkomandazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-materjali mobbli u rapport dwar l-ispeċifikazzjonijiet dwar ir-Regjistru Nazzjoni tal-Vetturi.</p> <p><i>ERTMS (Sistema Ewropea dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ferroviji):</i></p> <p>Rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni sabiex jiġi aġġornat l-Anness A ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità, il-Kontroll tal-Kmand u s-Senjalazzjoni għas-sistemi tal-ferroviji ta' veloċità qawwija u daww konvenzjonali.</p> <p><i>Evalwazzjoni ekonomika:</i></p> <p>Linjigwida dwar il-Metodoloġija għall-evalwazzjoni ta' l-impatt, applikabbli għar-Rakkomandazzjonijiet ta' l-Aġenzija kollha, ġew furnuti lill-Kummissjoni. Linji gwida applikati ġew ikkunsinnati għal diversi abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet. Evalwazzjonijiet ta' l-impatt qed jiġu preparati b'mod parallel mar-rakkomandazzjonijiet.</p> <p>Fuq talba tal-Kummissjoni, ġiet provuta evalwazzjoni ta' l-impatt għal aċċettazzjoni reċiproka mtejba tal-materjal mobbli (lokomottivi).</p>

Sors: Informazzjoni provduta mill-Aġenzija.

Tabella 2

L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Lille/Valenciennes) — Implementazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa									
Oriġini tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena(snin) finanzjarja(i) preċedenti			
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	impenjati	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	14 398	12 385	Titolu I Persunal	9 649	6 816	6 688	129	2 833	12	4	4	8
Dħul ieħor		20	Titolu II Amministrazzjoni	1 349	1 062	664	398	287	1 048	347	337	711
			Titolu III Attivitajiet operattivi	3 400	2 543	390	2 153	857	2 245	1 389	1 157	1 089
Total	14 398	12 406	Total	14 398	10 422	7 742	2 680	3 976	3 305	1 741	1 498	1 807

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati fuq bażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Lille/Valenciennes) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

	2006
Dħul operattiv	
Sussidji komunitarji	11 920
Sussidji oħra	364
Total (a)	12 284
Spejjeż operattivi	
Spejjeż tal-persunal	6 694
Spejjeż relatati ma' attiv fiss	168
Spejjeż amministrattivi oħra	1 322
Spejjeż operattivi	1 330
Total (b)	9 514
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet operattivi (c = a - b)	2 770
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	3
Spejjeż fuq operazzjonijiet finanzjarji (f)	2
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	1
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	2 771

Sors: dejta provduta mill-Aġenzija. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha. Dawn il-kontijiet huma magħmula fuq bażi tad-dovuti.

Tabella 4

L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (Lille/Valenciennes) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006

(1 000 euro)

	2006
Attiv mhux kurrenti	
Attiv fiss mhux tanġibbli	506
Attiv fiss tanġibbli	378
Attiv kurrenti	
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	18
Riċevibbli ta' skadenza qasira	188
Likwidità u ekwivalenti likwidi	3 299
Total ta' l-attiv	4 389
Passiv kurrenti	
Kontijiet pagabbli	1 618
Total tal-passiv	1 618
Attiv nett	
Riżultat ekonomiku għas-sena	2 771
Total ta' l-attiv nett	2 771
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	4 389

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZJA

7. Matul l-2006 l-attivitajiet ipprogrammati ma kienux implimentati b'mod sħiħ kif l-Aġenzija kien għadha fil-fażi ta' installazzjoni. Fl-2007, l-Aġenzija ser tagħmel analiżi fil-fond ta' l-ipprogrammar ta' l-attivitajiet tagħha, ir-riżorsi meħtieġa u l-baġit li għandu jiġi allokat flimkien mal-pjan għal sejħiet għal offerti.

8. L-Aġenzija bħalissa qed tinnegozja ma' l-awtoritajiet ta' l-istat li qed jospita l-possibilità li tidħol fi Ftehim Fiss. F'dan il-kuntest l-istat li qed jospita qabel li jagħmel kontribuzzjoni sostanzjali għal kera tal-bini future f'Valenciennes. Dan ipaċi parzjalment l-ispejjeż annwali (stmati għal 450 000 euros) li jirriżultaw mill-lokazzjoni doppja ta' l-Aġenzija.

9. Fil-bidu ta' l-2007, l-Aġenzija għamlet funzjoni ta' sigurtà fis-seħħ sabiex tiċċekkja l-konsistenza bejn id-delegazzjonijiet u s-sotto-delegazzjonijiet li huma fis-sistema tal-ġestjoni tal-baġit u l-atti korrispondenti ffirmati. L-Aġenzija qed tippjana li tissottometti r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha għal adozzjoni mill-Bord Amministrattiv qabel l-aħħar ta' l-2007.

10. Is-sitwazzjonijiet deskritti mill-Qorti kienu r-riżultat ta' nuqqas ta' personal matul il-fażi ta' installazzjoni ta' l-Aġenzija. F'Ġunju 2007 għet imposta sistema ta' akkwist sabiex jiġi evitat li dan jiġri fil-futur. L-inkarigu huwa li tikkordina u tagħmel superviżjoni tal-proċeduri ta' akkwist.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità**

(2007/C 309/13)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-5	73
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	6-9	73
OSSERVAZZJONIJIET	10-11	74
Tabelli 1 sa 4		75
Ir-risposti ta' l-Awtorità		79

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita) (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità") twaqqfet bħala Aġenzija Komunitarja mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 ⁽¹⁾ tat-12 ta' Lulju 2004 sabiex tmexxi l-interessi pubbliċi fir-rigward tal-programmi Ewropej GNSS u biex taġixxi bħala l-awtorità regolatorja għall-programm matul il-fażijiet ta' preparazzjoni u ta' operazzjoni tal-Programm Galileo. It-Tabella 1 tiġbor fil-qosor l-għanijiet u l-attivitajiet ta' l-Awtorità.

2. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006 ⁽²⁾ tat-12 ta' Diċembru 2006 estenda l-mandat ta' l-Awtorità biex ikopri l-attivitajiet tal-fażi ta' żvilupp (l-ewwel fażi tal-Programm Galileo ⁽³⁾) li l-Impriża Konġunta Galileo ma setgħetx tiffinalizza qabel ma għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006.

3. L-Awtorità bdiet l-operazzjonijiet tagħha fl-2006. Għall-bidu, it-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha ta' l-Awtorità twettqu fisimha mid-Direttorat-Ġenerali ta' l-Enerġija u t-Trasport. Wara l-installazzjoni tas-sistemi finanzjarji meħtieġa, l-Awtorità ħadet kontroll tar-responsabbiltà għall-operazzjonijiet finanzjarji tagħha f'Settembru 2006 ⁽⁴⁾.

4. It-trasferiment ta' attivitajiet mill-Impriża Konġunta Galileo lill-Awtorità beda f'Diċembru 2006 bit-trasferiment ta' 70 miljun euro u tad-drittijiet u l-obbligi relatati mal-FP6 ⁽⁵⁾, il-MEDA ⁽⁶⁾, l-EGNOS ⁽⁷⁾ u kuntratti oħra. Għaldaqstant, għalkemm is-sussidju Komunitarju u dħul ieħor għall-Awtorità fl-2006 qabeż is-7 miljun euro bl-eżatt, l-attiv totali ta' l-Awtorità ammonta għal 76,6 miljun euro fl-aħħar ta' l-2006.

⁽¹⁾ ĠU L 246, 20.7.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 367, 22.12.2006, p. 18.

⁽³⁾ Il-programm Galileo huwa maqsum fi tliet fażijiet: żvilupp u validazzjoni (2001-2005); preparazzjoni (2006-2007); u operazzjoni kummerċjali (2008 'il quddiem).

Fil-komunika tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Taking stock of the Galileo programme" (COM(2006) 272 finali tas-7 ta' Ġunju 2006), il-Kummissjoni emendat l-iskeda tal-programm Galileo. L-iżvilupp u l-validazzjoni se jkomplu sal-bidu ta' l-2009; il-preparazzjoni se sseħħ fl-2009 u fl-2010; il-fażi ta' operazzjoni kummerċjali se tibda fi tmiem l-2010.

⁽⁴⁾ Il-ftehim dwar il-modalitajiet tat-trasferiment bejn id-Direttorat-Ġenerali ta' l-Enerġija u t-Trasport u l-Awtorità, il-15 ta' Settembru 2006.

⁽⁵⁾ Il-FP6 huwa s-Sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrarazzjoni li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u għall-innovazzjoni (mill-2002 sa l-2006) — (Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 — ĠU L 232, 29.8.2002).

⁽⁶⁾ Il-programm MEDA huwa l-istrument prinċipali ta' koperazzjoni ekonomika u finanzjarja taħt is-sħubija Ewro-Mediterranja (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1488/96 tat-23 ta' Lulju 1996 — ĠU L 189, 30.7.1996).

⁽⁷⁾ Il-programm EGNOS (Servizz Ewropew Ġeostazzjonarju li jkopri n-Navigazzjoni), is-sistema tan-navigazzjoni Ewropea bis-satellita li timmira li tikkoreġi u ttejjeb id-dejta GPS, ġiet integrata fil-programm Galileo wara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003.

5. Informazzjoni prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Awtorità għas-sena finanzjarja 2006 hija ppreżentata fit-Tabelli 2, 3 u 4.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

6. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁸⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Awtorità, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

7. Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 kienu ppreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tibgħat dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Ir-rendikonti finanzjarji jkopru l-perijodu mit-18 ta' Settembru (id-data tal-bidu ta' l-operazzjonijiet finanzjarji indipendenti) sal-31 ta' Diċembru 2006.

8. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kontest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

9. Il-Qorti għalhekk kisbet bażi raġonevoli għad-dikjarazzjoni mfissra hawn taħt.

Affidabbiltà tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

⁽⁸⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

OSSERVAZZJONIJIET

10. L-ittestjar mill-Qorti ta' kampjun rappreżentattiv ta' 80 tranżazzjoni identifika nuqqasijiet fl-operazzjoni tas-sistemi tat-tmexxija u kontroll. Fi 12-il każ, l-uffiċjal li ta bidu għat-tranżazzjoni ma kellux l-awtorità delegata u ċ-ċirkuwitu finanzjarju xieraq ma kienx segwit. F'2 każijiet l-uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità m'approvax l-impenn tal-baġit qabel ma daħal għal impenn legali, kuntrarju għall-ħtiġijiet tar-Regolament Finanzjarju.

11. Skond ir-Regolament, mill-1 ta' Jannar 2007, l-Awtorità hija s-sid ta' l-attiv tanġibbli u mhux tanġibbli kollu maħluq jew żviluppat matul il-fażi ta' żvilupp tal-Programm Galileo ⁽¹⁾. Parti mill-attiv kien trasferit mill-Impriża Konġunta Galileo f'Diċembru 2006 (il-paragrafu 4 hawn fuq). Minħabba n-nuqqas ta' ftehim bejn tlieta mill-membri ta' l-Impriża Konġunta ⁽²⁾ u l-Awtorità, it-trasferiment ta' l-attiv l-ieħor li kien identifikat ta' 65 miljun euro ⁽³⁾ kien ittardjat sa nofs l-2007.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha ta' l-20 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ L-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 emendat minn [l-Artikolu 1(2) tar-] Regolament (KE) Nru 1942/2006.

⁽²⁾ L-Aġenzija Spazjali Ewropea, iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Telelokazzjoni taċ-Ċina u l-MATIMOP — iċ-Ċentru ta' l-Industrija Iżraeljana għar-Riċerka u l-Iżvilupp.

⁽³⁾ Dan l-ammont ma jinkludix il-bilanċ ta' fondi li jirriżultaw mill-istralċ ta' l-Impriża Konġunta Galileo, li mhumiex se jkunu trasferiti lill-Awtorità qabel tmiem il-proċedura ta' l-istralċ.

Tabella 1

Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Awtorità kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 u emendati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006	Tmexxija	Riżorsi magħmula disponibbli lill-Awtorità	Prodotti u servizzi ewlenin forniti fl-2006	
<p>Kompetittività għat-tkabbir u l-impjeg</p>	<p>Għanijiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tmexxi l-interessi pubbliċi fir-rigward tal-programmi Ewropej GNSS — Li tkun l-awtorità regolatorja fir-rigward tal-programmi Ewropej GNSS 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li tikkonkludi l-kuntratt ta' konċessjoni mad-detentur privat tal-konċessjoni responsabbli mill-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tal-fażijiet ta' preparazzjoni u ta' operazzjoni ta' Galileo; — Li tiżgura li d-detentur tal-konċessjoni jikkonforma mal-kuntratt ta' konċessjoni u l-ispeċifikazzjonijiet annessi miegħu; — Li tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi f'każ ta' nuqqas minnaħa tad-detentur tal-konċessjoni; — Li tmexxi l-fondi allokatu speċifikament lilha għall-programmi Ewropej GNSS; — Li tissorvelja l-amministrazzjoni finanzjarja ġenerali sabiex tagħti parir fuq il-kontribuzzjonijiet tas-settur pubbliku; — Li tieħu r-responsabbiltà li tmexxi l-ftehim ma' l-operatur ekonomiku inkarigat li jħaddem l-Egnos; — Li tippreżenta qafas dwar l-għażliet ta' politika futuri dwar is-sistema Egnos; — Li tikkoordina l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-frekwenzi meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni tas-sistema; — Li tipprepara abbozzi sabiex tgħin lill-Kummissjoni tipprepara proposti għall-programmi Ewropej GNSS li jridu jiġu ppreżentati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u r-regoli ta' implimentazzjoni korrispondenti; — Li timmodernizza s-sistema u tiżviluppa ġenerazzjonijiet ġodda tagħha; — Li twettaq dawk il-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit li jiġu fdati lilha mill-Kummissjoni u li huma marbuta mal-programmi Ewropej GNSS; — Li tiżgura li l-komponenti tas-sistema huma debitament ċertifikati u li tagħti s-setgħa lill-korpi xierqa awtorizzati sabiex jiċċertifikaw li jhorġu ċ-ċertifikati rilevanti u li jissorveljaw l-osservanza tal-livelli u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati; 	<p>1 Bord Amministrattiv</p> <p>Kompożizzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — rappreżentant għal kull Stat Membru — rappreżentant mill-Kummissjoni <p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Jaħtar id-Direttur Eżekuttiv; — Jadotta l-programm annwali tax-xogħol; — Jipproduċi rendikont ta' l-istimi tad-dħul u tan-nefqa għall-Awtorità għas-sena finanzjarja li jmiss u jibgħatu lill-Kummissjoni li tgħaddih lill-Awtorità tal-Baġit; — Jadotta l-baġit; — Jagħti opinjoni dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità; — Jieħu deċiżjonijiet fuq l-aspetti kollha relatati mas-sigurezza u mas-sigurtà tas-sistema; — Jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv; — Jadotta d-dispożizzjonijiet speċjali meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-Awtorità; — Jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti ta' l-Awtorità u jibgħatu, sal-15 ta' Ġunju, lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Qorti ta' l-Awdituri; — Jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. 	<p>Baġit finali</p> <p>7,0 miljuni euro inkluż sussidju mill-Komunità: 100 %</p> <p>Total tal-persunall fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>39 post fil-pjan tat-twaqqif</p> <p>Postijiet okkupati: 18</p> <p>+ 5 postijiet oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali-sekondati, persunal ta' l-aġenzija lokali u ta' l-impjeg)</p> <p>Total tal-persunal: 23</p> <p>assenjati għall-kompiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi: 9 — amministrattivi: 9 — mħallta: 5 	<p>Twaqqif tal-GSA:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Awtonomija finanzjarja f'Settembru 2006 — 18-il post mimli u 13 oħra reklutati fl-31.12.2006 — Iċ-ċaqliq lejn il-bini ġdid kien ipplanat u mħejji — Pjan għat-twaqqif tal-Kumitat għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Sistema approvat fit-30.11.2006 u sejħa għal nominazzjonijiet maħruġa fit-13.12.2006 — Tħejjija tad-dokumentazzjoni u ffirmar tat-trasferiment ta' l-attivitajiet tal-GJU (ħliet il-fażi ta' Validazzjoni fl-Orbita u attivitajiet internazzjonali) — Daħla ta' l-elementi bażiċi tal-komunikazzjoni (lowgo, grafika) <p>Is-sistemi Galileo u EGNOS:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Abbozz ta' pjan taċ-ċertifikazzjoni għall-EGNOS — Tħejjija u approvazzjoni ta' ftehim ESA/GSA mill-Bord Amministrattiv — Kontribut għad-definizzjoni ta' politika għat-tmexxija tad-drittijiet tal-proprietà intelletwali tal-GNSS <p>Konċessjoni:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Sostenn mogħti lit-tim tan-negozjar tal-GJU għall-kuntratt ta' konċessjoni — Bidu ta' konsultazzjonijiet dwar id-daħla tar-regoli tal-kontabilità għar-reġistrazzjoni ta' attiv tanġibbli u intanġibbli.

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi ta' l-Awtorità kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1321/2004 u emendati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1942/2006	Tmexxija	Riżorsi magħmula disponibbli lill-Awtorità	Prodotti u servizzi ewlenin forniti fl-2006
		<ul style="list-style-type: none"> — Li tinforza u tivverifika konformità min-naħa tad-detentur tal-konċessjoni ma' istruzzjonijiet maħruġa skond l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/552/PESK; — Li tmexxi l-aspetti kollha li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà u l-protezzjoni tas-sistema; — Li tieħu r-responsabbiltà, bi ħsieb tal-kompletazzjoni tal-fażi ta' żvilupp tal-programm Galileo, il-kompiti assenjati lil dan ta' l-aħħar mill-Artikoli 2, 3 u 4 ta' l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 876/2002; — Li twettaq kull riċerka ta' benefiċċju lill-iżvilupp u lill-promozzjoni tal-programmi Ewropej GNSS. 		

2 Direttur Eżekuttiv
Maħtur mill-Bord Amministrattiv.

3 Kumitat Xjentifiku u Tekniku
Magħmul minn esperti rikonoxxuti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni.

4 Kumitat għas-Sigurtà u l-Protezzjoni tas-Sistema
Magħmul minn rappreżentant għal kull Stat Membru u rappreżentant mill-Kummissjoni.

5 Verifika Esterna
Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

6 Awtorità ta' approvazzjoni
Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.

Sors: Informazzjoni ppreżentata mill-Awtorità.

Tabella 2

Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Infiq								
Oriġini ta' dħul	Dħul reġistrat fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet taħt il-baġit finali					Approprijazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti		
				reġistrati	impenjati	mħallsa	miġjuba 'l quddiem	annullati	disponibbli	mħallsa	annullati
Sussidji Komunitarji	7 026	7 026	Titolu I Persunal	2 510	921	522	398	1 589	37	0	37
Sussidji oħra			Titolu II Amministrazzjoni	1 353	1 060	182	878	293	27	0	27
Dħul ieħor	3	0	Titolu III Attivitajiet operattivi	3 100	1 127	0	1 127	1 973	0	0	0
			Dħul assenjat	0	0	0	0	0	0	0	0
Total	7 029	7 026	Total	6 963	3 108	704	2 403	3 855	64	0	64

NB: kwalunkwe diskrepanza fit-total hija riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

Sors: Dejta mogħtija mill-Awtorità — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta pprovduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha.

Dħul miġbur u pagamenti huma stmati abbażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Dħul operattiv		
Riżorsi proprji	0,00	0,00
Sussidji Komunitarji	1 981,00	0,00
Sussidji oħra	0,00	0,00
Dħul ieħor	60,00	0,00
Total (a)	2 041,00	0,00
Spejjeż operattivi		
Spejjeż tal-persunal	564,00	0,00
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	4,00	0,00
Spejjeż amministrattivi oħra	595,00	0,00
Spejjeż relatati ma' operazzjonijiet	53,00	0,00
Total (b)	1 216,00	0,00
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	825,00	0,00
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	0,00	0,00
Spejjeż relatati ma' operazzjonijiet finanzjarji (f)	0,00	0,00
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	0,00	0,00
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	825,00	0,00

Tabella 4

Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza GNSS (Brussell) — Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss intanġibbli	0,00	0,00
Attiv fiss tanġibbli	65,00	0,00
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	0,00	0,00
Riċevibbli ta' skadenza qasira	59,00	0,00
Flus likwidi u ekwivalenti	76 485,00	0,00
Attiv totali	76 609,00	0,00
Passiv mhux kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	0,00	0,00
Passiv ieħor ta' skadenza qasira	0,00	0,00
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	29,00	0,00
Kontijiet pagabbli (1)	75 755,00	0,00
Passiv totali	75 784,00	0,00
Attiv nett		
Riżervi	0,00	0,00
Bilanċ favur/kontra akkumulat	0,00	0,00
Riżultat ekonomiku tas-sena	825,00	0,00
Attiv nett totali	825,00	0,00
Passiv u attiv nett totali	76 609,00	0,00

(1) Inkluż ammont ta' 70 069 962,04 euro mill-Impriża Konġunta Galileo għall-attivitajiet trasferiti mill-1 ta' Jannar 2007. Dan l-ammont se jkun ikklassifikat mill-ġdid fil-Kontijiet ta' l-2007.

Sors: Dejta mogħtija mill-Awtorità — Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta pprovduta mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AWTORITÀ

10. Rigward l-osservazzjoni tiegħek Nru. 10, jekk jogħġbok ikkunsidra li t-tranżazzjonijiet saru matul perjodu ta' tnedija fejn il-personal ta' l-Awtorità kien limitat fin-numru u kien qed jiġbor esperjenza filwaqt li fl-istess ħin kien qed jaħdem taħt ammont ta' xogħol kbir. Is-sitwazzjoni ta' l-Awtorità ġiet imtejba ħafna minn dakinhar u ingħatat attenzjoni speċifika għat-taħriġ tal-personal u t-titjib u d-dokumentazzjoni tal-proċeduri.

11. Il-Qorti tosserva wkoll li parti mill-assi ta' l-Impriża Konġunta Galileo li tammonta għal EUR 65 miljun ma ġietx trasferita mill-1 ta' Jannar 2007. Għandi l-pjaċir nikkonferma li, sal-lum, 97 % ta' dan l-ammont għe riċevut mill-Awtorità u li l-kwistjonijiet li wasslu għal dewmien fit-trasferiment ġew riżolti.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Awtorità**

(2007/C 309/14)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	81
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	81
OSSERVAZZJONIJIET	7-11	81
Tabelli 1 sa 4		83
Ir-risposti ta' l-Awtorità		85

INTRODUZZJONI

1. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità") kienet imwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 ⁽¹⁾. Il-kompiti prinċipali tagħha huma li tipprovdi l-informazzjoni xjentifika neċessarja sabiex isir abbozz ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità, li tiġbor u tanalizza dejta sabiex ir-riskji jiġu identifikati u srorveljati u li tipprovdi informazzjoni indipendenti fuq dawn ir-riskji.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Awtorità. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Awtorità għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet ta' l-Awtorità, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fid-19 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fis-27 ta' Ġunju 2007.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Awtorità għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Awtorità, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Fl-2006, ir-rati ta' pagament kienu ta' 56 % ta' l-appropriazzjonijiet għan-nefqa amministrattiva (it-Titolu II) u ta' 50 % ta' dawk għall-attivitajiet operattivi (it-Titolu III). 20 % ta' l-appropriazzjonijiet trasferiti mill-2005 kienu annullati fi tmiem l-2006. Sar għadd kbir ta' trasferimenti u kien hemm konċentrazzjoni għolja tagħom fi tmiem is-sena ⁽⁴⁾ Għalhekk, il-prinċipji baġitarji ta' annwalità u speċifikazzjoni ma kinux osservati b'mod rigoruż.

8. L-Awtorità la m'għamlet stima tar-riskju komprensiva u ddefinixxiet indikaturi tal-prestazzjoni xierqa, u lanqas ma ddokumentat is-sistemi u l-proċeduri ta' kontroll intern li jmxxu l-attivitajiet tagħha. Din is-sitwazzjoni kienet tipprekludi l-implimentazzjoni ta' politika ta' amministrazzjoni tar-riskju effettiva, li hija essenzjali għal ġestjoni tal-baġit ibbażata fuq attività.

9. Saru pagamenti finali ⁽⁵⁾ minkejja dokumentazzjoni ta' sostenn insuffiċjenti. Barra dan, kien diffiċli biex wieħed jevalwa l-adegwatezza tal-kontrolli mwettqa biex jivverifika l-korrettezza u l-kompletezza ta' l-informazzjoni finanzjarja ppreżentata mill-fornitur.

10. L-Awtorità la ma fffissat objettivi ta' reklutaġġ realistiċi, lanqas ma ddefiniet prijoritajiet rigward postijiet battala u lanqas ma fffissat skadenzi għal kull proċedura ta' reklutaġġ. Żewġ terzi biss mill-250 kariga disponibbli taħt il-pjan ta' twaqqif ta' l-Awtorità għall-2006 kienu mtlew sa tmiem is-sena.

⁽⁴⁾ 31 mid-49 trasferiment effettwati mill-Awtorità saru matul l-aħħar tliet xhur tas-sena.

⁽⁵⁾ Valur tal-każijiet misjuba: madwar 500 000 euro.

11. Rigward proċeduri ta' l-akkwist pubbliku, l-irregolaritajiet segwenti kienu osservati ⁽¹⁾: il-kriterji ta' għażla mhux iddikjarati, jew mhux applikati; il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prezzijiet mhux definit sakemm kienet għaddejja l-proċedura ta' evalwazzjoni; deskrizzjoni vaga wisq tal-kriterji ta

' kwalità. Il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' indipendenza ġerarkika tal-membri tiegħu. Din is-sitwazzjoni rriżultat prinċipalment mill-fatt li l-Awtorità ma applikatx proċeduri ċari ta' l-akkwist pubbliku.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Seba' każijiet ta' valur totali approssimattiv ta': 670 000 euro.

Tabella 1

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma)

Oqsma ta' kompetenzi komunitarji stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Awtorità (Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Awtorità fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi provduti
<p>Moviment liberu tal-merkanzija (l-Artikolu 37 tat-Trattat)</p> <p>Kontribut għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, sigurtà, u l-protezzjoni ta' l-ambjent u tal-konsumaturi, b'kunsiderazzjoni għal xi żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi (l-Artikolu 95 tat-Trattat)</p> <p>Il-Politika kummerċjali komuni (l-Artikolu 133 tat-Trattat)</p> <p>Is-Saħħa Pubblika (l-Artikolu 152(4) (b) tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li ttiprovdi opinjonijiet xjentifiċi u appoġġ xjentifiku u tekniku għal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u l-politika li għandhom impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà ta' l-ikel u l-għalf — Li ttipprovdi taġhrif indipendenti fuq ir-riskji li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà fl-ikel — Li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tal-ħajja umana u tas-saħħa — Li tiġbor u tanalizza d-dejta meħtieġa biex tippermetti l-karatterizzazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li toħroġ opinjonijiet u studji xjentifiċi — Li tippromwovi metodoloġiji uniformi ta' l-istima tar-riskju — Li tgħin lill-Kummissjoni — Li tfittex għal, tanalizza, u tqassar id-dejta xjentifika u teknika meħtieġa — Li tidentifika u li tikkarakterizza riskji li joħorġu — Li tistabbilixxi netwerk ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu f' oqsma simili — Li ttiprovdi għajnuma xjentifika u teknika fl-immaniġġjar ta' kriżi — Li ttejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali — li ttiprovdi partijiet pubbliċi u partijiet interessati b' informazzjoni ta' min jorbot fuqha, oġġettiva u li tinftiehem b'mod faċli — Li tieħu sehem fis-sistema ta' allarm malajr tal-Kummissjoni 	<p>1. Bord ta' l-Amministrazzjoni Kompożizzjoni</p> <p>4 il-membri maħtura mill-Kunsill (b'koperazzjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni) u rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni</p> <p>Dmirijiet</p> <p>Jadotta l-programm ta' xogħol u l-baġit u jiżgura li jiġu implimentati</p> <p>2. Direttur Eżekuttiv</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni u wara intervista</p> <p>3. Forum Konsultattiv Kompożizzjoni</p> <p>Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru</p> <p>Dmirijiet</p> <p>Jagħti pariri lid-Direttur Eżekuttiv</p> <p>4. Il-Kumitat Xjentifiku u l-bordijiet xjentifiċi:</p> <p>Jippreparaw l-opinjonijiet xjentifiċi ta' l-Awtorità</p> <p>5. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>6. Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>40,2 miljun euro (36,9 miljun euro); Kontribuzzjoni komunitarja: 100 % (100 %)</p> <p>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' persunal fil-pjan ta' twaqqif: 250 (194)</p> <p>Karigi okkupati: 173 (124)</p> <p>+ 57 (36) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali)</p> <p>Total tal-persunal: 230 (160)</p> <p>Assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi 150 (104) — amministrativi: 80 (56) 	<p>Wara t-323 talba għal opinjonijiet xjentifiċi magħmula lill-EFSA fl-2006, 132 opinjoni u erba' rapporti kienu adottati u ppubblikati. Dawn kienu jkopru ħafna oqsma ttrattati mid-disa' bordijiet xjentifiċi, li jinkludu l-pjanti aromatiċi, l-organiżmi ġenetikament modifikati (ma' l-WHO), l-ispongiform encephalopathy tal-bovini (BSE) u l-ispongiform encephalopathy trasmessa (TSE).</p> <p>Il-komunikazzjoni mill-EFSA dwar ir-riskji lill-pubbliku u dwar l-attivitajiet tagħha in ġenerali ġew rikonoxxuti b'mod wiesa' bħala rizzultat ta' 4 600 artiklu li jkopru x-xogħol xjentifiku ta' l-Awtorità. Il-konsultazzjoni tal-websajt ta' l-EFSA żdiedet ukoll, b'1,33 miljun hit, u kien hemm 12 200 abbonat mal-EFSA Highlights. Il-koordinazzjoni tal-kommunikazzjoni tar-riskji żdiedet permezz tal-Forum Konsultattiv u l-workshops organizzati.</p> <p>Il-ħidma ta' l-EFSA bħala netwerk mal-partijiet interessati, awtoritajiet nazzjonali u kontrapartijiet istituzzjonali intensifikat permezz ta' l-attivitajiet ta', <i>inter alia</i>, forum għall-partijiet interessati u programmi mmirati lejn l-Istati Membri ġodda jew pajjiżi kandidati. Il-Forum Konsultattiv iltaqa' ħames darbiet bi ħsieb li jaħdem bħala netwerk ma' l-awtoritajiet nazzjonali fuq kwistjonijiet speċifiċi bħall-koordinazzjoni fil-każ ta' kriżi u ż-żieda ta' l-użu ta' l-extranet li jorbot l-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni u l-EFSA.</p> <p>F'dak li għandu x'jaqsm ma' l-evalwazzjoni ta' l-EFSA fl-2005, il-Bord ta' l-Amministrazzjoni ppreżenta r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fis-sajf ta' l-2006 u l-implimentazzjoni tagħhom baq-għet għaddejja minn dak iż-żmien.</p>

Sors: Informazzjoni pprovduta mill-Awtorità.

Tabella 2

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa									
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena/snin finanzjarja/i preċedenti			
				imdaħħla	impenjati	imballsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	impenjati	imballsa	annullati
Sussidji komunitarji	40 249	37 520	Titolu I Persunal	18 505	17 722	17 238	483	783	546	546	480	66
Dħul ieħor	0	23	Titolu II Amministrazzjoni	7 375	7 037	4 144	2 894	338	2 285	2 285	2 100	185
			Titolu III Attivitajiet operattivi	14 369	11 649	7 137	4 512	2 720	3 476	3 476	2 464	1 012
Total	40 249	37 543	Total	40 249	36 408	28 519	7 889	3 841	6 308	6 308	5 044	1 264

NB: varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

Sors: dejta provduta mill-Awtorità. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Riżorsi proprji		
Sussidji komunitarji	35 117	27 405
Sussidji oħrajn		
Dħul ieħor	23	0
Total (a)	35 140	27 405
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	16 014	13 012
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	771	603
Nefqa amministrattiva oħra	8 303	5 833
Nefqa operattiva	8 950	8 718
Total (b)	34 038	28 166
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	1 102	- 761
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	3	0
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	4	7
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 1	- 7
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	1 101	- 768

Sors: dejta provduta mill-Awtorità. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Awtorità fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Parma) — Karta tal-Bilanċ fil- 31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Intanġibbli	687	615
Attiv fiss tanġibbli	950	972
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	224	171
Riċevibbli ta' skadenza qasira	43	100
Riċevibbli oħra	112	28
Likwidità u ekwivalenti likwidi	10 607	10 879
Total ta' l-attiv	12 624	12 766
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	388	0
Kontijiet pagabbli	7 451	9 082
Total tal-passiv	7 839	9 082
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	3 684	4 452
Riżultat ekonomiku għas-sena	1 101	- 768
Total ta' l-attiv nett	4 785	3 684
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	12 624	12 766

IR-RISPOSTI TA' L-AWTORITÀ

7. Ir-rata tal-pagamenti fl-2006, prinċipalment skond it-*Titlu III* tirrifletti n-natura awmentata pluriennali ta' l-operazzjonijiet. Fl-2007 l-Awtorità ser ittejjeb il-previżjonijiet baġitarji u s-sorveljazzjoni tagħha biex tnaqqas it-trasferimenti fin-numru u fil-volum. Kontroll miżjud fuq it-tmexxija 'il quddiem ser jiġi implimentat għall-egħluq tal-kontijiet ta' l-2007.

8. Biex tiżdied il-kuxjenza dwar il-kontroll intern fi ħdan l-Awtorità, ġie implimentat pjan ta' azzjoni dwar il-kontroll intern. Barra minnhekk valutazzjoni proprja fuq il-kontroll intern kif ukoll valutazzjoni dwar livell għoli ta' riskju korporattiv huma parti mill-pjan tax-xogħol ta' l-2007.

9. Il-pagamenti finali li kienu sottoposti għar-reviżjoni ġew ipproċessati matul l-ewwel parti ta' l-2006, minkejja dan, sabiex jiġu vvalutati l-korrettezza u l-kompletezza ta' l-informazzjoni finanzjarja sottomessa mill-fornitur, l-Awtorità irrinforzat it-tim tal-verifika finanzjarja b'żewġ membri oħra ta' l-istaff, matul l-ewwel kwart tas-sena 2007 u implimentat listi ta' verifika matul it-tieni kwart tas-sena 2007.

10. F'Novembru ta' l-2006 ġie adottat pjan preċiż ta' reklu-taġġ għall-2007, mill-mexxejja ta' l-Awtorità sabiex jagħti s-setgħa lill-Awtorità biex tirrekluta n-numru tal-membri ta' l-istaff kif kien prevvist fil-pjan ta' l-istabbiliment tagħha.

11. Il-proċeduri ta' l-akkwist in kwistjoni m'humiex riċenti, wħud minnhom kienu implimentati sa' mill-2004, u għall-oħrajn, kuntratti kienu ġew mogħtija fl-2005 u fl-2006. L-Awtorità tkompli ttejjeb l-aderenza mar-regoli applikabbli ta' l-akkwist, b'mod partikolari permezz ta' unità ċentrali ta' appoġġ rinforzata, l-aġġornament tad-dokumenti ta' gwida u, mill-2007, permezz tar-reklutaġġ ta' membru ta' l-istaff ġdid iddedikat għas-sostenn tal-proċeduri ta' l-offerti. Barra minn hekk, l-Awtorità għamlet sforz importanti biex tħarreġ lill-istaff tagħha fi kwistjonijiet ta' akkwist (diversi laqgħat ta' taħriġ ġenerali jew topikali ġew organizzati fl-2006 u fl-2007 — iktar minn 100 membru ta' l-istaff ipparteċipaw).

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ
Professjonali għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru**

(2007/C 309/15)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUCTION	1-2	87
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	87
OSSERVAZZJONIJIET	7-13	87
Tabella 1 sa 4		89
Ir-risposti taċ-Ċentru		93

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") kien stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 ⁽¹⁾. Il-mandat prinċipali tiegħu huwa li jservi l-iżvilupp tat-taħriġ professjonali fil-livell Komunitarju. Sabiex jikseb dan l-oġġettiv, huwa għandu l-kompitu li jiġbor u jxerred dokumentazzjoni fuq is-sistemi ta' taħriġ professjonali.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit- *Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ kienu magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 12(a) tar-Regolament (KEE) Nru 337/75, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ippanjata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurarazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

⁽¹⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fis-17 ta' Marzu 2007 u rċevuti mill-Qorti fl-14 ta' Ġunju 2007.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

B'eċċezzjoni għas-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 13, it-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Għan-nefqa amministrattiva tal-baży ta' l-2006 (Titolu II), aktar minn 43 % ta' l-impenji magħmula kienu trasferiti għas-sena finanzjarja ta' wara. Għall-attivitajiet operattivi (approprijazzjonijiet differenzjati taħt it-Titolu III), aktar minn 20 % ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagament kienu kkanċellati. Il-Qorti osservat numru ogħli ta' trasferimenti tal-baży, ammont kbir trasferit minn taħt it-Titolu I (nefqa fuq il-Persunal) għat-Titolu III (attivitajiet operattivi) kif ukoll konċentrazzjoni ta' trasferimenti fl-aħħar tas-sena. Il-prinċipju baġitarju ta' l-ispeċifikazzjoni ma kienx osservat b'mod rigoruż.

8. Iċ-Ċentru la ddefinixxa u lanqas iddokumenta proċedura ta' inventarju sabiex jiġu identifikati, irreġistrati u kkapitalizzati l-attiv b'mod korrett u eżawrjenti.

9. Minkejja l-progress magħmul fl-2006, id-dokumentazzjoni tal-proċeduri prinċipali inklużi l-proċessi tal-kontroll intern kienet għadha m'hix kompleta.

10. Iċ-Ċentru rrimborza kompletament il-miżati kollha ta' l-iskola mħallsa għat-tfal ta' ftit mill-aġenti. Ma kien hemm l-ebda baży legali għal dawn ir-rifuzzjonijiet.

11. F'żewġ każijiet, iċ-Ċentru ma ċċekkjax korrettament l-esperjenza professjonali neċessarja meħtieġa għall-avviż ta' post battal matul il-faży ta' pre-selezzjoni u għalhekk kellu jirrifjuta l-kandidati li għaddew wara proposta formali ta' xogħol. Kien hemm nuqqas ta' kontroll effettiv fuq jekk id-dokumenti ppreżentati mill-kandidati b'sostenn għall-esperjenza professjonali tagħhom joffrux prova ġenwina sabiex jiġu evitati spejjeż mhux neċessarji u riskji legali.

12. Fi proċedura ta' akkwist pubbliku partikolari ⁽¹⁾ il-kumplessità tas-sistema ta' evalwazzjoni ta' l-offerti u n-nuqqas ta' informazzjoni ċara u kompleta dwar il-kriterji ta' l-assenjazzjoni u l-piż rispettiv tagħhom wasslu għal sitwazzjoni ta' nuqqas ta' trasparenza għall-offerenti. Għal kuntratt qafas partikolari ⁽²⁾, iċ-Ċentru ma ppubblikax la fl-avviż tal-kuntratt u lanqas fid-dokumenti tas-sejħa għall-offerti informazzjoni suffiċjenti dwar l-istima tal-valur tas-suq globali. Kuntratt ta' manutenzjoni tas-servizz ta' l-IT ⁽³⁾ iffirmat f'Diċembru 2003 minn persuna awtorizzata baqa' fis-seħħ sa l-aħħar ta' l-2006

minkejja l-impreċiżjonijiet tiegħu dwar il-kwantità u l-prezz tas-servizzi li għandhom jiġu forniti.

13. Fid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ta' l-2005 tagħha ⁽⁴⁾ il-Qorti enfasizzat in-nuqqas ta' bażi legali għad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Appell taċ-Ċentru li ta lill-aġent kumpens għal dannu mhux ta' flus li fir-Regolamenti tal-Persunal m'hemmx dispożizzjoni għalih. Minkejja l-osservazzjoni tal-Qorti, li l-kumpens ⁽⁵⁾ kien imħallas fl-2006.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Valur annwali approssimattiv: 125 000 euro.

⁽²⁾ Valur annwali approssimattiv: 80 000 euro.

⁽³⁾ Valur annwali approssimattiv: 15 000 euro.

⁽⁴⁾ ĠU C 312, 19.12.2006, p. 61.

⁽⁵⁾ Ammont: 3 000 euro.

Tabella 1

Iċ-Ċentru Ewropej għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professjonali (Cedefop) — Thessaloniki

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru hekk kif definiti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2051/2004	Tmexxija Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2051/2004	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2006 (2005)	Servizzi u prodotti provduti fl-2006 (2005)
<p>Il-Komunità timplimenta politika ta' taħriġ professjonali biex tagħti sostenn u tissupplimenta l-azzjoni ta' l-Istati Membri f'dak li jirrigwardja l-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ professjonali.</p> <p>L-azzjoni timmira li:</p> <ul style="list-style-type: none"> — tiffaċilita l-adattament għal bidliet industrijali, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ professjonali u taħriġ mill-ġdid; — ttejjeb it-taħriġ professjonali inizzjali u dak li għadu għad-dej sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni professjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol; — tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ professjonali u tinkoraġixxi l-mobilità ta' l-istrutturi u t-trainees u b'mod partikolari ż-żagħżagħ; — tistimula l-koperazzjoni fuq it-taħriġ bejn stabbilimenti edukattivi jew professjonali u ditti; — tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza fuq kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ ta' l-Istati Membri <p>(Mill-Artikolu 150 tat-Trattat)</p>	<p>Il-mandat taċ-Ċentru</p> <p>Fil-kapaċità tiegħu bħala ċentru ta' referenza ta' l-Unjoni Ewropea għat-taħriġ professjonali u l-edukazzjoni, Cedefop jipprovdi lill-persuni politiċi li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi professjonisti b'informazzjoni mmirata li tiżviluppa ftehim aktar ċar tat-tendenzi kurrenti li b'hekk tippermettilhom li jilhqqu deċiżjonijiet tajbin bil-ħsieb ta' azzjoni futura.</p> <p>Cedefop jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni u fl-iżvilupp tat-taħriġ professjonali u l-edukazzjoni fil-livell tal-Komunità.</p>	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — li jiġbor dokumentazzjoni magħżula u jipproduċi analiżi tad-dejta; — li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-riċerka u koordinazzjoni; — li jutilizza u jxerred informazzjoni relevanti; — li jinkoraġixxi u jagħti sostenn lil approċċ miftehem għal kwistjonijiet relatati ma' l-iżvilupp ta' taħriġ professjonali; — li jipprovdi forum għal pubbliku wiesa' u differenti. 	<p>Il-Bord Governattiv (GB) jikkonsisti f':</p> <p>Għal kull Stat Membru:</p> <ul style="list-style-type: none"> — membru wieħed li jirrappreżenta l-Gvern; — membru wieħed minn organizzazzjonijiet ta' dawkl jħaddmu; — membru wieħed li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet ta' l-impjegati, u tlett membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea. <p>Bureau, magħmul:</p> <p>Miċ-Chaiman u tlett viċi-chairmen tal-Bord Governattiv (wieħed minn kull grupp), koordinatur wieħed għal kull grupp u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni.</p> <p>Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentati mill-Bord Amministrattiv, iwettaq id-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv u huwa responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum taċ-Ċentru u jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Governattiv u tal-Bureau.</p> <p>Il-kontroll Intern</p> <p>Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni.</p> <p>Awditur Intern taċ-Ċentru (sa mis-16 ta' Diċembru 2006).</p> <p>Il-verifika Esterna</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>L-awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit:</p> <p>17,6 (17,1) miljun euro</p> <p>Kontribuzzjoni komunitarja: 95 % (96 %)</p> <p>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' karigi mniżżla fil-pjan ta' twaqif: 95 (91)</p> <p>Karigi okkupati: 81 (85)</p> <p>Persunal ieħor: (persunal fuq kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati): 42 (38)</p> <p>Total tal-persunal: 123 (123)</p> <p>assenjati għad-doveri li ġejjin:</p> <p>operattivi: 84 (85)</p> <p>amministrazzjoni: 34 (33)</p> <p>varji: 5 (5).</p> <p>Ir-rapport ta' Cedefop lill-konferenza ministerjali f'Helsinki, li evalwa l-progress biex jinkisbu l-obiettivi ta' Copenhagen-Maastricht għat-tisħiħ ta' koperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni professjonali u t-taħriġ (VET). Cedefop ipprepara d-dokument ta' sfond għall-communicqué ta' Helsinki.</p> <p>Ir-raba' rapport ta' riċerka, li kien jiffoka fuq il-modernizzazzjoni tal-VET, kien ippreparat. Huwa jiġbor is-sejbiet tal-verifika fuq r-riforma, innovazzjoni tal-VET, koeżjoni soċjali, u d-domanda għas-snajja.</p> <p>Konferenza Agora u pubblikazzjoni fuq ħaddiema ta' ċerta età u tagħlim kontinwu provdew opinjoni komprensiva fuq kwistjoni li l-importanza tagħha dejjem tiżdied.</p> <p>Fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-bżonnijiet ta' snajja, fl-2006 Cedefop ikkonċentra fuq metodi biex ibassar il-bżonnijiet ta' snajja fil-preparazzjoni ta' bżonnijiet ta' ħila ta' terminu ta' żmien medju għall-Istati Membri kollha. Il-Ġurnal Ewropew ta' l-eduzzjoni professjonali (3 ħarġiet kienu ppubblikati, bħal fl-2005) tjejb fil-kwalità xjentifika u jikkontribwixxi għar-riċerka fil-VET.</p> <p>Kontribuzzjoni għal clusters u gruppi ta' xogħol tal-KE taħt il-Programm ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2010 fuq ir-riżultati tat-tagħlim u l-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali, assigurazzjoni tal-kwalità, gwida kontinwa, għaliema u dawkl li jħarrġu, il-qafas ta' kwalifiki Ewropew u s-sistema Ewropea ta' Transferiment tal-Credits. Bħal Europass, dawn huma eżempji ta' approċċi u strumenti Ewropej biex joħlqu żona Ewropea tal-VET. Europass (Cedefop jipprovdi input maġġuri u jikkopera mal-KE) hija inizzjattiva ta' suċċess li hija użata u aċċettata minn numru ta' ċittadini Ewropej li qed jiżdied rapidament. Sa l-aħħar ta' l-2006 'il fuq minn miljun templates ta' CV kienu ġew iddownlowdjeti u kważi miljun CVs kienu ġew ġenerati on-line.</p>

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru hekk kif definiti fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2051/2004		Tmexxija Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 337/75 kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2051/2004	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2006 (2005)	Servizzi u prodotti provduti fl-2006 (2005)
					<p>Il-programm ta' żjarat ta' studju Leonardo Da Vinci, il-koperazzjoni ta' msieħba soċjali u approċċi settorali għall-VET huma eżempji oħrajn tal-kontribuzzjoni ta' Cedefop għall-iżvilupp ta' VET fl-UE.</p> <p>Minbarra l-kontinwazzjoni ta' koperazzjoni mill-qrib mal-Fondazzjoni Ewropea tat-Taħriġ fil-familjarizzazzjoni ta' pajjiżi li ser jeċċedu/kandidati u aktar, Cedefop daħal f'koperazzjoni formali mal-Fondazzjoni fuq il-kondizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol biex isaħħaħ is-sinerġiji.</p> <p>Websajt magħmula mill-ġdid, żieda ta' xogħol ma' l-istampa u attivitajiet kontinwi ta' dokumentazzjoni (ISO iċċertifikat) u pubblikazzjoni — online u kopja — għenu biex iqajjmu l-viżibiltà ta' Cedefop u l-kuxjenza għal kwistjonijiet tal-VET.</p> <p>Xi dejta: 24 konferenza u seminars, 24 work shop, u 21 preżentazzjonij/żjarat għal Cedefop kienu organizzati fl-2006; 43 (60) pubblikazzjoni kienu ppubblikati, in-numru ta' utenti rreġistrati tal-villaġġ ta' taħriġ elettroniku (ETV) żdied għal 64 828 (60 440) u x-xogħol tkompla fuq 36 proġett (29 proġetti). Żjarat ta' studju 844 (762) parteċipant.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

Tabella 2

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Professionali (Cedefop) — Thessaloniki — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa										
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet għas-sena Finanzjarja					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti				
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati
Dħul proprju			Titolu I Persunal (NDA)	9 443	8 483	8 145	338	960	213	213	173	0	40
Sussidji komuni- tarji	16 700	14 589	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	1 419	1 281	738	559	123	334	334	297	0	38
Dħul ieħor	140	75	Titolu III Attivitajiet operazzjonali (DA)										
			— CA	5 978	5 722	0	0	256	0	0	0	0	0
			— PA	5 978	0	4 527	0	1 451	0	0	0	0	0
Dħul assenjat	723	649	Dħul assenjat	723	387	65	584	74	511	337	179	333	0
Total	17 563	15 313	Total CA	17 563	15 872	0	1 480	1 413	1 058	884	0	333	77
			Total PA	17 563	0	13 475	1 480	2 607	1 058	0	649	333	77

NDA: appropriazzjonijiet mhux differenzjati (appropriazzjonijiet ta' impenji huma ugwali fl-ammont għal appropriazzjonijiet ta' pagament).

DA: appropriazzjonijiet differenzjati (l-appropriazzjonijiet ta' impenji jistgħu ikunu differenti mill-appropriazzjonijiet ta' pagament).

CA: appropriazzjonijiet ta' impenji fil-kuntest ta' appropriazzjonijiet differenzjati.

PA: appropriazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' appropriazzjonijiet differenzjati.

Sors: Deġta provduta mill-Awtorità. Din it-tabella tagħti sommarju tad-deġta mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu: Dħul irċevut u pagamenti huma stmati fuq bażi ta' flus kontanti.

Tabella 3

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təhrig Professjonali (Cedefop) — Thessaloniki — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	14 146	14 620
Oħrajn	457	399
Dħul ieħor	279	291
Total (a)	14 882	15 309
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	8 166	9 091
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	480	502
Nefqa amministrattiva oħra	1 181	1 460
Nefqa operattiva	4 340	5 021
Total (b)	14 167	16 074
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	715	- 765
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	0	1
Nefqa minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	4	4
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 4	- 3
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	711	- 768

Tabella 4

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Təhrig Professjonali (Cedefop) — Thessaloniki — Karta ta' bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	92	136
Attiv fiss tanġibbli	4 887	5 218
Attiv kurrenti		
Finanzjament minn qabel ta' skadenza qasira	552	80
Riċevibbli ta' skadenza qasira	443	294
Flus kontanti u ekwivalenti	3 919	3 344
Total ta' l-attiv	9 893	9 072
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	317	204
Kontijiet pagabbli	3 777	3 780
Total tal-passiv	4 094	3 984
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra kumulattiv	5 088	5 856
Riżlutat ekonomiku tas-sena	711	- 768
Total ta' l-attiv nett	5 799	5 088
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	9 893	9 072

Sors: Dejta provduta mill-Aġenzija — Dawn it-tabelli jiġbru fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Aġenzija fil-kontijiet annwali tagħha — dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Saru u ġew imsaħħa tentattivi ulterjuri għat-titjib ta' l-ippjanar u l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tal-baġit u l-ibbaġittjar. Dan jippermetti anqas trasferimenti u żjieda fl-ispeċifità tal-baġit.

8. Minkejja li s-sitwazzjoni kif deskritta mill-Qorti ma affettwatx il-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji taċ-Ċentru, iċ-Ċentru beda jżviluppa aktar u jiddokumenta sistema ta' ġestjoni ta' inventarju kredibbli b'responsabbiltajiet stabbiliti b'mod ċar. Dan ser jiġi implimentat sa l-aħħar ta' l-2007. Taħriġ speċifiku huwa mistenni għal Diċembru 2007 għall aġenti kollha involuti.

9. Fl-2006 iċ-Ċentru għamel progress kbir fl-aktar oqsma sensitivi. Minkejja l-isforzi konsiderevoli taċ-Ċentru ma jistax jispiċċa d-dokumentazzjoni tal-proċeduri tiegħu, parzjalment minħabba r-reklutaġġ ta' awditur intern jista' jista' jiġi konkluż biss f'Diċembru 2006. Iċ-Ċentru jkompli bl-isforzi tiegħu sabiex ikollu dokumentazzjoni sħiħa sa l-ewwel nofs ta' l-2008.

10. Ir-rimbors għalkemm ibbażat fuq deċiżjoni ta' l-1997 li ma ġietx prolongata kienet ġustifikata mill-miżati għolja ta' skej-
jel li jispeċjalizzaw fl-Ingliż u l-assenza ta' skola Ewropea f'Tessaloniki. Il-miżura rriżultat fi spejjeż addizzjonali ta' EUR 2 900 għal kull tifel fis-sena (għas-sena akkademika 2006/2007) żewġ impjegati b'4 itfal ibbenefikaw minn din il-miżura.) Iċ-Ċentru irrealizza l-iżball u ppubblika nota amministrattiva f'Lulju 2007 lill-personal kollu fejn ikkonferma d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Personal.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru jippromwovi t-twaqqif ta' faċilità ta' tagħlim Ewropew f'Tessaloniki sabiex dan jiġi organizzat mill-awtoritajiet Griegi.

11. Fid-29 ta' Jannar 2007 ġiet ippubblikata gwida interna għal bord tas-selezzjoni. Din tippovdi, fos l-oħrajn, linji gwida ċari għall-kalkolu tat-tul ta' l-esperjenza professjonali. Barra minn hekk, iċċekkjar fl-istadju ta' preselezzjoni u qabel il-ħruġ ta' l-offerti formali għax-xogħol ġew infurzati mill-ġdid.

12.

1) Minn Lulju 2007 u bħala reazzjoni tas-sejbiet taċ-Ċentru, iċ-Ċentru għamel sforz sabiex jassigura li l-piżijiet tas-sottokriterji jiġu ppubblikati fid-dokumenti ta' l-offerta.

2) Il-proċedura għal kuntratt qafas ġie mniedi f'Ottubru 2005 (u l-kuntratt iffirmit f'Marzu 2006). Minn Jannar 2007, iċ-Ċentru ipprova sistematikament għal kull kisba ta' informazzjoni dwar il-volum tas-suq tiegħu fid-dokmenti ta' l-offerta.

3) Id-direttorat attwali ma kienx konxju mis-suġġett. Konse-
gwentement, il-kuntatt IT imsemmi ma' ġiex imġedded fl-2007. Pjan ta' kisba bil-miftuħ ġie inniedi u konkluż fi Frar 2007.

13. Id-deċiżjoni li l-legalità tagħha qed tiġi kontestata mill-Qorti tikkonforma mar-regoli adottati mill-Bord ta' Tmexxija taċ-Ċentru. Iċ-Ċentru talab lis-Servizz Legal ita-Kummissjoni għal opinjoni b'rispons għad-dikjarazzjoni ta' l-2005 tal-Qorti. L-opinjoni tas-Servizz Legal ita-Kummissjoni jikkonforma b'mod sħiġ mal-legalità tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' l-Appelli u kien trażmess lil Qorti. Wara li l-osservazzjoni tal-Qorti ġiet imġedda, iċ-Ċentru ser jikkonsulta l-Kulleġġ tal-Kapijiet ta' l-Amministrazzjoni.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru ta' Traduzzjoni tal-Korpi ta' l-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti taċ-Ċentru**

(2007/C 309/16)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	95
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	95
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	95
Tabelli 1 sa 4		96
Ir-risposti taċ-Ċentru		98

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") kien imwaqqaf bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94⁽¹⁾ Ir-Rwol taċ-Ċentru huwa li jipprovi lill-korpi ta' l-UE, u kwalunkwe istituzzjoni u korpi ta' l-UE oħra li jsaqsu għas-servizzi tiegħu, servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-attivitajiet tagħhom.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2965/94, u mib-ghuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Il-bilanċ favur akkumulat tal-baġit⁽⁴⁾ għall-2006 kien ta' 16,9 miljun euro. Fl-2005 kien ta' 10,5 miljun euro u fl-2004 kien ta' 3,5 miljun euro. Fl-2007, iċ-Ċentru se jagħti rifużjoni ta' 9,3 miljun euro lill-klijenti tiegħu. Tali akkumulazzjoni ta' bilanċi żejda wriet li l-metodu għall-għoti ta' prezz tat-traduzzjonijiet tiegħu mhuwiex preċiż biżżejjed.

8. F'każ wieħed⁽⁵⁾, sar impenn legali qabel l-impenn baġitarju, bi ksur tar-Regolament Finanzjarju.

9. Ma kinux jeżistu linji gwida meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kandidati. F'proċedura ta' reklutaġġ ta' tradutturi, iċ-Ċentru naqas milli jagħti provi bil-miktub tar-regoli applikati għall-evalwazzjoni tal-fajls tal-kandidati.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fl-1 ta' Lulju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Ir-riżultat baġitarju huwa kkalkulat abbażi ta' metodu ta' likwidità modifikat u mhux abbażi tal-prinċipju tad-dovuti użat għar-riżultat ekonomiku (*ara t-tabella 3*).

⁽⁵⁾ Valur: 320 000 euro.

Tabella 1

Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' L-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja	Kompetenzi taċ-Ċentru (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94)		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2006 (dejta għall-2005)	Prodotti u servizzi forniti matul is-sena finanzjarja 2006 (dejta għall-2005)
<p>Ir-rappreżentanti tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri bi ftehim reċiproku adottaw dikjarazzjoni, taħt l-awspiċi tad-dipartimenti tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu, dwar il-ħolqien ta' Ċentru ta' traduzzjoni għall-korpi ta' l-Unjoni, li jkun jipprovdi s-servizzi ta' traduzzjoni neċessarji għall-ħidma tal-korpi u servizzi li l-kwartieri tagħhom kienu stabbiliti bid-deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 1993</p> <p>(Deċiżjoni tal-Kunsill meħuda skond l-Artikolu 235 tat-Trattat).</p>	<p>Objettivi</p> <p>Li jipprovdi s-servizzi neċessarji tat-traduzzjoni għall-operazzjoni tal-korpi segwenti:</p> <ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent, — Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, — Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-drogi, — L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, — L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-post tax-Xogħol, — L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trademarks u disinni), — L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u l-Unità Drogi ta' l-Europol. <p>Korpi mwaqqfa mill-Kunsill, barra dawk imsemmija hawn fuq jistgħu jużaw is-servizzi taċ-Ċentru. L-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea li ġa għandhom is-Servizz ta' Traduzzjoni tagħhom stess jistgħu, jekk jiġi l-każ, jsaqsu għas-servizzi taċ-Ċentru fuq bażi volontarja.</p> <p>Iċ-Ċentru jieħu sehem bis-sħiħ fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Traduzzjoni.</p>	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Li jaġmel arranġamenti għall-koperazzjoni mal-korpi u l-istituzzjonijiet — Li jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat Interistituzzjonali dwar it-Traduzzjoni. 	<p>1 Bord tal-tal-Maniġment</p> <p>Kompożizzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — rappreżentant minn kull Stat Membru; — żewġ rappreżentanti mill-Kummissjoni; — rappreżentant minn kull korp jew istituzzjoni li ssaqsi għas-servizzi taċ-Ċentru. <p>Kompitu</p> <p>Jadotta il-programm annwali ta' xogħol taċ-Ċentru u r-rapport annwali.</p> <p>2 Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord tal-Maniġment fuq proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>3 Kontroll estern</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p>4 Verifika esterna</p> <p>L-awditur intern tal-Kummissjoni.</p> <p>5 Awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>40,88 (27,9) miljun euro</p> <p>Numru ta' persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>189 (181) kariga imniżżla fil-pjan ta' twaqqif</p> <p>karigi okkupati: 169 (163)</p> <p>Mogħtija lill-</p> <ul style="list-style-type: none"> — dmirijiet operattivi: 80 (114); — dmirijiet amministrativi: 89 (57); — dmirijiet varji: 0 (4). 	<p>Numru ta' paġni tradotti</p> <p>546 735 (505 438).</p> <p>Numru ta' paġni skond il-lingwi</p> <ul style="list-style-type: none"> — lingwi uffiċjali 537 797 (501 475); — lingwi oħrajn 8 938 (3 963). <p>Numru ta' paġni għal kull klijent</p> <ul style="list-style-type: none"> — korpi 531 454 (496 665); — istituzzjonijiet 15 281 (8 773). <p>Numru ta' paġni tradotti freelance</p> <p>260 301 (226 822)</p>

Sors: Informazzjoni provduta miċ-Ċentru.

Tabella 2

Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Dħul proprju	29 731	32 359	Titolu I Persunal	15 464	13 989	13 793	196	1 475	106	99	7
Dħul ieħor	0	93	Titolu II Amministrazzjoni	4 421	3 949	2 734	1 215	472	755	673	82
Mgħax	600	844	Titolu III Attivitajiet operattivi	10 739	8 909	7 434	1 475	1 830	1 291	1 288	3
Bilanċ għas-sena finanzjarja preċedenti	10 545	10 545	Titolu X Riżerva	10 252	0	0	0	10 252	0	0	0
Total	40 876	43 841	Total	40 876	26 847	23 961	2 886	14 029	2 151	2 060	92

Sors: Deġta mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-deġta mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)
— Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sni finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Riżorsi proprji	32 817	30 408
Dħul ieħor ⁽¹⁾	126	372
Total (a)	32 943	30 780
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	13 713	13 200
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	4 195	3 547
Nefqa amministrattiva oħra	2 021	1 849
Nefqa operattiva	8 757	7 397
Total (b)	28 686	25 993
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	4 258	4 787
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e) ⁽²⁾	844	429
nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f)	3	4
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	841	425
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	5 099	5 212

⁽¹⁾ Fl-2005, iċ-Ċentru inkluda xogħol ta' traduzzjoni għaddej (279 452 euro) fil-Karta tal-Bilanċ tiegħu għall-ewwel darba. Fl-2006, b'kuntra ma' dan, varjazżjoni biss fil-volum ta' dan ix-xogħol għaddej (33 215 euro) hija reġistrata fil-kont tar-riżultat ekonomiku.⁽²⁾ Fl-2006, kien hemm żjieda fl-attiv finanzjarju disponibbli, li rriżultat f'żjieda fl-imgħax irċevut.

Sors: deġta mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-deġta mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

Iċ-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi ta' l-Unjoni Ewropea (il-Lussemburgu)
— Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Assi fissi mhux tanġibbli	267	343
Assi fissi tanġibbli	391	356
Attiv kurrenti		
Stokk	313	279
Riċevibbli ta' skadenza qasira	5 907	6 184
Likwidità u ekwivalenti likwidi	34 618	27 392
Total ta' l-attiv	41 496	34 554
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	10 600	9 330
Kontijiet pagabbli ⁽¹⁾	11 286	1 418
Total tal-passiv	21 886	10 748
Attiv nett		
Riżervi	466	9 761
Bilanċ favur/kontra akkumulat	14 045	8 833
Riżultat ekonomiku għas-sena	5 099	5 212
Total ta' l-attiv nett	19 610	23 806
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	41 496	34 554

⁽¹⁾ Dawn l-ammonti jinkludu 9 292 000 euro biex jitħallsu lill-klijenti taċ-Ċentru u żvelati bħala riżerva fir-Rendikont Finanzjarji taċ-Ċentru (ara r-risposta taċ-Ċentru għall-punt 7)

IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Iċ-Ċentru huwa konxju miż-żjieda tal-bilanċi favorevoli tal-baġġit u iddeċieda li jirrifondi EUR 9.3 miljun lill-klijenti tiegħu fl-2007. Biex jevita illi din is-sitwazzjoni terġa tigrri fil-futur, iċ-Ċentru ser jagħmel ħiltu biex itejjeb il-metodu ta' kif jikkalkola l-prezzijiet. Barra minn hekk, minħabba li dan il-metodu għandu bżonn stima tad-domanda prevvista tat-traduzzjoni, iċ-Ċentru ser jinkoraġġixxi lill-klijenti tiegħu biex ittejbu t-tbassir tagħhom.

8. Iċ-Ċentru adatta l-proċedura tiegħu biex jevita repetizzjoni tas-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti.

9. Iċ-Ċentru ser jistudja mezzi ta' kif itejjeb il-proċedura tar-reklutaġġ tiegħu biex jieħu kont tar-rimarka li għamlet il-Qorti.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u
l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti
taċ-Ċentru**

(2007/C 309/17)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	100
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	100
OSSERVAZZJONIJIET	7-11	100
Tabelli 1 sa 4		102
Ir-risposti taċ-Ċentru		104

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie mwaqqaf permezz tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 ⁽¹⁾. Il-kompiti prinċipali tiegħu huma li jiġbor u jikkomunika dejta dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard tal-bniedem u biex jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar dan is-suġġett. Huwa meħtieġ ukoll jikkoordina n-netwerk Ewropew tal-korpi li joperaw f'dan il-qasam.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-Tabelli 2, 3 u 4 għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185 ⁽²⁾ tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002; ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004, u mil-ghuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-INTOSAI, sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni ta' hawn taħt.

L-affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Kważi 45 % ta' l-impenji li daħal fihom iċ-Ċentru matul is-sena ġew miġjuba 'l quddiem. Barra dan, matul it-tieni nofs ta' l-2006, saru bosta trasferimenti, prinċipalment minħabba stimi impreċiżi tal-bżonnijiet tal-persunal ⁽⁴⁾. Dawn it-trasferimenti saru mingħajr ma ġie infurmat, fi żmien adegwat, il-Bord Amministrattiv taċ-Ċentru. Għalhekk, il-prinċipji tal-baġit ta' l-annwalità u ta' l-ispeċifikazzjoni ma ġewx osservati strettament.

8. Ittieħdu impenji legali ⁽⁵⁾ mingħajr ma qabel saru impenji tal-baġit, bi ksur tar-regolament finanzjarju.

9. Matul is-sena, punti ta' pre-finanzjament ġew irreġistrati bħala nfiq tal-baġit, u mhux bħal pagamenti bil-quddiem. Ma kien hemm l-ebda proċedura biex tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-punti. Fl-aħħar tas-sena, matul il-proċedura ta' l-għeluq tal-kontijiet, l-uffiċjal tal-kontabilità fittex manwalment għal punti ta' pre-finanzjament pendenti. Dan wassal għal żieda fir-riskju ta' l-iżbalji ⁽⁶⁾ biex jiġi ddeterminat l-ammont.

⁽¹⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-12 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Appropriazzjonijiet taht it-Titolu I imnaqqsa b'1,6 miljun euro.

⁽⁵⁾ Tliet każijiet ta' valur totali ta' madwar 320 000 euro.

⁽⁶⁾ Żball wieħed ta' 40 000 euro kien misjub u kkoreġut matul il-verifika.

10. Drittijiet ta' aċċess għas-sistema kompjuterizzata ta' ġestjoni tal-baġit ma kinux dejjem konsistenti ma' l-awtorizzazzjonijiet mogħtija mid-Direttur. L-uffiċjal tal-kontabilità għadu ma vvalidax il-proċeduri prinċipali ta' impenn u pagament.

ta' selezzjoni ċari, għażla ħażina tal-proċedura, nuqqas ta' osservanza tal-proċedura deskritta fin-notifika ta' l-offerta u dokumentazzjoni tal-proċedura insuffiċjenti.

11. Ir-regoli tal-proċeduri ta' l-akkwist mhumiex strettament infurzati. L-anomaliji li ġejjin ⁽¹⁾ kienu osservati: nuqqas ta' kriterji

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Tliet każijiet ta' valur totali ta' madwar 230 000 euro.

Tabella 1

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma)

Qasam ta' kompetenza Komunitarja skond it-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru kif speċifikati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 851/2004	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru	Prodotti u servizzi provduti fl-2006	
<p>Il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa umana għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-istrateġiji u l-attivitajiet kollha Komunitarji. L-azzjoni tal-Komunità, li għandha tikkomplimenta l-politika nazzjonali, għandha tkun diretta lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, lejn il-prevenzjoni tal-mard u l-infirmità tal-bniedem, u li jevitaw il-fonti ta' periklu għas-saħħa umana. Din l-azzjoni għandha tkopri l-għieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa, billi tinkoraġixxi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom, kif ukoll informazzjoni u edukazzjoni dwar is-saħħa.</p> <p>(L-Artikolu 152 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Isaħħa id-difiża ta' l-Ewropa kontra l-mard li jittieħed; speċifikament, jidentifika, jagħmel stima u jikkomunika t-theddid attwali u li jista' jinqala' għas-saħħa tal-bniedem minn mard trasmessibbli.</p> <p>Għalhekk, iċ-Ċentru għandju jħaddem networks ta' sorveljanza ddedikati, jagħti opinjonijiet xjentifiċi, jħaddem sistema ta' twissija bikrija u respons (EWRS) u jipprovdi għajnuna xjentifika u teknika u taħriġ.</p>	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Iħaddem networks ta' sorveljanza tal-mard dedikati u jtejjeb l-attivitajiet ta' <i>networking</i>. Iċ-Ċentru għandu r-rwol speċifiku li jiġbor, jivalida, janalizza u jikkomunika d-dejta. — Jipprovdi konsulenza esperta awtorittiva u opinjonijiet xjentifiċi u studji fuq mard trasmessibbli. — Iħaddem l-EWRS. Jiżviluppa proċeduri biex jidentifika theddid emerġenti għas-saħħa. — Isaħħa il-kapaċità ta' l-Istati Membri fil-preparazzjoni ta' l-ippjanar u t-taħriġ. — Jinforma l-pubbliku ġenerali u partijiet interessati bix-xogħol tiegħu. 	<p>1. Bord Amministrattiv</p> <p>Membru wieħed maħtur minn kull Stat Membru, żewġ membri maħtura mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p>Il-Bord jadotta l-programm annwali u l-baġit taċ-Ċentru u jsegwi l-implimentazzjoni tagħhom.</p> <p>2. Direttur</p> <p>Maħtur mill-Bord Amministrattiv abbażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni.</p> <p>3. Forum Konsultattiv</p> <p>Rappreżentant minn kull Stat Membru u tliet rappreżentanti tal-Kummissjoni mingħajr dritt tal-vot.</p> <p>Il-Forum għandu jassigura li x-xogħol huwa xjentifikament tajjeb u indipendenti mill-attivitajiet u l-opinjoni taċ-Ċentru.</p> <p>4. Awditur Estern</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>5. Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali għall-2006</p> <p>17,146 miljun euro, inkluż sussidju Komunitarju ta' 98 %</p> <p>Numru tal-persunal</p> <p>Karigi skond il-pjan ta' stabbiliment: 50</p> <p>karigi okkupati: 48</p> <p>+ 36 kariga oħra</p> <p>Total tal-persunal: 84</p> <p>assenjati fid-doveri li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi: 49 — amministrattivi: 35 	<ul style="list-style-type: none"> — Ġew ippreparati bosta linji ta' gwida, rakkomandazzjonijiet u evalwazzjonijiet tar-riskju, ħafna minnhom jiffukaw fuq l-influenza. — Evalwazzjoni u stima ta' xi networks ta' sorveljanza. — Żvilupp tad-<i>database</i> għal sorveljanza ta' rutina b'sett ta' varjabbli prinċipali għall-mard kollu stabbilit għas-sorveljanza fuq livell Ewropew (Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2002/253/KE u 2003/534/KE). — Informazzjoni epidemjoloġika mill-ECDC ippubblikata fil-ġurnal elettroniku ta' kull ġimgħa. — Permezz ta' l-applikazzjoni tar-Regolament KE Nru 851/2004 u wara ftehim bejn l-ECDC u d-DG SANCO, l-EWRS għadda għand l-ECDC. — Il-programm ta' taħriġ epidemjoloġiku tal-qasam EPIET, mibdi mill-Kummissjoni għadda għand l-ECDC.

Sors: informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

Tabella 2

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Infq									
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni ta' l-infq	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet miġjuba l' quddiem mis-sena (snin) finanzjarji preċedenti			
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	miġjuba l' quddiem	annullati	imdaħħla	impenjati	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji ⁽¹⁾	17 146	17 018	Titolu I Persunal	6 084	6 068	5 664	404	16	362	362	312	50
			Titolu II Amministrazzjoni	3 731	3 588	1 968	1 620	143	535	535	402	133
			Titolu III Attivitajiet operattivi	7 331	7 216	2 143	5 073	115	541	541	408	133
Total	17 146	17 018	Total	17 146	16 872	9 775	7 097	274	1 438	1 438	1 122	316

⁽¹⁾ Inklużi l-appropriazzjonijiet ġestiti mill-Kummissjoni.

NB: Varazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru.

Sors: dejta mogħtija miċ-Ċentru. It-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija miċ-Ċentru fir-rendikonti finanzjarji tiegħu. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati abbażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	15 806	2 646
Total (a)	15 806	2 646
Spejjeż operattivi		
Spejjeż tal-persunal	4 536	170
Infq relatat ma' l-attiv fiss	305	107
Infq amministrattiv ieħor	2 893	1 079
Infq operattiv	2 623	326
Total (b)	10 357	1 682
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	5 449	964
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)		0
Infq minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	64	11
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 64	- 11
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	5 385	954

Tabella 4

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv intanġibbli	111	37
Attiv fiss tanġibbli	936	207
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	400	
Stokks	7	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	387	320
Flus likwidi u ekwivalenti	7 223	2 059
Total ta' l-attiv	9 064	2 624
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	70	
Kontijiet pagabbli	2 655	1 671
Total tal-passiv	2 725	1 671
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	954	
Riżultat ekonomiku għas-sena	5 385	954
Total ta' l-attiv nett	6 339	954
Total tal-passiv u l-attiv nett	9 064	2 624

Sors: dejta mogħtija miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu; dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Is-sena 2006 kienet l-ewwel sena ta' operat sħiħ taċ-Ċentru. In-nuqqas ta' predivvibilità ta' ċerti żviluppi, speċjalment fir-reklutaġġ, irriżultaw fi trasferimenti ta' baġit li kienu meħtieġa. L-ippjanar u l-monitoraġġ ta' pjanijiet tax-xogħol u ta' baġits qed jirċievu attenzjoni ta' ġestjoni qawwija matul l-2007 sabiex jiġi limitati l-approprijazzjonijiet li kellhom jiġu miġjuba 'l quddiem.

Il-Bord ta' Tmexxija ġie infurmat rigward it-trasferimenti eżegwiti mid-Direttur fil-laqgħa tiegħu tat-12.-13 ta' Diċembru 2006. Ser jinżamm aġġornat fuq bażi kontinwa permezz ta' l-extranet.

8. Ġew stabbiliti kapaċitajiet interni u ġew meħuda miżuri sabiex jiġu indirizzati d-dgħjufijiet identifikati kif ukoll sabiex jiġu mtejbja s-sistemi ta' kontroll intern (eż. proċeduri interni, *workflows* ġodda, taħriġ tal-personal).

9. Iċ-Ċentru jaqbal ma' l-osservazzjoni tal-Qorti u li d-detezzjoni manwali tal-*pre-financing* tkabbar irriskju ta' aktar

żbalji. Mill-bidu ta' l-2007, il-*pre-financing* kollha ġew ibbukkjati direttament bħala pagament b'avvanz.

10. Iċ-Ċentru appunta uffiċjal għas-sigurtà tas-sistemi finanzjarji (SI2). Fil-bidu ta' l-2007 iċ-Ċentru għamel evalwazzjoni mill-ġdid taċ-ċirkuwiti finanzjarji tiegħu u *workflows* ġodda ġew approvati mid-Direttur f'Mejju 2007. Wara din il-fażi ta' konsolidazzjoni il-kontabilista ser jipproċedi bl-evalwazzjoni u l-validazzjoni sussegwenti tas-sistemi kif meħtieġ mir-RF.

11. L-anomaliji li saret referenza għalihom jirrelataw għall-ewwel sena sħiħa ta' operazzjoni u minn dakinhar sar progress sostanzjali fit-tisħiħ tal-qasam finanzjarju/akkwist (eż. uffiċjali finanzjarji fl-unitajiet operazzjonali, ġie mwaqqaf qafas ta' kapaċità ta' awditjar intern, ġew evalwati mill-ġdid ċirkuwiti finanzjarji, ġew adottati proċeduri finanzjarji, taħriġ tal-personal, kuntratt ta' reviżjoni).

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena
finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti tal-Kulleġġ**

(2007/C 309/18)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	106
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	106
OSSERVAZZJONIJIET	7-11	106
Tabella 1 sa 3		108
Ir-risposti tal-Kulleġġ		110

INTRODUZZJONI

1. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kulleġġ") kien stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/820/ĠAI, kif imħassra fl-2005 u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Kulleġġ huwa li jaħdem bħala netwerk u jgħaqqad flimkien l-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ fl-Istati Membri biex jipprovdu sezzjonijiet ta' taħriġ, ibbażati fuq standards komuni, għall-uffiċjali tal-Pulizija anzjani. Il-Kulleġġ sar kompletament awtonomu fl-2006.

2. It-Tabella 1 tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Kulleġġ. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit- *Tabelli 2 u 3* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002⁽²⁾; kienet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Kulleġġ, kif meħtieġ mill-Artikolu 248 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006⁽³⁾ kienu magħmula mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika IFAC u INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ipplanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt:

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli. Madanakollu, l-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-osservazzjonijiet fil-paragrafu 9.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Ħlief għas-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 11, it-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Fl-2006 il-Kulleġġ ma stabbilix is-sistemi u l-proċeduri meħtieġa sabiex jippermettulu li jipprepara rapport finanzjarju b'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju qafas applikabbli għall-Aġenziji.

8. Ir-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ jirreferi għall-bżonn ta' regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu⁽⁴⁾. Il-Kulleġġ kien għadu ma adotta l-ebda regoli dettaljati ta' implimentazzjoni, inklużi dawk li jassiguraw it-trasparenza tal-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku tal-Kulleġġ.

9. Il-Kulleġġ la implimenta l-baġit tiegħu billi uża approprijazzjonijiet differenzjali kif provdut għalihom mir-Regolament Finanzjarju tiegħu⁽⁵⁾ u lanqas ma pprepara dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni baġitarja. L-introduzzjoni ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenn tista' ttejjeb il-kontroll fuq l-implimentazzjoni baġitarja tal-Kulleġġ u tassigura li kwalunkwe approprijazzjonijiet li ma kinux utilizzati fl-għeluq tas-sena finanzjarja jistgħu jiġu trasferiti skond kondizzjonijiet definiti b'mod rigoruż skond ir-Regolament Finanzjarju.

10. Fir-rigward tal-korsijiet u s-seminars (1 296 636 euro fl-2006), għalkemm informazzjoni relatata ma' l-avvenimenti kienet magħmula disponibbli, ma kien hemm l-ebda preżentazzjoni u approvazzjoni formali ta' l-estimi ta' l-ispejjeż qabel ma jittwettqu l-avvenimenti. L-approprijazzjonijiet tal-baġit ma kinux użati skond il-prinċiplju tal-ġestjoni finanzjarja tajba⁽⁶⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fit-28 ta' Marzu 2007 u rċevuti mill-Qorti fis-6 ta' Lulju 2007.

⁽⁴⁾ Per eżempju, fl-Artikolu 10(3), l-Artikolu 34 u l-Artikolu 74.

⁽⁵⁾ L-Artikolu 8 tar-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 25 tar-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ.

11. Is-sistema ta' l-akkwist pubbliku ma kinitx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Ma kien hemm l-ebda dokumentazzjoni disponibbli sabiex tiġġustifika l-bżonn sabiex jinxtraw oġġetti partikolari u sabiex tispjega l-użu ta'

fornitur partikolari. Kwistjoni simili qamet fir-rigward ta' l-ispejjeż ta' ċaqliq, li ma kinux saru skond il-proċedura standard ta' l-akkwist pubbliku għall-akkwist ta' merkanzija u servizzi.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

Tabella 1

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill)

Oqsma ta' kompetenza stipulati mit-Trattat	Kompetenzi tal-Kulleġġ kif definiti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI		Tmexxija	Riżorsi dispjoniabbli għall-Kulleġġ fl-2006	Prodotti u servizzi prinċipali provduti fl-
<p>Approssimazzjoni tal-ligġiet</p> <p>It-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 34(2) tiegħu.</p>	<p>Objettivi</p> <p>L-għan ta' CEPOL għandu jkun li jgħin iħarreġ l-uffiċjali tal-pulizija anzjani ta' l-Istati Membri billi jottimizzaw il-koperazzjoni bejn il-komponenti varji ta' CEPOL. Huwa għandu jappoġġa u jżviluppa approċċ Ewropew għall-problemi prinċipali li jiffaċċjaw l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-sigurtà pubblika, b'mod partikolari d-dimensjonijiet trans-konfinali ta' daww il-problemi.</p>	<p>Kompiti</p> <p>(1) biex iżid il-konoxxenza tas-sistemi nazzjonali tal-pulizija u l-istrutturi ta' l-Istati Membri l-oħra u tal-koperazzjoni trans-konfinali bejn il-pulizija fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>(2) biex itejjeb il-konoxxenza ta' l-istrumenti internazzjonali u ta' l-Unjoni fis-settur is-segwenti;</p> <p>(a) l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, l-operat u r-rwol tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmi tat-teħid ta' deċiżjoni u l-istrumenti legali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-implikazzjonijiet tagħhom għall-koperazzjoni ta' l-infurzar tal-liġi;</p> <p>(b) l-objettivi, l-istruttura u l-operat tal-Europol, kif ukoll biex jimmassmatizza l-koperazzjoni bejn il-Europol u s-servizzi ta' l-infurzar tal-liġi rilevanti fl-Istati Membri fil-ġlied kontra l-kriminalità organizzata;</p> <p>(c) l-objettivi, l-istruttura u l-operat tal-Eurojust;</p> <p>(3) biex jipprovdi taħriġ adattat fir-rigward ir-rispett għas-salvagwardi demokratiċi, b'mod partikolari b'referenza għad-drittijiet ta' difiża.</p>	<p>1. Il-Bord Governattiv:</p> <p>Kompost minn:</p> <p>— delegat wieħed minn kull Stat Membru. Kull delegazzjoni għandha vot wieħed. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u Europol ikunu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi mingħajr vot.</p> <p>2. Id-Direttur:</p> <p>Imexxi l-Aġenzija, huwa maħtur u mneħħi mill-Bord ta' Tmexxija.</p> <p>3. Il-Verifika Esterna:</p> <p>Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.</p> <p>4. L-Awdituri Interni:</p> <p>Is-servizzi tal-Verifika Interna tal-Kummissjoni.</p> <p>5. Kwittanza:</p> <p>Il-Parlament Ewropew wara rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali:</p> <p>5 miljun euro</p> <p>(100 % sussidju Komunitajru)</p> <p>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 22,5</p> <p>Karigi okkupati: 7</p> <p>Karigi oħrajn: (persunal bil-kuntratt, esperti nazzjonali ssekondati): 8</p> <p>Total tal-persunal: 15.</p>	<p>L-ebda informazzjoni mogħtija.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Kulleġġ.

Tabella 2

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill) — Kont dwar ir-riżultat ekonomiku għas-sena finanzjarja 2006

	(1 000 euro)
	2006
Dħul operattiv	
Sussidji komunitarji	4 352
Total (a)	4 352
Nefqa operattiva	
Nefqa fuq il-Persunal	1 460
Nefqa amministrattiva oħra	358
Nefqa operattiva	2 454
Total (b)	4 272
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)	80
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	0
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	12
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)	- 12
Eżitu ekonomiku għas-sena (h = c + g)	68

Tabella 3

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill) — Karta ta' Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006

	(1 000 euro)
	2006
Attiv mhux kurrenti	
Attiv fissi mhux tanġibbli	37
Attiv kurrenti	
Riċevibbli ta' skadenza qasira	298
Likwidità u ekwivalenti likwidi	3 682
Total ta' l-attiv	4 017
Passiv kurrenti	
Kontijiet pagabbli	3 949
Total tal-passiv	3 949
Assi netti	
Riżultat ekonomiku għas-sena	68
Total ta' l-attiv nett	68
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	4 017

Sors: Dejta mogħtija mill-Kulleġġ. Din it-tabella tiġbor fil-qosor id-dejta mogħtija mill-Kulleġġ fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet kienu ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TAL-KULLEĠĠ

7. Il-Kulleġġ għaddej bl-implimentazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-baġit il-ġdida ABAC matul l-2007 u sabiex isir konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju tiegħu. Fl-2006, il-Kulleġġ kien kapaċi jitrażmetti l-informazzjoni neċessarja lill-Kummissjoni għal konsolidazzjoni tal-kontijiet tal-Komunità.

8. Ir-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ għandu jiġi ppreżentat għall-adozzjoni lill-Bord ta' Tmexxija fil-laqgħa tiegħu ta' Novembru 2007.

9. Il-Kulleġġ għaddej bl-implimentazzjoni ta' l-ABAC. Din is-sistema għandha tipprovdi l-bażi sabiex jintlaħaq progress mgħaġġel matul is-sena finanzjarja 2007 rigward l-implimentazzjoni ta' proċeduri li jippermettu konformità sħiħa fil-ġestjoni tal-baġit tal-Kulleġġ, kif stabbilit fir-Regolament Finanzjarju.

10. Il-Bord ta' Tmexxija tal-Kulleġġ, fil-laqgħa tiegħu ta' Meju 2007, adotta sistema ta' impenn legali għat-tieni nofs ta' l-2007 'l hemm. Il-Kulleġġ għandu jagħti attenzjoni għal prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda meta jiddeċiedi fuq l-approvazzjoni u l-ġestjoni ta' attivitajiet fil-programm tax-xogħol tiegħu.

11. Il-Kulleġġ tejjeb il-proċeduri ta' l-akkwist tiegħu u jim-mira lejn il-konformità sħiħa tad-direttivi, regoli u regolamenti rigward l-akkwist pubbliku tal-KE, bħal per eżempju t-tneđija ta' sejħiet wiesa bil-miftuħ għal offerti bħall-E-Platform Network.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja 2006 flimkien
mar-risposti ta' l-Eurojust**

(2007/C 309/19)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	112
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	112
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	112
Tabella 1 sa 4		113
Ir-risposti ta' l-Eurojust		115

INTRODUZZJONI

1. L-Eurojust ġiet imwaqqfa permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/187/JHA ⁽¹⁾ bil-ħsieb li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja. L-għan tagħha hu li ttejjeb il-koordinazzjoni ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet li jkopru t-territorji ta' bosta Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll dawk ta' Stati li mhumiex membri.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Eurojust. Sommarju tad-dejta prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Eurojust għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 36 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/JHA.

4. Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽²⁾ ġew ippreparati mid-Direttur Amministrattiv tagħha, skond l-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2002/187/JHA, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ipplanata u mwettqa sabieħ tinkiseb assigurarazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Eurojust għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali ta' l-Eurojust, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' impenji għall-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għas-sena finanzjarja 2006 kienet ta' 96 %. Ir-rata ta' trasferimenti 'l quddiem kienet ta' 33 % għan-nefqa amministrattiva (it-*Titolu II*), u ta' 30 % għan-nefqa operattiva (it-*Titolu III*). Il-ġestjoni tal-baġit wriet għadd kbir ta' trasferimenti ta' appropriazzjonijiet bejn linji tal-baġit u f'ħafna każijiet id-dokumentazzjoni ta' sostenn ma kinitx dettalja biżżejjed. Għalhekk, il-prinċipji baġitarji ta' l-annwalità u l-ispeċifikazzjoni ma kinux osservati b'mod rigoruż.

8. Ir-regoli ta' l-akkwist pubbliku ma kinux implimentati b'mod rigoruż. Erba' kuntratti qafas kienu konklużi għal tul massimu ta' aktar minn erba' snin. Għall-akkwist ta' servizzi ta' kurrier ⁽³⁾ ma kienet tnediet l-ebda proċedura xierqa waqt li kienet għaddejja l-verifika (Novembru 2006). Għas-servizzi ta' traduzzjoni, uffiċċju kien irċieva istruzzjonijiet biex juża tradutturi magħżula mill-Eurojust minflok il-persunal tiegħu. Din is-sitwazzjoni ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' kompetizzjoni u rriżultat f'żjieda fil-prezz ta' 45 000 euro meta mqabbel ma' tariffi kuntrattwali.

9. Id-dejta dwar l-attiv fiss ġie miġbur permezz ta' *spreadsheet* u għodod oħra ta' *software*. Dan ma kienx jiggarrantixxi l-integrità tad-dejta reġistrata. Ma twaqqafx u ma ntużax reġistru ta' l-attiv fiss li jinkludi l-attiv kollu u l-valur tiegħu għall-monitoraġġ tal-proprietà ta' l-Eurojust.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2002 li twaqqaf l-Eurojust (ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1).

⁽²⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fis-27 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fl-4 ta' Lulju 2007.

⁽³⁾ Valur tal-kuntratti: aktar minn 100 000 euro.

Tabella 1

Eurojust (The Hague) — 2006

Oqsma tal-kompetenza li joħorġu mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea	Kompetenzi ta' l-Eurojust kif definiti fid-Deċiżjoni ta-Kunsill 2002/187/JAI		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Eurojust fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi provduti fl-2006 (2005)
<p>Korp tat-tielet kolonna mwaqqaf permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.</p> <p>Il-mira ta' l-Unjoni hija li tiprovi li-ċittadini b'livell għoli ta' sigurtà fl-ambitu ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.</p> <p>Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-koperazzjoni permezz ta' l-Eurojust billi jagħmilha possibbli għall-Eurojust li tiffaċilita l-koordinazzjoni tajba bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-prosekuzzjoni ta' l-Istati Membri.</p> <p>(siltiet mill-Artikoli 29 u 31)</p> <p>L-oqsma prinċipali ta' responsabilità ta' l-Eurojust huma l-istess bħal dawk ta' l-Europol, jiġifieri l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, b' mod partikolari t-traffikar tad-droga, l-immigrazzjoni illegali, it-traffikar illeċitu ta' karozzi, it-traffikar ta' bnedmin, il-falsifikazzjoni tal-flus, it-traffikar ta' sustanzi radjo-attivi, il-kriminalità ta' l-informatika, atti għad-detriment ta' l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni u l-ħasil tal-flus.</p>	<p>Objettivi L-Artikolu 3 Deċiżjoni ta' l-Eurojust</p> <ul style="list-style-type: none"> — Tistimola u ttejjeb il-koordinazzjoni, bejn l-awtoritajiet nazzjonali ta' l-Istati Membri responsabbli ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet; — Ittejjeb il-koperazzjoni billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, assistenza ġudizzjarja u l-implimentazzjoni ta' ordnijiet ta' estradizzjoni. — Tappoġġja l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza ta' l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tagħhom. — Tagħti għajnuma fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u Stat li mhux membru. — Tagħti għajnuma fi proċeduri li jinvolvu Stat Membru u l-Komunità. 	<p>Kompiti L-Artikoli 5, 6 u 7 Deċiżjoni ta' l-Eurojust</p> <p>Sabiex torganizza l-koperazzjoni bejn il-varji ġurisdizzjonijiet nazzjonali, l-Eurojust taħdem:</p> <ul style="list-style-type: none"> — permezz tal-membri nazzjonali tagħha; — jew bħala Kulleġġ. <p>Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ikkonċernat jiddeċiedu li ma jsewgewx it-talbiet maħruġa mill-Eurojust bħala Kulleġġ huma għandhom jinfurmaw lill-Eurojust birraġunijiet tagħhom.</p>	<ol style="list-style-type: none"> 1. Il-Kulleġġ huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u l-operat ta' l-Eurojust. 2. Il-Kulleġġ huwa magħmul minn membri nazzjonali ssekondati minn kull Stat Membru skond is-sistema ġuridika, li huma prosekuturi, imħallfin jew uffiċjali tal-pulizija b'kompetenza ekwivalenti. 3. Il-Kulleġġ jeleġi lill-President tiegħu minn fost il-membri nazzjonali. 4. Il-Korp Konġunt ta' Sorveljanza jiċċekkja l-ipproċessar tad-dejta personali. 5. Id-Direttur Amministrattiv huwa nominat unanimament mill-Kulleġġ. 6. Verifika esterna: il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri. 7. Approvazzjoni hija mogħtija mill-Parlament fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. 	<p>Baġit finali</p> <p>14,7 miljun euro (13-il miljun euro)</p> <p>Sussidju komunitarju: 100 % (100 %)</p> <p>Numri tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' twaqqif: 112 (87)</p> <p>Karigi okkupati: 93 (70)</p> <p>+ 21 (15) kariga oħra:</p> <p>(2 impjegati fuq kuntratt, 5 esperti nazzjonali ssekondati, persunal lokali, 14-il persunal ta' aġenzija li tħaddem)</p> <p><i>Total tal-persunal:</i> 114 (85)</p> <p>assenjati fil-kompiti li ġejjin:</p> <p>operattivi: 56 (31)</p> <p>amministrativi: 49 (41)</p> <p>imħallta: 9 (13)</p>	<p>Numru ta' laqgħat: 89 (73)</p> <p>Każijiet standard (*): 270 minn 361</p> <p>Każijiet kumplessi: 91 minn 361</p> <p>Numru totali ta' każijiet: 771 (588)</p> <p>Frodi: 175 (120)</p> <p>Traffikar tad-droga: 170 (135)</p> <p>Terroriżmu: 44 (25)</p> <p>Qtil: 59 (43)</p> <p>Traffikar ta' persuni: 32 (33)</p> <p>(* Tip ġdid ta' klassifikazzjoni mill-1 ta' Lulju 2006, valida għat-361 każ miftuħ bejn din id-data u l-31 ta' Diċembru 2006.</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Eurojust.

Tabella 2

EUROJUST (The Hague) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet skond il-baġit finali					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena/snin finanzjarja/i preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	imdaħħla	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	14 700	14 700	Titolu I Persunal	6 844	6 601	6 412	189	243	112	96	16
Dħul ieħor	—	1 004	Titolu II Amministrazzjoni	3 384	3 295	2 214	1 082	89	722	571	151
			Titolu III Attivitajiet operattivi	4 472	4 189	2 940	1 320	211	1 280	1 153	127
Total	14 700	15 704	Total	14 700	14 086	11 566	2 591	543	2 114	1 819	295

NB: Varjazzjonijiet fit-totali huma riżultat ta' aġġustamenti għall-eqreb numru sħiħ.

Sors: Dejta mogħtija mill-Eurojust. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidità.

Tabella 3

EUROJUST (The Hague) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	12 858	11 991
Dħul ieħor	973	59
Total (a)	13 831	12 050
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	6 581	5 149
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	674	508
Nefqa amministrattiva oħra	2 202	2 800
Nefqa operattiva	3 297	2 054
Total (b)	12 754	10 511
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	1 077	1 539
Spejjeż oħra (d)	—	3
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (e = - d)	0	- 3
Riżultat ekonomiku għas-sena (f = c + e)	1 077	1 536

Sors: Dejta mogħtija mill-Eurojust. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Eurojust fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

EUROJUST (The Hague) — Karta tal-bilanċ tal-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	556	167
Attiv fiss tanġibbli	1 674	1 606
Attiv kurrenti		
Riċevibbli ta' skadenza qasira	372	159
Likwidità u ekwivalenti likwidi	4 749	3 130
Total ta' l-attiv	7 351	5 062
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	134	85
Kontijiet pagabbli	2 762	1 599
Total tal-passiv	2 896	1 684
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	3 378	1 842
Riżultat ekonomiku għas-sena	1 077	1 536
Total ta' l-attiv nett	4 455	3 378
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	7 351	5 062

IR-RISPOSTI TA' L-EUROJUST

7. Għat-**Titlu II**, il-livell ta' tmexxija 'l quddiem huwa minħabba fi proġett immexxi mill-Istat li jospita u li nbeda tard ħafna matul is-sena.

Għat-**Titlu III**, Eurojust naqqset ir-rata mill-2005 (minn 33 % għall-30 %). Eurojust irrevédiet il-politika tat-trasferiment tal-Baġit tagħha sabiex tnaqqas in numru u l-volum ta' trasferimenti u ttejjeb id-dokumentazzjoni tagħhom.

8. Eurojust adottat miżuri xierqa sabiex tisostitwixxi l-kuntratti qafas mhux iktar tard minn matul ir-raba' sena tad-dewmien tagħhom. Inbdiet u għada għaddejja proċedura ta' akkwist miftuħa, għall-servizzi tal-kurjer.

It-traduzzjoni tar-Rapport Annwali tal-Eurojust jirrikjedi limiti stretti ħafna kemm fir-rigward ta' ħtiġiet ta' l-iskeda tal-ħin u kif ukoll ta' ħtiġiet ta' kwalità. Sfortunatament, l-ebda fornitur ma' liema Eurojust għandha kuntratt ma kien kapaċi jipprovdi l-kwalità ta' servizz meħtieġ fi ħdan iż-żmien neċessarju, li wassal għas-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti. Madankollu, Eurojust ħadet kont tal-kumment tal-Qorti u qed tipprepara proċedura ta' akkwist ġdida li ser tiġi introdotta qabel l-aħħar ta' l-2007.

9. Eurojust qed taħdem biex issolvi s-sitwazzjoni sa l-aħħar ta' l-2007 fejn sa dak iż-żmien ABAC Assets ser tkun ġiet imwaqqfa u link mas-softwer li qed jiġi użat fil-preżent ser ikollha l-kapaċità li ttiprovdi l-informazzjoni meħtieġa mir-regolament finanzjarju.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib
tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2006
flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni**

(2007/C 309/20)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	117
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	117
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	117
Tabelli 1 sa 4		118
Ir-risposti tal-Fondazzjoni		121

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 ⁽¹⁾. L-għan tagħha huwa li tik-kontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' kondizzjonijiet ħajja u ta' xogħol aħjar fl-Unjoni Ewropea billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artikolu 185, tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾. Ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Fondazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja mitmuma fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur tagħha, skond l-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 1365/75, u mib-għuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika kienet ippjanata u mwettqa bi ħsieb li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' implimentazzjoni ta' approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2006 kienet ta' aktar minn 97%. Ir-rati ta' trasferiment kienu ta' 43% għan-nefqa amministrattiva (it-*Titolu II*) u ta' 45% għall-attivitajiet operattivi (it-*Titolu III*). Għalhekk, il-prinċipju baġitarju ta' annwalità ma kienx osservat b'mod rigoruż.

8. Fi tmiem is-sena 2006, il-Fondazzjoni ffirmat żewġ kuntratti għal servizzi li kellhom jingħataw fl-2007 għal valur totali ta' 305 987 euro. Dawn il-kuntratti kienu koperti minn approprijazzjonijiet ta' impenn għall-2006 mit-*Titolu II* — Nefqa Amministrattiva. Minkejja l-fatt li l-kuntratti msemmija hawn fuq kienu relatati ma' servizzi li kellhom jingħataw b'mod esklussiv fl-2007, ma kinux inklużi bħala nfiq tal-baġit tas-sena finanzjarja relatata.

9. Għal proċeduri ta' reklutaġġ, il-kriterji ta' l-għażla la kienu deċiżi minn bordijiet ta' l-għażla mill-bidunett u lanqas definiti skond l-avviż ta' post battal. Dan ma żgurax proċeduri trasparenti u mhux diskriminatorji.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet kienu ppreparati fil-15 ta' Mejju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

Tabella 1

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Dublin)

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat	Kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1111/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni (dejta għall-2005)	Attivitajiet u servizzi provduti
<p>"Il-Komunità u l-Istati Membri, waqt li jżommu f'moħħhom id-drittijiet soċjali fundamentali, ... għandu jkollhom bħala mira ... it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja ... il-Komunità għandha ssostni u tikkomplementa l-attivitajiet ta' l-Istati Membri f'dawn l-oqsma; ... b) kondizzjonijiet tax-xogħol; c) is-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema; d) il-protezzjoni tal-ħaddiema f'każ li jintemmillhom il-kuntratt ta' l-impjeg; e) l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema; f) ir-rappreżentanza u d-difiża kollettiva ta' l-interessi tal-ħaddiema u s-sidien, inkluża t-tmexxija konġunta, g) il-kondizzjonijiet ta' l-impieg għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Komunità; h) l-integrazzjoni ta' persuni esklużi mis-suq tax-xogħol; i) l-ugwaljanza bejn irġiel u nisa ..."</p> <p>(Mill-Artikoli 136 u 137 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi:</p> <p>L-għan tal-Fondazzjoni huwa li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' kondizzjonijiet ħajja u ta' xogħol aħjar billi żżid u xxerred għarfien li huwa relevanti għal dan is-suġġett. B'mod partikolari, hija meħtieġa tikkunsidra l-oqsma li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol, — l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-dišinn ta' l-impjeg, — problemi li jirrigwardaw ċertu kategoriji ta' ħaddiema, — aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent, — it-tqasim ta' attivitajiet umani fl-ispażju u fiż-żmien. 	<p>Kompiti:</p> <ul style="list-style-type: none"> — biex issaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma, — biex tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi, — biex tagħmel studji jew biex tikkonkludi kuntratti ta' studju u biex tipprovdi assistenza għall-proġetti piloti, — biex tikkopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u fuq livell internazzjonali. 	<ol style="list-style-type: none"> 1. Il-Bord Governattiv (BG) <ul style="list-style-type: none"> — minn kull Stat Membru: rappreżentant wieħed mill-gvern, rappreżentant wieħed minn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u rappreżentant wieħed tal-ħaddiema, — 3 rappreżentanti mill-Kummissjoni. 2. Uffiċċju tal-BG <ul style="list-style-type: none"> — magħmul minn 11-il membru; 3 membri minn kull wieħed mill-imsieħba soċjali u l-gvernijiet, 2 mill-Kummissjoni, — Jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BG u jieħu miżuri sabiex jiżgura t-tmexxija tajba bejn il-laqgħat tal-BG. 3. Id-Direttur huwa maħtur mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati ppreżentata mill-BG, huwa jimplementa d-deċiżjonijiet tal-BG u ta' l-Uffiċċju tal-BG u jmexxi l-Fondazzjoni. 4. Il-Kumitati Konsultattivi huma magħmula minn mhux aktar minn 3 membri mill-Kummissjoni, gvernijiet u msieħba soċjali, bil-għan li jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti kbar u dwar l-evalwazzjoni tar-riżultati. 5. Verifika esterna: <ul style="list-style-type: none"> Il-Qorti ta' l-Awdituri. 6. Approvazzjoni mogħtija mill-Parlament fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill. 	<p>Baġit finali għall-2006:</p> <p>19,8 miljun euro (19,3)</p> <p>inkluż sussidju Komunitarju ta': 98,9 % (98,8 %)</p> <p>Persunal f'Diċembru 2006:</p> <p>94 (94) kariġa stabbiliti fil-pjan ta' twaqqif: Kariġi okkupati: 89 (82)</p> <p>Persunal ieħor:</p> <p>Esperti Nazzjonali Ssekondati u persunal ta' aġenzija ta' l-impjegi: 1 (12)</p> <p>Persunal fuq kuntratt: 9 (3)</p> <p>Total tal-persunal: 99 (94)</p> <p>assenjati fid-dmirijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — operattivi 58 (54) — amministrattivi: 32 (32) — imħallta: 4 (5) 	<p>Monitoraġġ u stħarriġ:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Twaqqif ta' Network ta' l-Osservatorji Ewropej (NEO) li jkopri t-tliet networks li kien hemm qabel affiljati ma' l-Osservatorju Ewropew għar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO), l-Osservatorju Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) u l-Immonitorjar tar-Ristrutturazzjoni Ewropew (MRE), — ir-Raba' Stħarriġ Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol: l-ewwel riżultati, — l-Ewwel Stħarriġ tal-Kumpanija: l-ewwel riżultati. <p>Impjegi u ristrutturar:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Studji dwar is-settur ta' l-lkel u tax-Xorb u dwar is-Servizzi ta' Negozji b'Għarfien Intensiv, — Il-Mobbiltà Ġeografika u tas-Suq tax-Xogħol fl-Ewropa: rapport, — Postijiet tax-Xogħol ta' Attrazzjoni għal Kulħadd: kontribuzzjoni għall-Istrateġija ta' Lisbona fuq livell tal-kumpanija, — Il-Provvista tax-Xogħol fis-Servizzi tal-Kura: rapport. <p>Il-Bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol:</p> <ul style="list-style-type: none"> — ir-Raba' Stħarriġ tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol, — 15-il sena ta' stħarriġ dwar ix-xogħol fl-Ewropa: rapport tax-xejriet, — Kejl tas-Sodisfazzjon fl-Impjeg fi stħarriġ, — Rapport dwar il-ħin tax-xogħol ibbażati fuq l-istħarriġ tal-Kumpanija. <p>Relazzjonijiet Industrijali (RI) u Sħubija:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Ħin tax-Xogħol u Żviluppi fil-Paga, — Kunsilli tax-Xogħol Ewropej: rapporti u studji tal-każijiet, — Profili tal-Pajjiżi RI, — Il-Bini tal-Ħila għad-Djalogu Soċjali: rapporti dwar l-Istati Membri Ġodda u t-Turkija.

Oqsma ta' kompetenza Komunitarja stipulati mit-Trattat	Kompetenzi tal-Fondazzjoni kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975, emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1111/2005 ta' l-24 ta' Ġunju 2005	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni (deġa għall-2005)	Attivitajiet u servizzi provduti
				<p>Il-Koeżjoni Soċjali u l-Kwalità tal-Ħajja:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Aġġornamenti tad-<i>database</i> ta' l-EurLIFE, — Il-Forza tax-Xogħol li kulma jmur dejjem qiegħda tixjeh u l-Ġestjoni tax-Xjuħija: rapporti u studji tal-każijiet, — Servizzi ta' gwida għall-impjeg għal nies b'diżabilità. <p>Komunikazzjoni u qsim ta' ideat u esperjenzi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — 332 pubblikazzjoni, 53 stqarrija għall-istampa, 40 % żjieda fl-użu <i>web</i>, 16 % żjieda fil-preżenza f'ġurnali — Kampanji ta' promozzjoni "Your work, your life; balance company needs with worker satisfaction" u "Fourth Working Conditions survey: what workers say", — Forum tal-Fondazzjoni 2006 "Competitive Europe, Social Europe — Partners or Rivals?" — Seminars dwar in-Netzwerk tal-Kumpanija — Sensiela ta' Seminars tal-Fondazzjoni "Flexicurity and Employability" — Ċentri Nazzjonali ta' Kuntatt li jkopru AU, BE, ES, FI, FR, HU, IT, LUX, SP, UK, — Wirjiet waqt il-ġimgħa ta' l-Impjeg fi Brussel u fil-konferenza PES f'Oporto.

Sors: informazzjoni mogħtija mill-Fondazzjoni.

Tabella 2

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			NEFQA								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni tan-nefqa	Appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja					Appropriazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Sussidji komunitarji	19 000	19 000	Titolu I Persunal (NDA)	9 931	9 894	9 774	120	37	157	152	5
Sussidji oħrajn	540	241	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	1 530	1 463	862	634	34	507	482	24
Dħul ieħor	220	265	Titolu III Attivitajiet operattivi (NDA)	8 299	7 860	4 612	3 558	129	3 954	3 713	241
Total	19 760	19 506	Total	19 760	19 217	15 248	4 312	200	4 618	4 347	270

Sors: dejta mogħtija mill-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati fuq bażi tal-likwidita.

Tabella 3

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-sni finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	19 000	18 600
Sussidji oħrajn	517	—
Dħul ieħor	248	366
Total (a)	19 765	18 966
Spejjeż operattivi		
Spejjeż relatati mal-persunal	8 908	8 035
Infiq relatat ma' l-attiv fiss ⁽¹⁾	724	576
Spejjeż amministrattivi oħra	2 106	2 117
Spejjeż operattivi	7 409	8 581
Total (b)	19 147	19 309
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	618	- 343
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	—	—
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	10	9
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 10	- 9
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	608	- 352

⁽¹⁾ Żjeda minħabba korrezzjonijiet wara li sar inventurju fiżiku fl-2006.

Tabella 4

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol (Dublin) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss intanġibbli	84	22
Attiv fiss tanġibbli	2 388	2 778
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	344	539
Riċevibbli ta' skadenza qasira	690	505
Likwidità u ekwivalenti likwidi	3 111	3 244
Total ta' l-attiv	6 617	7 088
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	274	189
Kontijiet pagabbli	1 643	2 806
Total tal-passiv	1 917	2 995
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	4 093	4 445
Riżultat ekonomiku għas-sena	608	- 352
Total ta' l-attiv nett	4 701	4 093
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	6 618	7 088

Sors: dejta mogħtija mill-Fondazzjoni — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TAL-FONDAZZJONI

7. Ser jiġu meħuda miżuri sabiex titnaqqas b'mod sinifikanti r-rata ta' ammonti miġjuba 'l quddiem fit-Titolu II fl-2007. Meħuda in konsiderazzjoni l-medja taż-żmien tal-kuntratti ta' l-istudju tagħna (18 -il xahar) u l-iskeda tal-ħlasijiet tagħna, bla dubju evitat madwar 35 % tal-krediti tat-Titolu 3 kellhom jiġu miġjuba 'l quddiem.

8. Minħabba l-fatt li l-kuntratti msemija kellhom jibdew fl-1 ta' Jannar 2007 u li l-baġit 2007 ma kienx għadu għie stabbilit

f'dak iż-żmien, is-servizzi msemija kellhom jiġu kommissi sa l-aħħar ta' Diċembru 2006. Minkejja dan mill-2007 'l quddiem ser ikunu kommissi kontra l-approprijazzjonijiet tas-sena ta' wara.

9. Minn Marzu 2007, in-notifiki tal-postijiet battala kollha jinkludu indikazzjoni ċara ta' dwar jekk is-suċċess fit-testijiet huwiex prekontidizzjoni għas-suċċess fil-kompetizzjoni.

RAPPORT**dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena
finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti tal-Fondazzjoni**

(2007/C 309/21)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	123
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	123
OSSERVAZZJONIJIET	7-8	123
Tabelli 1 sa 4		124
Ir-risposti tal-Fondazzjoni		127

INTRODUZZJONI

1. Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni") kienet imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990 ⁽¹⁾. L-iskop tal-Fondazzjoni huwa li tagħti sostenn lir-riforma tat-taħriġ vokazzjonali fil-pajjiżi siekha ta' l-Unjoni Ewropea. F'dan l-inkarigu, hija tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' varji programmi (PHARE, TACIS, CARDS u MEDA).

2. It- *Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u ta' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni. Informazzjoni prinċipali, meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2006, hija preżentata fit- *Tabelli 2, 3 u 4*.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skond l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾; hija għet ippreparata wara eżami tal-kontijiet tal-Fondazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew magħmula mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/90, u mibgħuta lill-Qorti, li għandha l-obbligu li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika IFAC u INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika għet ipplanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni espressa hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet fil-baży tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjoni li ġejja ma tpoġġix f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. L-approprijazzjonijiet ta' Titolu III huma differenzjati. L-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju Qafas jitlob illi l-baġit ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali jkun juri kemm l-approprijazzjonijiet ta' l-impenn kif ukoll tal-pagamenti bi skeda ta' hłas meta l-approprijazzjonijiet ikunu differenzjati. Il-Fondazzjoni ppubblikat biss l-approprijazzjonijiet ta' l-impenni għall-baġit tagħha ta' l-2006. Dan ma rrispettax ir-regoli għall-preżentazzjoni tal-baġit.

8. Fl-2006, il-Fondazzjoni kellha żewġ kuntratti multiannwali MEDA u TEMPUS mal-Kummissjoni, li kienu għadhom għaddejnin, li tnejn kienu ġew magħmula fl-2004. Il-fondi provduti minn dawn il-kuntratti huma kkunsidrati bħala dħul assenjat. Il-Fondazzjoni daħħlet l-ammont totali tal-kuntratt ta' dan id-dħul fil-baġit tagħha minflok l-ammonti li jiġu rċevuti kull sena.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 131, 23.5.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew magħmula fis-26 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

Tabella 1

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin)

Oqsma ta' kompetenzi stipulati mit-Trattat	Kompetenzi tal-Fondazzjoni Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1360/90 tas-7 ta' Mejju 1990.		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Fondazzjoni fl-2006 (<i>dejta ta' l-2005</i>)	Prodotti u servizzi provduti waqt is-sena finanzjarja 2006
<p>“Il-Komunita għandha twestaq, fil-qasam tal-kompetenzi tagħha ekonomiċi, koperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi terzi. Tali miżuri għandhom ikunu kumplementari għal dawk imwettqa mill-Istati Membri u konsistenti mal-politika ta' l-iżvilupp tal-Komunita”.</p> <p>(L-Artikolu 181 A)</p>	<p>Objettivi</p> <p>— Biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali ta' l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u ta' l-istati indipendenti ta' l-ex-Unjoni Sovjetika li jibbenifikaw mill-programm biex jassisti r-riforma ekonomika u ta' rkupru fl-Istati Indipendenti l-Ġodda u fil-Mongolja u fil-pajjiżi Mediterranji mhux membri li jibbenifikaw minn miżuri finanzjarji u tekniċi li jakkumpanjawhom għar-riforma ta' l-istrutturi ekonomiċi u soċjali tagħhom.</p> <p>— Biex tippromwovi l-koordinazzjoni ta' l-assistenza mogħtija lill-pajjiżi eliġibbli</p>	<p>Kompiti</p> <p>Skond il-linji gwida ġenerali stabbiliti mill-Komunita, l-ETF topera fil-qasam tat-taħriġ, li tkopri taħriġ professjonali, inizjali u tul il-ħajja u taħriġ mill-ġdid taż-żgħira u adulti permezz tal-kompiti segwenti:</p> <p>— Assistenza biex jiġu definiti l-bżonnijiet tat-taħriġ u tal-prijoritajiet permezz ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza teknika fil-qasam tat-taħriġ u permezz ta' koperazzjoni mal-korpi desinjati approprijati fil-pajjiżi eliġibbli;</p> <p>— Taġixxi bħala <i>clearing house</i> biex tipprovdi lill-Komunita, lill-Istati Membri tagħha u lill-Istati mhux membri kkonċernati informazzjoni dwar inizjattivi kurrenti u bżonnijiet futuri fil-qasam tat-taħriġ u tipprovdi qafas biex minnu jistgħu ikunu mgħoddija l-offerti għal assistenza</p>	<p>Kunsill Amministrattiv</p> <p>— Rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru</p> <p>— tlett rappreżentanti tal-Kummissjoni</p> <p>— Presedut mill-Kummissjoni</p> <p>Direttur</p> <p>— Maħtur mill-Kunsill Amministrattiv fuq proposta mill-Kummissjoni</p> <p>Forum Konsultattiv</p> <p>— Maħtur mill-Kunsill Amministrattiv</p> <p>— Żewġ esperti minn kull Stat Membru</p> <p>— Żewġ esperti minn kull pajjiż eliġibbli</p> <p>— Żewġ esperti minn soċji esperti fil-livell Ewropew</p> <p>Verifika Interna</p> <p>Id-dipartiment tal-verifika interna tal-Kummissjoni</p> <p>Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>Kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill</p>	<p>Baġit</p> <p>26,5 (26,3) miljun euro maqsuma f'19,5 (18,5) miljun euro ffinanzjati minn sussidju tal-Kummissjoni u 7,0 (7,8) miljun euro ffinanzjati minn korpi oħra bħala dħul assenjat.</p> <p>Din is-somma ta' 7,0 miljun euro tinqasam kif ġej:</p> <p>0,98 miljun euro mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Taljan;</p> <p>4,37 miljun euro minn DG AIDCO (Meda-ETE);</p> <p>1,69 miljun euro minn DG EAC (Tempus)</p> <p>Numru tal-persunal fil-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>105 (104) kariga temporanja fil-pjan ta' twaqqif minn liema 94 (97) kariga huma okkupati.</p> <p>32 (22) persunal ieħor (awżiljarji, aġenti lokali, perusnal b'kuntratt</p> <p>Total tal-persunal: 126 (119) assenjati għad-doveri segwenti:</p> <p>— kompiti operattivi: 73 (68);</p> <p>— kompiti amministrattivi: 34 (33);</p> <p>— kompiti varji: 19 (18).</p>	<p>Attivitajiet</p> <p>L-assistenza provduta mill-Fondazzjoni tkopri xejra wiesgħa ta' oqsma tekniċi inklużi taħriġ vokazzjonali inizjali, taħlim tul il-ħajja, edukazzjoni kontinwa (adulti), żvilupp tar-riżorsi umani f'kumpaniji, politika ta' impjegi, taħriġ għal persuni mhux impjegati, ġlieda kontra l-faqar u inklużjoni soċjali u taħriġ biex jiġi nkoraġġut l-iżvilupp lokali.</p> <p><i>Sostenn għall-Kummissjoni</i></p> <p>Fl-2006, 97 talbiet ġodda għal sostenn kienu riċevuti mill-Kummissjoni. Il-maġġoranza kienu mid-Delegazzjonijiet (38 %), AIDCO (21 %), id-DG EAC (16 %), segwiti mid-DG ELARG u d-DG EAR (7 %), id-DG RELEX (5 %), DG EMPL (4 %). Dawn kienu jinkludu 24 analiżi tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi ENPI. Ir-rata ta' sodisfazzjoni tal-Kummissjoni b'reazzjoni ta' l-ETF kienet 97 %. L-applikazzjonijiet l-aktar frekwenti kienu dawk fil-qasam ta' l-ipprogrammar, segwiti minn politika u kontribuzzjonijiet fil-preparazzjoni ta' strumenti tal-Viċinat Ewropew, l-identifikazzjoni ta' proġetti u segwitu.</p> <p><i>Informazzjoni u analiżi</i></p> <p>Studji tas-settur nazzjonali, statistiċi fuq l-edukazzjoni, pariri lill-pajjiżi fuq il-politika.</p> <p><i>Proġetti ta' sostenn għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp</i></p> <p>Bħala ċentru ta' esperti, l-ETF tikkontribwixxi lejn it-twaqqif ta' proġetti ta' żvilupp sabiex tittestja approċċi innovattivi li jippermettu lill-pajjiżi soċji li jwettqu riformi tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali tagħhom.</p> <p><i>Assistenza teknika lid-DG EAC għall-implimentazzjoni tal-programm Tempus</i></p> <p>Konvenzjonijiet ta' Assistenza ma' CARDS, MEDA u Tacis għall-programm Tempus:</p> <p>Din l-assistenza tkopri ċ-ċiklu kollu tal-programm. Hija tinkludi s-selezzjoni, it-tmexxija u s-segwitu tal-kuntratti u ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż is-sostenn amministrattiv ġenerali. Għodda ta' l-IT bħal applikazzjonijiet <i>online</i> u formoli tar-rappurtar iffaċilitaw ħafna t-tmexxija amministrattiva taċ-ċikli differenti ta' proġetti.</p>

Sors: informazzjoni provduta mill-Fondazzjoni.

Tabella 2

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Implimentazzjoni baġitarja għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Infiq									
Oriġini tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul miġbur	Allokazzjoni ta' l-infiq	Approprijazzjonijiet għas-sena finanzjarja					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti			
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati	
Sussidji komunitarji	19 450	19 450	Titolu I Persunal (NDA)	12 239	11 990	11 427	562	249	478	409	68	
Dħul ieħor	2	64	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	1 719	1 595	1 158	437	124	326	287	39	
			Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)									
			— CA	5 495	4 970	0	1 918	525	0	0	0	
			— PA	5 495	0	3 052	0	2 443	1 925	1 474	451	
Dħul assenjat: Gvern Taljan	980	314	Dħul assenjat: Gvern Taljan	980	544	500	480	0	356	0	356	
Dħul assenjat: ETE-MEDA	4 365 ⁽¹⁾	2 000	Dħul assenjat: ETE-MEDA	4 365 ⁽¹⁾	3 114	1 234	3 131	0	2 365	0	2 365	
Dħul assenjat: ETE-MEDA	1 686	624	Dħul assenjat: ETE-MEDA	1 686	1 616	822	864	0	1 062	0	1 062	
Total	26 484	22 452	Total CA	26 484	23 829	18 193	7 392	897	4 587	696	3 890	
			Total PA	26 484	18 859	18 193	5 474	2 816	6 512	2 170	4 342	

⁽¹⁾ L-ammont inizjali mdaħħal fil-baġit kien ta' 4 865 000 euro, li minnu 500 000 euro ma kinux imħallsa mill-Kummissjoni. Għall-fini tal-kjarezza u tal-preċiżjoni l-ammont emendat (4 365 000 euro) huwa muri.

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' l-impenji huma daqs l-approprijazzjonijiet ta' pagamenti).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (approprijazzjonijiet ta' l-impenji jistgħu ikunu differenti mill-approprijazzjonijiet ta' pagamenti).

CA: approprijazzjonijiet ta' l-impenji fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagamenti fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Sors: dejta provduta mill-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati fuq bażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji Komunitarji	16 052	18 484
Sussidji oħra	314	479
MEDA ETE oħra	—	5 000
Tempus TA 2004/05 oħra	—	2 363
Jistennew l-approvazzjoni EC — ETE MED u TEMPUS TA	2 868	—
Total (a)	19 234	26 326
Spejjeż operattivi		
Spejjeż tal-persunal	11 539	11 785
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	359	362
Spejjeż amministrattivi oħra	2 580	1 729
Spejjeż operattivi	7 204	12 237
Total (b)	21 682	26 113
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet operattivi (c = a - b)	- 2 448	214
Dħul mill-operazzjonijiet finanzjarji (e)	—	—
Spejjeż mill-operazzjonijiet finanzjarji (f)	1	1
Bilanċ favur/(kontra) mill-attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 1	- 1
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	- 2 449	213

Tabella 4

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (Turin) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Intanġibbli	3 053	3 214
Attiv fiss tanġibbli	311	213
Attiv kurrenti		
Stokks	34	37
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	1 169	1 266
Riċevibbli fuq żmien qasir	339	174
Likwidità u ekwivalenti likwidi ⁽¹⁾	12 157	23 665
Total attiv	17 063	28 569
Passiv mhux kurrenti		
Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti	550	205
Passiv kurrenti		
Dispożizzjonijiet għal riskji u imposti	157	132
Kontijiet pagabbli	15 133	24 560
Total passiv	15 840	24 897
Attiv nett		
Bilanċ favur/(kontra) akkumulat	3 670	3 458
Riżultat ekonomiku għas-sena	- 2 448	213
Total attiv nett	1 222	3 671
Total passiv u attiv nett	17 062	28 568

⁽¹⁾ Rimborż ta' fondi mhux użati relatati ma' għotjiet Tempus.

Sors: Dejta provduta mill-Fondazzjoni. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta mill-Fondazzjoni fil-kontijiet annwali tagħha: dawn il-kontijiet huma preparati fuq bażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-AĠENZIJA

7. L-ETF taċċetta l-kummenti tal-Qorti u timpenja ruħha sabiex tippreżenta baġits ta' approprijazzjonijiet distinti fir-rigward ta' l-impenji u tal-pagamenti. Dan diġà ġie ppreparat għall-baġit ta' emenda ta' l-2007.

8. L-ETF ħadet nota tal-kumment tal-Qorti u se tadotta fil-futur l-approċċ propost għall-konvenzjonijiet kollha.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi
u d-Dipendenza fuq id-Drogi għas-sena finanzjarja 2006 flimkien
mar-risposti taċ-Ċentru**

(2007/C 309/22)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	129
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	129
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	129
Tables 1 to 4		131
Ir-risposti taċ-Ċentru		134

INTRODUZZJONI

1. Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "iċ-Ċentru") ġie imwaqqaf permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93 tat-8 ta' Frar 1993 ⁽¹⁾. Il-kompitu prinċipali taċ-Ċentru huwa li jiġbor dejta dwar id-drogi u d-dipendenza fuq id-drogi sabiex jipprepara u jippubblika informazzjoni li hija oġġettiva, affidabbli u komparabbli fil-livell Ewropew. Din l-informazzjoni hija intiża biex ttiprovdi bażi biex tkun analizzata d-domanda għad-droga u l-modi kif, kemm din, kif ukoll b'mod ġenerali, il-fenomeni assoċjati mas-suq tad-droga jistgħu jiġu mnaqqsa.

2. *It-Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet taċ-Ċentru. Sommarju tad-dejta prinċipali mir-rendikonti finanzjarji ppreparati miċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skond l-Artiklu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾. Hija ġiet ippreparata wara eżami tal-kontijiet taċ-Ċentru, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

4. Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽³⁾ ġew ippreparati mid-Direttur tiegħu, skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 302/93, u mib-ghuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti l-opinjoni tagħha dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

⁽¹⁾ ĠU L 36, 12.2.1993. Dan ir-Regolament ġie emendat permezz tar-Regolamenti (KE) Nru 3294/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 (ĠU L 341, 30.12.1994, p. 7) u (KE) Nru 1651/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 30).

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-15 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-13 ta' Lulju 2007.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

Il-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali taċ-Ċentru, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux id-Dikjarazzjoni tal-Qorti f'diskussjoni.

OSSERVAZZJONIJIET

7. Ir-rata ta' użu ta' l-approprijazzjonijiet ta' impenji (inkluż id-dħul assenjat) kienet ta' 95 % (94 % fl-2005) u r-rata korrispondenti ta' l-approprijazzjonijiet ta' pagament ittejbet għal 87 % (85 % fl-2005). Iċ-Ċentru naqqas il-livell ta' trasferimenti 'l quddiem għal 25 % fl-2006 (40 % fl-2005).

8. F'9 każijiet mit-13 eżaminati, kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-kuntratti, kien hemm dewmien fl-għemil tal-pagamenti lill-punti fokali nazzjonali tar-REITOX (Netwerk Ewropew dwar id-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga) taħt il-ftehim ta' għoti.

9. Fir-rapport dwar il-kontijiet annwali ta' Ċentru għas-sena finanzjarja 2005 ⁽¹⁾, il-Qorti għamlet osservazzjoni dwar membru tal-persunal li kien intbagħat fuq missjoni għal żmien twil fi Brussel u li wara tmiem il-missjoni, kien ġie sekondat lill-Kummissjoni. Madankollu, mindu spiċċa s-sekondar, dan

il-membri tal-persunal kompli jitħallas miċ-Ċentru mingħajr ma reġa' beda x-xogħol f'Lisbona. Is-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx fl-2006. Fl-2007, dan l-aġent kien iddikjarat kapaċi li jaħdem kul-limkien ħlief speċifikament f'Lisbona.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2006 (il-paragrafu 12, p. 68).

Tabella 1

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona)

Oqsma tal- kompetenzi Komunitarji li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi taċ-Ċentru kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 302/93		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għaċ-Ċentru fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi provduti fl-2006 (dejta ta' l-2005)
<p>Il-Komunità tikkomplementa l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri fit-tnaqqis ta' ħsara għas-saħħa li tkun marbuta mad-drogi, inkluża l-informazzjoni u l-prevenzjoni.</p> <p>(l-Artikolu 152 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Jipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha b'informazzjoni affidabbli fuq livell Ewropew dwar il-fenomenu tad-drogi u d-dipendenza fuq id-drogi u l-konsegwenzi tagħhom.</p> <p>Iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ għandu jagħti prijorità lill-analiżi:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1) tat-talba u n-nuqqas fit-talba għad-droga; 2) ta' l-istrateġiji u xejriet nazzjonali u tal-Komunità; 3) tal-koperazzjoni internazzjonali u ġeopolitika ta' forniture; 4) tal-kontroll fil-kummerċ tan-narkotiċi, sustanzi psikotropiċi u prekursori tad-droga; 5) ta' l-implikazzjonijiet tal-fenomenu tad-droga għal pajjiżi produttori, konsumaturi u ta' tranżitu, inkluż il-ħasil tal-flus. 	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Jiġbor u janalizza d-dejta. — Jistħarreġ u jwettaq azzjonijiet preparatorji. — Jassigura li d-dejta fuq livell Ewropew hija affidabbli. — Jippubblika informazzjoni affidabbli. — Itejjeb il-kordinazzjoni bejn azzjonijiet nazzjonali u tal-Komunità. — Iħeġġeġ l-inkorporazzjoni tad-dejta dwar id-droga fil-programmi internazzjonali. 	<p>1. Il-Bord tat-Tmexxija</p> <p>Huwa magħmul minn rappreżentant minn kull Stat Membru, żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni u żewġ xjenzati kwalifikati, maħtura mill-Parlament Ewropew.</p> <p>Huwa japprova l-programm ta' xogħol u r-rapport ġenerali annwali u jadotta l-baġit.</p> <p>2. Direttur: Nominat mill-Bord Amministrattiv fuq proposta tal-Kummissjoni.</p> <p>3. Kumitata Xjentifiku: Jagħti opinjonijiet. Magħmul minn rappreżentant ta' kull Stat Membru. Il-bord ta' tmexxija jista' jaħtar massimu ta' sitt membri oħra fuq il-bażi tal-kwalifiki speċifiċi tagħhom.</p> <p>4. Kontroll estern: Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>5. Awtorità ta' kwittanza: Il-Parlament Ewropew fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>13,12-il miljun euro (12,8 miljun euro)</p> <p>Kontribuzzjoni tal-Komunità: 92 % (96 %).</p> <p>Numru ta' persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' postijiet fil-pjan ta' stabbiliment: 77 (77)</p> <p>Karigi okkupati: 68 (58)</p> <p>+ 23 (25) impjegati oħra (kuntratti awżiljarji, aġenti kontrattwali u intermedjarji)</p> <p>Total tal-persunal: 91 (83)</p> <p>Assenjati l-kompiti li ġejjin:</p> <p>operattivi: 53,5 (50,5)</p> <p>sostenn amministrattiv u ta' l-IT: 30 (25)</p> <p>imħallta: 7,5 (7,5)</p>	<p>Network</p> <p>Iċ-Ċentru jmexxi network kompjuterizzat għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni, imsemmi Network Ewropew dwar id-Drogi u d-Dipendenza mid-Droga (Reitox); dan in-network jgħaqqad in-networks nazzjonali ta' l-informazzjoni dwar id-droga, iċ-ċentri speċjalizzati eżistenti fl-Istati Membri u s-sistemi ta' informazzjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu maċ-Ċentru.</p> <p>Il-Pubblikazzjonijiet:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rapport annwali dwar l-istat tal-fenomenu tad-droga fl-Ewropa (23 (22 verżjoni lingwistika, pubblikazzjoni u websajt interattiva) — Rapport annwali dwar kwistjonijiet magħżula, (EN, pubblikazzjoni u websajt interattiva) — Ġabra ta' statistiċi u websajt interattiva li fiha aktar minn 250 (200) tabella, 150 (100) dijagramma u fajls PDF — Rapport ġenerali ta' l-attivitajiet (annwali, EN) — Newsletter Drugnet Europe (4 ħarġiet, EN (tnejn f'ħames ilsna u tnejn EN)) — Studji u artikli tekniċi u xjentifiċi (21) (28) — artikli u sommarji xjentifiċi (16) <p>Websajts oħra:</p> <p>It-twaqqif/l-aġġornament/l-iżvilupp tal-kontenut:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Sommarji tas-sitwazzjoni ta' pajjiż — Profili tad-dejta ta' pajjiż — Analiżi ġenerali tat-trattament tad-droga — Database legali ewropea dwar id-drogi — Bank ta' l-istrumenti ta' evalwazzjoni — Skambji fuq l-azzjonijiet għat-tnaqqis tad-domanda tad-droga <p>Fuljetti promozzjonali (4 (3) prodotti)</p> <p>Prodotti tal-medja (174 (110) prodott varju)</p> <p>Parteċipazzjoni f'konferenzi/laqgħat internazzjonali (162 (75))</p> <p>Organizzazzjoni ta' laqgħat tekniċi u xjentifiċi (27 (24))</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru.

Tabella 2

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Id-Dħul			Nefqa								
Sors ta' dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali għas-sena finanzjarja					Approprijazzjonijiet trasferiti missena finanzjarja preċedenti		
				mdaħħla	impenjati	mħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	impenjati	annullati
Sussidji komunitarji	12 100	12 100	Titolu I Persunal (NDA)	6 500	6 468	6 373	95	32	154	134	20
Dħul proprju	521	521	Titolu II Amministrazzjonijiet (NDA)	1 590	1 482	1 077	405	108	650	611	39
Dħul ieħor		93	Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)	— CA	4 531	4 486			45		
				— PA	4 531		4 163		368		
Dħul assenjat (Phare)	500	381	Dħul assenjat (Phare)	500	224	28	472	0	284	171	
Total	13 121	13 095	Total CA	13 121	12 660		972	45			
			Total PA	13 121	12 660	11 641	972	508	1 088	916	59

NDA: approprijazzjonijiet mhux differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji huma daqs l-approprijazzjonijiet ta' pagament).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji jistgħu jkunu differenti mill-approprijazzjonijiet ta' pagament).

CA: approprijazzjonijiet ta' impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagament f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Sors: Dejta provduta miċ-Ċentru. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati abbażi tal-likwidità.

Tabella 3

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Liżbona) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Dħul operattiv		
Sussidji komunitarji	13 394	10 592
Dħul ieħor	93	312
Total (a)	13 488	10 904
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-persunal	6 566	5 843
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	292	
Nefqa amministrattiva oħra	2 369	2 269
Attivitajiet operattivi	4 629	4 181
Total (b)	13 857	12 293
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	- 370	- 1 389
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)		
Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f)	16	35
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	- 16	- 35
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	- 385	- 1 424

Tabella 4

Iċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi (Lisbona) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux tanġibbli	374	56
Attiv fiss tanġibbli	2 809	2 933
Attiv kurrenti		
Riċevibbli fuq terminu qasir	416	224
Likwidità u ekwivalenti likwidi	1 881	3 005
Total ta' l-attiv	5 480	6 218
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	149	115
Kontijiet pagabbli	2 843	3 231
Total tal-passiv	2 992	3 346
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	2 872	4 296
Riżultat ekonomiku għas-sena	- 385	- 1 424
Attiv nett totali	2 488	2 872
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	5 480	6 218

Sors: dejta provduta miċ-Ċentru — Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta provduta miċ-Ċentru fil-kontijiet annwali tiegħu; dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TAĊ-ĊENTRU

7. Iċ-Ċentru ser ikompli bl-isforzi tiegħu sabiex iżomm ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit tiegħu għolja u jekk inhu possibbli jtejjibha.

8. L-EMCDDA ħa diversi miżuri sabiex itejjeb il-proċess ta' pagament imsemmi.

- titjib fil-proċess tal-komunikazzjoni/notifikazzjoni rilevanti lill-Punti Fokali Nazzjonali (NFP);
- dispożizzjoni ta' linji gwida u taħriġ speċifiku għal NFPs rigward proċeduri finanzjarji;
- tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali għal ġestjoni finanzjarja u amministrattiva ta' l-għotjiet;
- tisbiq b'mod linjari tal-proċess ta' kontroll interni.

9. Is-sekondar tal-membri tal-personal konċernat spiċċat fit-30 ta' Settembru 2006. Mill-1 ta' Ottubru 2006 il-membri tal-personal reġgħa ddaħħal fis-servizzi ta' l-EMCDDA. Minkejja dan, il-persuna konċernata ħadet *sick leave*, ipprovdiet evidenza (permezz ta' ċertifikati mediċi regolari) li kienet inkapaċi milli tagħmel id-doveri tal-ħidma tagħha minħabba mard.

L-EMCDDA talbet darbtejn lis-servizz mediku tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jagħmel eżami mediku u jivverifika r-raġunijiet għas-*sick leave* imsemmi u l-eżamijiet ikkonfermaw l-eżistenza ta' raġunijiet li jiġġustifikaw l-assenza minħabba mard.

L-EMCDDA ser tkompli tuża l-istrumenti kollha pprovduri mir-regolamenti rilevanti sabiex iġġestixxi dan il-każ imsemmi.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju**

(2007/C 309/23)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	136
ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	136
Tabelli 1 sa 4		137
Ir-risposti ta' l-Uffiċċju		140

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-Uffiċċju) kien stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 ⁽¹⁾ Il-kompitu prinċipali tiegħu huwa li jirreġistra u jeżamina applikazzjonijiet għall-għotja ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali tal-Komunità għal varjetajiet ta' pjanti u jassigura li l-eżamijiet tekniċi neċċessarji huma mwettqa minn uffiċċji kompetenti fl-Istati Membri.

2. *It-Tabella 1* tiġbor fil-qosor il-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji preparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Kunsill Amministrattiv ta' l-Uffiċċju skond l-Artikolu 111 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽²⁾ ġew ippreparati mill-President tiegħu, skond l-Artikolu 112 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni mniżżla hawn taħt.

Affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli.

Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju, meħuda fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri

Hubert WEBER

President

⁽¹⁾ ĠU L 227, 1.9.1994, p. 27.

⁽²⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fil-21 ta' Ġunju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers)

Oqsma tal-kompetenzi tal-Komunità li joħorġu mit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Uffiċċju kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994		Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi provduti fl-2006
<p>Moviment ħieles tal-merkanzija</p> <p>Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet iġġustifikati fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fil-kummerċ bejn l-Istati Membri.</p> <p>(Estratt mill-Artikolu 30 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Li japplika s-sistema ta' drittijiet tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti bħala l-forma unika u esklussiva tad-drittijiet tal-Komunità tal-proprjetà industrijali tal-varjetajiet ta' pjanti.</p>	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Jiddeċiedi jekk jagħtix jew jirrifjutax applikazzjonijiet għal drittijiet tal-Komunità fuq il-varjetajiet ta' pjanti — Jiddeċiedi fuq objezzjonijiet — Jiddeċiedi fuq appelli — Jiddeċiedi dwar ir-revoka jew il-kanċellament ta' dritt tal-Komunità tal-varjetajiet ta' pjanti 	<p>1 Il-President imexxi l-Uffiċċju. Huwa jiġi nominat mill-Kunsill minn lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara li tkun kisbet l-opinjoni tal-Kunsill Amministrattiv.</p> <p>2 Il-Kunsill Amministrattiv jissorvelja l-programm ta' xogħol ta' l-uffiċċju u jagħmel ir-regoli li jirregolaw il-metodi ta' xogħol ta' l-Uffiċċju. Huwa kompost minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alternati tagħhom.</p> <p>3 Deċiżjonijiet rigward l-għotja ta' drittijiet tal-Komunità dwar varjetajiet ta' pjanti jiġu adottati mill-kumitati magħmula minn tliet membri tal-persunal ta' l-Uffiċċju u mill-Bord ta' l-Appell fil-proċeduri ta' l-appell.</p> <p>4 Kontroll estern: analiżi tal-legalità ta' l-atti mill-President li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Komunità ma tippovdi l-ebda riżerżaminazzjoni ġudizzjarja minn xi korp ieħor, kif ukoll il-legalità ta' atti mill-Kunsill Amministrattiv rigward il-baġit ta' l-Uffiċċju.</p> <p>5 Kontroll finanzjarju: Il-Qorti ta' l-Awdituri.</p> <p>6 Awtorità ta' Kwittanza: Il-Kunsill Amministrattiv.</p>	<p>Baġit finali</p> <p>13,0 (13,4) miljun euro</p> <p>Numru ta' persunal fil-31 ta' Diċembru 2006:</p> <p>Numru ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment: 41 (40)</p> <p>Karigi okkupati: 41(40)</p> <p>+ 4 (5) karigi oħra (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali, persunal ta' l-aġenzija ta' l-impjiegi)</p> <p>Total tal-persunal: 45 (45)</p> <p>Assenjati l-kompiti li ġejjin:</p> <p>operattivi: 19</p> <p>amministrattivi: 20</p> <p>mħallta: 6</p>	<p>Applikazzjonijiet eżaminati: 2 751 (2 734)</p> <p>Drittijiet mogħtija: 2 289 (2 178)</p> <p>Drittijiet Komunitarji fis-Seħħ Fil-31.12.2006: 12 933 (11 231)</p>

Sors: Informazzjoni provduta mill-Uffiċċju.

Tabella 2

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Implimentazzjoni tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Nefqa								
Sors tad-dħul	Dħul imdaħħal fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevut	Allokazzjoni tan-nefqa	Approprijazzjonijiet tal-baġit finali					Approprijazzjonijiet trasferiti mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	trasferiti	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Dħul proprju	8 395	8 478	Titolu I Persunal (NDA)	4 451	4 404	4 351	51	49	47	47	0
Bilanċ favur akkumulat	2 130	0									
Sussidji komunitarji	328	328	Titolu II Amministrazzjoni (NDA)	2 071	1 555	702	852	516	630	371	259
Dħul ieħor	325	524	Titolu III Attivitajiet operattivi (DA)								
			- CA	6 496	5 397	0	0	1 099	0	0	0
			- PA	4 656	0	4 358	0	298	0	0	0
Total	11 178	9 330	Total CE	13 018	11 356	0	0	1 664	677	418	259
			Total CP	11 178	0	9 411	903	863	677	418	259

NDA: l-approprijazzjonijiet mhux differenzjati (approprijazzjonijiet ta' impenji huma daqs l-approprijazzjonijiet ta' pagament).

DA: approprijazzjonijiet differenzjati (l-approprijazzjonijiet ta' impenji jistgħu jkunu differenti mill-approprijazzjonijiet ta' pagament).

CA: approprijazzjonijiet ta' impenji f'sistema ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

PA: approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kuntest ta' approprijazzjonijiet differenzjati.

Sors: dejta provduta mill-Uffiċċju. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu. Dħul miġbur u pagamenti huma stmati abbażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Dħul operattiv		
Onorarji miġbura	8 844	7 649
Dħul ieħor	29	235
Total (a)	8 873	7 884
Nefqa operattiva		
Nefqa fuq il-Persunal	4 398	4 226
Nefqa relatata ma' l-attiv fiss	191	189
Nefqa amministrattiva oħra	1 031	1 296
Nefqa operattiva	4 535	3 971
Total (b)	10 155	9 682
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a – b)	– 1 282	– 1 798
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	495	367
Nefqa fuq operazzjonijiet finanzjarji (f)	0	0
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e – f)	495	367
Dħul straordinarju	7	—
Nefqa straordinarja	38	—
Bilanċ favur/(kontra) minn attivitajiet straordinarji	– 31	—
Riżultat ekonomiku għas-sena	– 818	– 1 431

Tabella 4

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (Angers) — Karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

	(1 000 euro)	
	2006	2005
Attiv mhux kurrenti		
Attiv fiss mhux taṅġibbli	43	81
Attiv fiss taṅġibbli	3 319	3 432
Attiv kurrenti		
Riċevibbli ta' skadenza qasira	943	897
Likwidità u ekwivalenti likwidi	18 487	19 111
Total ta' l-attiv	22 792	23 521
Passiv kurrenti		
Kontijiet pagabbli	7 419	7 331
Total tal-passiv	7 419	7 331
Attiv nett		
Bilanċ favur/kontra akkumulat	16 191	17 621
Riżultat ekonomiku għas-sena	– 818	– 1 431
Total ta' l-attiv nett	15 373	16 190
Total tal-passiv u ta' l-attiv nett	22 792	23 521

Sors: dejta providuta mill-Uffiċċju. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

IR-RISPOSTI TA' L-UFFIĊĠJU KOMUNITARJU TAL-VARJETAJIET TAL-PJANTI

L-Uffiċċju ħa nota tar-rapport tal-Qorti.

RAPPORT**fuq il-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern
għas-sena finanzjarja 2006 flimkien mar-risposti ta' l-Uffiċċju**

(2007/C 309/24)

WERREJ

	<i>Paragrafu</i>	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	1-2	142
DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI	3-6	142
OSSERVAZZJONIJIET	7-9	142
Tabelli 1 sa 4		144
Ir-risposti ta' l-Uffiċċju		146

INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Uffiċċju") ġie mwaqqaf mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ⁽¹⁾ ta' l-20 ta' Diċembru 1993. Il-mandat tiegħu huwa li jimplementa l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq *trade marks* u diżinjali, li tagħti lill-impriżi l-istess livell ta' protezzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha.

2. It-*Tabella 1* tagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet ta' l-Uffiċċju. Sommarju tad-dejta prinċipali meħuda mir-rendikonti finanzjarji ppreparati mill-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2006 huwa ppreżentat fit-*Tabelli 2, 3 u 4* għal skopijiet ta' informazzjoni.

DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Din id-Dikjarazzjoni hija indirizzata lill-Kumitat tal-Baġit ta' l-Uffiċċju skond l-Artikolu 137 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94.

4. Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006 ⁽²⁾ kienu ppreparati mill-President tiegħu, skond l-Artikolu 119 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, u mibgħuta lill-Qorti, li hija meħtieġa tipprovdi dikjarazzjoni dwar l-affidabilità tagħhom u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

5. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u l-INTOSAI, sa fejn dawn huma applikabbli għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Il-verifika ġiet ippjanata u mwettqa sabiex tinkiseb assigurarazzjoni raġonevoli li l-kontijiet huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari.

6. Il-Qorti kisbet għalhekk bażi raġonevoli għad-Dikjarazzjoni t'hawn taħt.

L-affidabilità tal-kontijiet

Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2006, fl-aspetti materjali kollha, huma affidabbli.

Il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

It-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet annwali ta' l-Uffiċċju, fit-totalità tagħhom, huma legali u regolari.

L-osservazzjonijiet li ġejjin ma jpoġġux f'diskussjoni d-Dikjarazzjoni tal-Qorti.

OSSERVAZZJONIJIET

7. L-implimentazzjoni tal-baġit kienet ikkaratterizzata minn żieda sinifikanti fid-dħul (27 % ogħla mill-baġit inizjali) u bħala total livell ta' nfiq aktar baxx li rriżulta f'żieda fil-baġit ta' 69 miljun euro. Ir-rati ta' implimentazzjoni għall-impenji u għall-approprijazzjonijiet tal-pagament kienu 92,7 % u 72,6 % rispettivament. Madwar 15 % ta' l-approprijazzjonijiet għall-infiq amministrattiv (Titolu II) għas-sena u daww miġjuba 'l quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti kienu annullati. Aktar minn terz ta' l-impenji għas-sena finanzjarja 2006 ġew miġjuba 'l quddiem. Twestqu għadd kbir ta' trasferimenti tal-baġit ⁽³⁾. It-trasferimenti kollha mibdija f'għurnata waħda jew f'perijodi qosra definiti mhumiex proċessati għall-approvazzjoni flimkien. Għaldaqstant il-prinċipji tal-baġit ta' l-annwalità u l-ispeċifikazzjoni ma ġew osservati strettament.

8. Il-bilanċ favur akkumulat fl-2006 laħaq 200 miljun euro, l-ekwivalenti tal-baġit annwali. Abbażi ta' l-analiżi mwettqa reċentement, l-Uffiċċju kellu bżonn jipproponi lill-Kummissjoni livell ta' onorarij li jirrifletti l-ispejjeż reali tiegħu b'mod aktar preċiż ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 11, 14.1.1994.

⁽²⁾ Dawn il-kontijiet ġew ippreparati fl-1 ta' Lulju 2007 u rċevuti mill-Qorti fit-2 ta' Lulju 2007.

⁽³⁾ Matul l-2006 kien hemm aktar minn 30 trasferiment.

⁽⁴⁾ L-Artikolu 134(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993.

9. L-eżami tal-proċeduri għar-reklutaġġ tal-persunal wera n-nuqqasijiet li ġejjin: nuqqas ta' deċiżjonijiet formali fil-ħatra ta' bordijiet ta' selezzjoni, la darba stabbiliti l-bordijiet ta' selezzjoni ma kinux kompleti, il-parità tal-membri tal-bordijiet ta' selezzjoni

ma kinitx assigurata u ma nżammux minuti tal-laqgħat tal-bordijiet ta' selezzjoni. Proċeduri u linji ta' gwida bil-miktub għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju għadhom ma ġewx adottati u implimentati ⁽¹⁾.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-27 ta' Settembru 2007.

Għall-Qorti ta' l-Awdituri
Hubert WEBER
President

⁽¹⁾ L-Artikolu 12(5) tal-Kondizzjonijiet ta' l-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-KE.

Tabella 1

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante)

Oqsma ta' kompetenza tal-Komunità stipulati fit-Trattat	Kompetenzi ta' l-Uffiċċju hekk kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993	Tmexxija	Riżorsi disponibbli għall-Uffiċċju fl-2006 (2005)	Prodotti u servizzi provduti fis-sena finanzjarja 2006	
<p>Moviment ħieles ta' l-oġġetti</p> <p>Projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet ġustifikati abbażi tal-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali m'għandhomx jikkostitwixxu la mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u lanqas restrizzjoni moħbija tal-kummerċ bejn l-Istati Membri.</p> <p>(Mill-Artikolu 30 tat-Trattat)</p> <p>Ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jinġataw is-servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jinġataw is-servizzi.</p> <p>(Mill-Artikolu 49 tat-Trattat)</p>	<p>Objettivi</p> <p>Biex jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Komunità fuq it-<i>trade marks</i> u d-diżinjali, li tagħti lill-impriji d-dritt għall-istess livell ta' protezzjoni fl-Unjoni Ewropea kollha.</p>	<p>Kompiti</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex jirċievi u jdaħħal applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni — Biex jeżamina l-kundizzjonijiet għad-dħul fir-Reġistru u l-kompatibilità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità — Biex ifittex fl-uffiċċji għall-proprjetà industrijali ta' l-Istati Membri għal kwalunkwe <i>trade marks</i> nazzjonali diġà eżistenti — Biex jippubblika applikazzjonijiet — Biex jeżamina kwalunkwe oppożizzjoni minn partijiet terzi — Biex jirreġistra jew jirrofta applikazzjonijiet — Biex jeżamina applikazzjonijiet għar-revoka jew invalidità — Biex jittratta appelli kontra deċiżjonijiet 	<p>1. Il-Bord Amministrattiv</p> <p>Kompożizzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru — Rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alterni tagħhom <p>Kompitu</p> <ul style="list-style-type: none"> — Biex jagħti pariri lill-President dwar kwistjonijiet li l-Uffiċċju huwa responsabbli għalihom — Biex jipprepara listi ta' kandidati (l-Artikolu 120) għall-President, Viċi-Presidenti u <i>chairmen</i> u membri tal-Bordijiet ta' l-Appell <p>2. Il-President ta' l-Uffiċċju</p> <ul style="list-style-type: none"> — Maħtur mill-Kunsill minn lista ta' mill-inqas tliet kandidati li għiet ippreparata mill-Bord Amministrattiv <p>3. Il-Kumitat tal-Baġit</p> <p>Kompożizzjoni</p> <p>Rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant wieħed tal-Kummissjoni u l-alterni tagħhom</p> <p>Kompitu</p> <ul style="list-style-type: none"> — Jadotta l-baġit u r-regolament finanzjarju; jagħti approvazzjoni lill-President u jiddetermina l-prezz tar-rapporti tat-tfittxija <p>4. Deċiżjonijiet konnessi mal-proċeduri</p> <p>Id-deċiżjonijiet huma meħuda minn:</p> <ol style="list-style-type: none"> a) l-Eżaminaturi; b) id-Diviżjonijiet ta' l-Oppożizzjoni; c) l-Amministrazzjoni tat-<i>Trade Marks</i> u d-Diviżjoni Legali; d) id-Diviżjonijiet ta' l-Annullament; e) il-Bordijiet ta' l-Appell <p>5. Verifika esterna</p> <p>Il-Qorti ta' l-Awdituri</p> <p>6. Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Kumitat tal-Baġit ta' l-Uffiċċju</p>	<p>Baġit finali</p> <p>212-il miljun euro (218 miljun euro) inkluż sussidju Komunitarju: 0 % (0 %)</p> <p>Numru tal-persunal fl-31 ta' Diċembru 2006</p> <p>675 (675) kariga fil-pjan ta' stabbiliment,</p> <p>karigi okkupati: 603 (611)</p> <p>+ 72 (78) persunal ieħor (kuntratti awżiljarji, esperti nazzjonali sekondati, persunal lokali u ta' l-aġenziji ta' l-impjiegi)</p> <p>Total tal-Persunal: 675 (689)</p> <p>assenjati fid-doveri li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — produzzjoni: 480 (548) — sostenn: 195 (141) 	<p>Trade marks</p> <p>Numru ta' applikazzjonijiet: 77 461</p> <p>Numru ta' reġistrazzjonijiet: 66 954</p> <p>Numru ta' każijiet ta' oppożizzjoni: 13 995</p> <p>li minnhom maqtugħa 13 979</p> <p>Appelli lill-Bordijiet ta' l-Appell: 1 659</p> <p>Żmien medju għar-reġistrazzjoni (esklużi l-oppożizzjoni jew l-appell):</p> <ul style="list-style-type: none"> — qabel il-publikazzjoni: 8 xhur — bejn il-publikazzjoni u r-reġistrazzjoni: 6 xhur <p>Mudelli u diżinjali</p> <p>Diżinjali rċevuti: 68 500</p> <p>Diżinjali rreġistrati: 69 555</p>

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Uffiċċju.

Tabella 2

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006

(1 000 euro)

Dħul			Infiq								
Sors tad-dħul	Dħul inkluż fil-baġit finali għas-sena finanzjarja	Dħul irċevu	Allokazzjoni ta' l-infiq	Appropriazzjonijiet tal-baġit finali					Appropriazzjonijiet miġjuba l-quddiem mis-sena finanzjarja preċedenti		
				imdaħħla	impenjati	imħallsa	miġjuba l-quddiem	annullati	disponibbli	imħallsa	annullati
Dħul proprju	146 723	184 020	Titolu I Persunal	60 431	59 348	56 758	1 390	2 283	995	835	160
Dħul ieħor	709	553	Titolu II Amministrazzjoni	37 772	31 337	20 639	10 691	6 442	9 685	8 866	819
Interessi	4 500	7 692	Titolu III Attivitajiet operattivi	36 541	35 371	20 963	14 407	1 170	14 226	13 015	1 212
Bilanċ tas-sena finanzjarja preċedenti	59 797	59 296	Titolu X Riżerva	76 985	0	0	0	76 985	0	0	0
Total	211 729	251 561	Total	211 729	126 056	98 360	26 488	86 880	24 906	22 716	2 191

Sors: Dejta mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-Tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu. Id-dħul miġbur u l-pagamenti huma stmati abbażi tal-flus kontanti.

Tabella 3

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Kont tar-riżultat ekonomiku għas-snin finanzjarji 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Dħul operattiv		
Dħul minn onorarji	184 066	156 945
Dħul mill-bejgħ ta' pubblikazzjonijiet	285	512
Dħul ieħor	172	310
Total (a)	184 523	157 767
Spejjeż operattivi		
Spejjeż tal-persunal	58 055	56 278
Spejjeż relatati ma' l-attiv fiss	3 586	3 386
Spejjeż amministrattivi oħra	26 833	25 224
Spejjeż operattivi	34 720	35 850
Total (b)	123 194	120 738
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet operattivi (c = a - b)	61 329	37 029
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji (e)	8 149	4 451
Spejjeż minn operazzjonijiet finanzjarji (f)	63	38
Bilanċ favur /(kontra) minn attivitajiet mhux operattivi (g = e - f)	8 086	4 413
Riżultat ekonomiku għas-sena (h = c + g)	69 415	41 442

Sors: Dejta mogħtija mill-Uffiċċju. Din it-tabella tagħti sommarju tad-dejta mogħtija mill-Uffiċċju fil-kontijiet annwali tiegħu: dawn il-kontijiet huma ppreparati abbażi tad-dovuti.

Tabella 4

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Alicante) — Karta tal-Bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005

(1 000 euro)

	2006	2005
Attivi mhux kurrenti		
Attiv fiss intanġibbli	1 023	829
Attiv fiss tanġibbli	25 948	26 627
Attiv kurrenti		
Pre-finanzjament ta' skadenza qasira	190	185
Riċevibbli ta' skadenza qasira	2 453	2 011
Flus likwidi u ekwivalenti	281 510	208 020
Total ta' l-attiv	311 125	237 672
Passiv mhux kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	727	597
Passiv ieħor ta' skadenza twila	20	16
Passiv kurrenti		
Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż	12 266	10 499
Kontijiet pagabbli	54 681	52 544
Total tal-passiv	67 693	63 656
Attiv nett		
Riżervi	72 353	—
Bilanċ favur/kontra akkumulat	101 663	132 575
Riżultat ekonomiku għas-sena	69 415	41 442
Total ta' l-attiv nett	243 431	174 017
Total tal-passiv u l-attiv nett	311 125	237 672

IR-RISPOSTI TA' L-UFFIĊĊJU

7. L-Uffiċċju qed ikompli bl-isforzi tiegħu sabiex itejjeb il-previżjonijiet tad-dħul u tal-ħruġ tiegħu. L-ammont sinifikanti ta' approprijazzjonijiet li ġew miġjuba 'l quddiem mill-2006 għall-2007, huwa dovut prinċiparjament għad-dewmien ta' xi proġetti ta' l-IT. L-Uffiċċju implimenta proċedura imtejba f'April 2007 għal ġestjoni tat-trasferimenti.

8. L-Uffiċċju ħa nota tajba ta' l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri. F'Diċembru 2006, il-Kummissjoni għamlet proposti

għal mekkaniżmu ġdid tal-miżati. F'Mejju 2007, il-Kunsill saqsa lill-Kummissjoni sabiex tagħmel proposta għal tnaqqis sostanzjali.

9. Fl-2006, l-Uffiċċju diġa tejjeb il-formalizzazzjoni tal-proċeduri tiegħu rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani u b'mod partikolari ir-reklutaġġ. Fl-2007, dan l-isforz ser jkompli jieħu in konsiderazzjoni r-rimarki tal-Qorti.


RETTIFIKA

Rettifika għar-Rapport Annwali tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006, flimkien mar-risposti ta' l-istituzzjonijiet

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, C 273 tal-15 ta' Novembru 2007)

(2007/C 309/25)

F'paġna 124, il-Figura 6.2 inbidlet bil-Figura li ġejja:

“Figura 6.2 — Kontrolli prinċipali fi Stati Membru

F'paġna 127 it-Tabella 6.2 inbidlet bit-tabella li ġejja:

“Tabella 6.2 — Referenza tabulari tal-korrettezza tar-rimborż skond il-fond ⁽¹⁾

Korrettezza ta' Rimborż	Fond				Total
	ERDF	ESF	FAEGG	Fond ta' Koeżjoni	
Żball ta' eliġibbiltà	15-il każ 19 %	9 każijiet 15 %	3 każijiet 10 %	2 każijiet 20 %	29 każ 16 %
Żball ta' okkorrenza	5 każijiet 6 %	7 każijiet 12 %	0 każijiet 0 %	każ 1 10 %	13-il każ 7 %
Żball ta' preċiżjoni	2 każijiet 3 %	7 każijiet 12 %	każ 1 3 %	0 każijiet 0 %	10 każijiet 6 %
Żball multiplu	13-il każ 17 %	12-il każ 20 %	0 każ 0 %	0 każijiet 0 %	25 każ 14 %
Rimborż korrett	42 każ 55 %	25 każ 42 %	26 każ 87 %	7 każijiet 70 %	100 każ 56 %
Total	77 każ 100 %	60 każ 100 %	30 każ 100 %	10 każijiet 100 %	177 każ 100 % ⁽²⁾

⁽¹⁾ Din ir-referenza tabulari hija bbażata fuq kampjun ta' proġetti tal-Qorti.

⁽²⁾ Il-kolonni għall-ESF u t-total ma jammontawx għall-100 %. Id-differenzi huma minħabba l-ittondjar.

F'paġna 131 it-Tabella 6.5 nbidlet bit-tabella li ġejja:

“Tabella 6.5 — Evalwazzjoni ta' kampjun tal-verifiki tal-Kummissjoni

Iggradar tal-verifika	Numru ta' verifiki	
	DĠREGIO	DĠEMPL
Kien hemm nuqqasijiet maġġuri fl-istima tar-riskju	0	0
Kien hemm stima tar-riskju adegwata, imma r-riżultat tal-verifika ta' ftit użu operattiv	1	0
Kien hemm stima tar-riskju adegwata u riżultat tal-verifika utli operazzjonalment, iżda l-ebda azzjoni korrettiva korrispondenti ta' wara l-verifika.	0	0
Kien hemm riskju tal-verifika adegwat, riżultat tal-verifika utli operattivament u azzjoni korrettiva korrispondenti ta' wara l-verifika ⁽¹⁾ .	7	1
Kien hemm nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni tal-verifika li għamli l-evalwazzjoni tar-riżultat tal-verifika diffiċli ⁽²⁾ .	2	4
Total	10	5

⁽¹⁾ Is-segwitu assoċjat mar-riżultat tal-verifika xi kultant huwa tard.



⁽²⁾ Din mhix klassifika fl-iskala ppreżentata fil-Paragrafu 6.23. Il-każijiet huma inklużi minħabba komplettezza u wkoll minħabba li dokumentazzjoni inkompleta tista' tkun interpretata bħala indikazzjoni ta' nuqqas ta' utilità operattiva ta' riżultat tal-verifika.

F'paġna 135 l-Anness 6.1 inbidel bl-Anness li ġej:

“ANNEX 6.1

Klassifikazzjoni tas-sistemi ta' kontroll

Programm	Evalwazzjonijiet tal-funzjonament ta':				Is-sistema ta' kontroll:
	Awtorità ta' Tmexxija	Awtorità ta' Pagament	Korp tal-Verifika	Korp ta' Stralċ	
FAEGG — Sachsen-Anhalt					Moderatament effettiva
FAEGG — il-Polonja					Ineffettiva
FAEGG — Spanja					Ineffettiva
ESF — Objettiv 3 — il-Ġermanja- North Rhine-Westphalia					Moderatament effettiva
ESF — Objettiv 3 — il-Ġermanja- Lower Saxony					Ineffettiva
ESF — Objettiv 3 — Franza — Midi Pyrénées					Ineffettiva
ESF — Objettiv 3 — Franza — Nord-Pas de Calais					Moderatament effettiva
ESF — Objettiv 1, Miżuri edukattivi, l-Islovenja					Ineffettiva
ESF — Objettiv 1 il-Ġermanja — Thüringen					Moderatament effettiva
ESF — Objettiv 1 — Fomento del empleo — Spanja					Ineffettiva
ESF — Objettiv 3 — ir-Renju Unit — l-Iskozja					Ineffettiva
ERDF — L-Italja — Campania					Ineffettiva
ERDF — Spanja — Pais Vasco					Ineffettiva
ERDF — il-Greċja — Peloponnesus					Moderatament effettiva
ERDF — il-Portugall — Aċċessibbiltà u trasport					Moderatament effettiva
ERDF — Interreg — Awstrija/Ungerija					Ineffettiva
ERDF — Spanja — Valencia					Ineffettiva
ERDF — ir-Renju Unit — Merseyside					Ineffettiva
CF — Spanja — 7 proġetti					Ineffettiva

	Sodisfaċenti
	Parzjalment sodisfaċenti
	Mhux sodisfaċenti

”